# RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/036 |
| **Ilmenti:** | Għoti ta' kuntratt ta' konsulenza fuq bażi ta' ħbiberija personali lil persuna mhix ikkwalifikata |
| **Ilmentaturi:** | Is-Sinjura Alison Bogdanovic<br>Il-Professur Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilmenti:** | 21 ta' Marzu 2021 (is-Sinjura Bogdanovic)<br><br>22 ta' Marzu 2021 (il-Prof. Cassola) |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 10 ta' Diċembru 2021 |

**WERREJ**

**L-Ilmenti** ........ **5**

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni** ........ **6**

L-allegazzjoni dwar preferenzi fl-għoti ta' benefiċċji ........ 7

L-allegazzjoni dwar l-ingaġġ ta' Danijel Bogdanovic fis-segretarjat tal-Ministru Caruana u ċ-ċaħda dwar dan ........ 7

L-għoti ta' kuntratt għal servizz b'direct order lil Danijel Bogdanovic ........ 8

L-allegazzjoni li l-Ministru Caruana tat direct orders lil ħu Danijel Bogdanovic ........ 9

L-allegazzjoni li l-Ministru Caruana pprovat tkeċċi lil oħt l-Ilmentatriċi mix-xogħol tagħha ........ 10

L-iskop tal-investigazzjoni tiegħi ........ 10

Ir-relevanza tal-allegata relazzjoni bejn il-Ministru Caruana u Danijel Bogdanovic għal dawn l-allegazzjonijiet ........ 12

**Proċedura tal-Investigazzjoni** ........ **13**

Evidenza miġbura ........ 13

Ġbir ta' evidenza mingħand il-Malta Information Technology Agency ........ 16

Preżentazzjoni tal-evidenza ........ 16

**Il-Kuntest** ........ **18**

**Sommarju tal-Evidenza** ........ **20**

**L-Impieg ta' Danijel Bogdanovic fil-Community Work Scheme** ........ **20**

L-ingaġġ ta' Danijel Bogdanovic bħala impjegat fl-iskema ........ 20

It-trasferiment tas-Sur Bogdanovic għal mal-Ministeru għall-Edukazzjoni ........ 22

Id-dmirijiet ta' Danijel Bogdanovic bħala impjegat tal-Community Work Scheme fil-Ministeru għall-Edukazzjoni ........ 22

L-allegazzjoni li l-Ministru tat żieda fil-paga lis-Sur Bogdanovic ........ 24

**Il-Proċess biex Danijel Bogdanovic Jiġi Ngaġġat fis-Segretarjat tal-Ministru Caruana** ........ **25**

Kuntratt tas-segretarjat approvat u offrut, iżda mhux iffirmat ........ 27

L-irwol ta' Danijel Bogdanovic fis-segretarjat ........ 29

L-allokazzjoni ta' karozza ........ 30

L-allokazzjoni ta' mobile.......... 32
Ordni biex jintemm l-ingaġġ ta' Danijel Bogdanovic fis-segretarjat.......... 33

**Il-Proposta biex Danijel Bogdanovic Jingħata Kuntratt biex Jikkoordina Xogħlijiet fl-Iskejjel.......... 33**

**Il-Kuntratt għall-Istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport.......... 34**
Kif oriġinat il-proposta li jsir studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport.......... 34
Kif ġie magħżul Danijel Bogdanovic biex jagħmel l-istudju.......... 36
Danijel Bogdanovic kien ikkwalifikat biex jagħmel l-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport?.......... 40
L-approvazzjoni biex il-kuntratt jingħata b'direct order.......... 44
Il-preparazzjoni tal-abbozz tar-rapport dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport.......... 45
Il-ħlas li sar lil Danijel Bogdanovic skont il-kuntratt.......... 54
It-terminazzjoni tal-kuntratt.......... 56

**Konsiderazzjonijiet.......... 57**
Il-Ministru Caruana tat trattament preferenzjali lil Danijel Bogdanovic?.......... 57
Il-kelliem tal-Ministru għamel stqarrija falza meta ċaħad li Danijel Bogdanovic kien membru tas-segretarjat tagħha?.......... 59
Danijel Bogdanovic kien kwalifikat biex jagħmel studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport?.......... 60

**Konklużjonijiet.......... 64**

**Lista ta' Dokumenti Miġbura bħala Evidenza.......... 66**

**Dokument A1.......... 84**

**Dokument A2.......... 85**

**Dokument A3.......... 86**

**L-ILMENTI**

1. Permezz ta' email datata l-21 ta' Marzu 2021 (annessa u mmarkata bħala d-Dokument A1), is-Sinjura Alison Bogdanovic (l-Ilmentatriċi) talbitni ninvestiga abbuż u ksur ta' etika da parti tal-Onor. Dr Justyne Caruana, Ministru għall-Edukazzjoni. L-Ilmentatriċi allegat li l-Ministru Caruana kienet qegħda f'relazzjoni mal-eks raġel tagħha, Danijel Bogdanovic, u fost affarijiet oħra qalet ukoll dan li ġej:

> *Il-Ministru abbużat mill-pożizzjoni tagħha għaliex malli reġgħet saret Ministru f'Diċembru li għadda lir-raġel tiegħi tatu pożizzjoni fis-segretarjat privat tagħha bħala Secretariat Officer.*
>
> *Sa dak iż-żmien huwa kien jaħdem fl-iskema tal-Ħaddiema tal-Komunità. Skema għal dawk li kienu jirreġistraw għax-xogħol.*
>
> *Ftit wara żiditlu wkoll il-paga b'madwar 500 ewro fix-xahar.*
>
> *Issa minn Jannar tatu kuntratt ta' 5,000 ewro fix-xahar.*
>
> *Barra dan, huwa għandu karozza tal-Ministeru bil-fuel kollu mħallas u mobile tal-Ministeru wkoll.*

2. L-Ilmentatriċi allegat ukoll li l-Ministru Caruana kienet tat direct orders lil ħu Danijel Bogdanovic, u li użat il-pożizzjoni tagħha biex tipprova tkeċċi lil oħt l-Ilmentatriċi mix-xogħol.

3. Ġurnata wara, fit-22 ta' Marzu 2021, permezz ta' email (Dokument A2), Prof. Arnold Cassola talabni ninvestiga allegazzjonijiet dwar l-istess każ li ġew ippubblikati dakinhar stess mill-ġurnal *MaltaToday* billi, skont kif qal hu, "*jingħad li Bogdanovic il-boyfriend tal-Ministru*".

4. Ir-rapport in kwistjoni tal-ġurnal *MaltaToday* (riprodott bħala d-Dokument A3) jirreferi għal stqarrija tal-Ministeru għall-Edukazzjoni li tiċħad li s-Sur Bogdanovic ġie mqabbad bħala membru tas-segretarjat tal-Ministru Caruana. Biss, ir-rapport jirreferi wkoll għal business cards tas-Sur Bogdanovic li jindikawh bħala Coordinating Officer fis-segretarjat tal-Ministru. Barra minn hekk, ir-rapport jgħid ukoll li s-Sur Bogdanovic ingħata kuntratt għal servizz b'valur ta' €15,000 għal perjodu ta' tliet xhur biex jagħmel rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport. L-artiklu jallega li s-Sur Bogdanovic huwa ħabib personali tal-Ministru Caruana, u li kien

minħabba din il-ħbiberija li ngħata dan il-kuntratt meta m'għandux kwalifiċi pedagoġiċi.

**DEĊIŻJONI LI SSIR INVESTIGAZZJONI**

5. Iż-żewġ ilmenti huma fondati fuq allegazzjoni li l-Ministru Justyne Caruana hija jew kienet f'relazzjoni ma' Danijel (ġieli msejjaħ Daniel) Bogdanovic.

6. Bħal kull persuna oħra, ministru għandu l-ħajja privata tiegħu. Mhux il-kompitu tiegħi li nindaga dwar il-ħajja personali ta' ministru sakemm dak li jagħmel fil-ħajja privata tiegħu ma jwassalx għal ksur ta' etika, ksur ta' dmir statutorju ieħor, jew abbuż ta' xi setgħa diskrezzjonali li hija fdata f'idejh bħala ministru – ċioè r-raġunijiet għalfejn jiena nista' ninvestiga allegazzjoni u nirrapporta l-fehma tiegħi dwarha lill-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont l-artikolu 22 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Għaldaqstant l-allegata relazzjoni bejn il-Ministru Caruana u s-Sur Bogdanovic tista' tkun relevanti għal din l-investigazzjoni biss jekk għandha rabta diretta mal-allegazzjonijiet li tressqu mill-ilmentaturi u li jittrattaw speċifikament dwar ksur ta' dmir etiku jew dmir statutorju jew abbuż ta' setgħat diskrezzjonali da parti tal-Ministru Caruana.

7. Dawn l-allegazzjonijiet jistgħu jiġu elenkati kif jidher hawn taħt:

(a) il-Ministru Justyne Caruana abbużat mill-kariga tagħha billi żiedet il-paga lil Danijel Bogdanovic u billi daħħlitu fis-segretarjat tagħha, fejn gawda minn perkaċċi bħal mobile phone u karozza mħallsa mill-ministeru;

(b) il-Ministeru għall-Edukazzjoni għamel stqarrija falza meta ċaħad li s-Sur Bogdanovic kien membru tas-segretarjat tal-Ministru;

(ċ) il-Ministru tat kuntratt għal servizz bil-valur ta' €15,000 lis-Sur Bogdanovic b'direct order (jiġifieri mingħajr sejħa kompetittiva għall-offerti) biex jagħmel xogħol li ma kienx ikkwalifikat għalih;

(d) il-Ministru tat direct orders ukoll lil ħu Danijel Bogdanovic; u

(e) il-Ministru wżat il-pożizzjoni tagħha biex tipprova tkeċċi lil oħt l-Ilmentatriċi mix-xogħol tagħha.

8. Se niddiskuti dawn l-allegazzjonijiet waħda waħda biex niddetermina jekk hemmx bażi biex ninvestigahom. Naturalment, f'dan l-istadju miniex nesprimi ġudizzju dwar jekk l-allegazzjonijiet humiex fondati jew le.

**L-allegazzjoni dwar preferenzi fl-għoti ta' benefiċċji**

9. L-allegazzjoni (a) qed tistrieħ fuq il-premessa li s-Sur Bogdanovic ma kienx intitolat għaż-żieda fil-paga u l-perkaċċi l-oħra li allegatament gawda minnhom. Jekk kien intitolat għal dawn il-benefiċċji, l-għoti tagħhom (dejjem jekk verament ingħataw) ma jkunx jista' jitqies ksur ta' etika jew abbuż ta' poter.

**L-allegazzjoni dwar l-ingaġġ ta' Danijel Bogdanovic fis-segretarjat tal-Ministru Caruana u ċ-ċaħda dwar dan**

10. Huwa diffiċli li wieħed isostni l-allegazzjoni li, jekk il-Ministru daħħlet is-Sur Bogdanovic fis-segretarjat tagħha, dan fih innifsu jikkostitwixxi abbuż tas-setgħat tagħha. Kull ministru għandu diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla tal-membri tas-segretarjat tiegħu. Il-prattika hija li dawn ikunu persuni ta' fiduċja tal-ministru, li jimplika allura li jkunu midħla sew tiegħu. Ma nħossx li nista' nissindika l-għażla ta' membri tas-segretarjat ta' ministru, sakemm l-għażla ma tiksirx xi regola partikolari, jew sakemm ma jkunx hemm allegazzjoni speċifika ta' abbuż marbuta ma' dik l-għażla.

11. L-ingaġġ fis-segretarjati tal-ministri huwa regolat minn dokument tal-gvern imsejjaħ il-Manwal ta' Proċeduri tal-Kabinett. Il-paragrafu 5.6 ta' dan il-manwal jgħid li "*Il-Ministri m'għandhomx jappuntaw fis-segretarjati privati tagħhom konjuġi jew qraba b'konsangwinità sal-ewwel grad*." Fid-dinja tal-lum jista' jitqies anakroniżmu li din ir-regola ma tagħmel ebda riferenza għal relazzjonijiet mhux fiż-żwieġ, u jkun xieraq li tiġi aġġornata, iżda fil-preżent hi dik li hi. Kif tosserva l-Ministru Caruana fis-sottomissjonijiet finali tagħha dwar il-każ preżenti, ir-regola ma tapplikax għal Danijel Bogdanovic.

12. L-artikolu 8.6 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, jgħid li "*Ebda Ministru m'għandu jieħu sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jolqtu membri tal-familja tiegħu, persuni oħra qrib tiegħu*" [sic]. Biss, dan l-artikolu ma jirreferix speċifikament għall-ingaġġ fis-segretarjati u jidher intiż li jirregola l-eżerċizzju ta' setgħat ministerjali aktar wesgħin. Dan l-artikolu jista' jitqies applikabbli għall-allegazzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt b'direct order, iżda fir-rigward tal-ingaġġ fis-segretarjati ma nħossx li għandu jirbaħ fuq il-paragrafu 5.6 tal-Manwal ta' Proċeduri tal-Kabinett billi dan huwa aktar speċifiku.

13. Għal dawn ir-raġunijiet m'għandix bażi biex ninvestiga l-allegazzjoni li l-Ministru abbużat mill-kariga tagħha billi daħħlet is-Sur Bogdanovic fis-

segretarjat tagħha, minkejja l-allegata relazzjoni bejn il-Ministru u s-Sur Bogdanovic, in kwantu l-allegat abbuż jikkonsisti biss fl-ingaġġ tiegħu bħala membru tas-segretarjat.

14. Madankollu hemm l-allegazzjoni li dehret fil-*MaltaToday* fit-22 ta' Marzu 2021 (Dokument A3) li l-Ministeru għall-Edukazzjoni gideb meta ċaħad li s-Sur Bogdanovic kien membru tas-segretarjat tal-Ministru. Il-Prof. Cassola jirreferi għal dan ir-rapport fl-ilment tiegħu.

15. Ir-rapport fil-*MaltaToday* jirreferi għal rapport ieħor li deher fl-istess ġurnal (fl-edizzjoni stampata biss, mhux online) fl-10 ta' Jannar 2021, u li allega li s-Sur Bogdanovic kien maħtur membru tas-segretarjat tal-Ministru Caruana. Ir-rapport tat-22 ta' Marzu 2021 jgħid li wara li ħareġ ir-rapport tal-10 ta' Jannar, Etienne St John, kelliem tal-Ministru Caruana, ikkuntattja l-ġurnal biex jiċħad bil-qawwa li s-Sur Bogdanovic kien ġie ingaġġat fis-segretarjat. Din kienet ir-raġuni għalfejn il-ġurnal ma tellax ir-rapport tal-10 ta' Jannar 2021 fis-sit elettroniku tiegħu. Ir-rapport tat-22 ta' Marzu 2021 jindika li din iċ-ċaħda kienet f'ċertu sens qarrieqa peress li s-Sur Bogdanovic kellu business card bit-titolu ta' Coordinating Officer fis-segretarjat tal-Ministru, u kien jidher ukoll bħala Secretariat Officer fid-direttorju tal-email tal-gvern.

16. Jekk is-Sur Bogdanovic tassew kien membru tas-segretarjat, iċ-ċaħda tal-ministeru potenzjalment timplika lill-Ministru Caruana fi ksur ta' etika. Dan jagħtini bażi biex ninvestiga jekk is-Sur Bogdanovic kienx verament membru tas-segretarjat tal-Ministru, bil-għan limitat li nistabbilixxi jekk il-kelliem tagħha qalx il-verità dwar dan.

**L-għoti ta' kuntratt għal servizz b'direct order lil Danijel Bogdanovic**

17. F'każ ieħor ikkunsidrajt jekk l-għoti ta' kuntratt b'direct order fih innifsu jistax jitqies etikament skorrett, u kkonkludejt hekk:

> *Għalkemm l-użu ta' direct order fih innifsu* [...] *jikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola normali, li hija l-użu ta' sejħiet għall-offerti (jew, kif tissejjaħ fir-regolamenti, il-proċedura miftuħa), l-użu ta' direct order mhux*

*neċessarjament jirrappreżenta abbuż ta' poter, għaliex dan huwa permess mil-liġi f'ċerti ċirkostanzi.*[1]

18. Fil-fatt ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (LS 601.03) jagħtu d-diskrezzjoni lil kull entità pubblika li tagħti kuntratti b'direct order, jiġifieri mingħajr sejħa għall-offerti jew talba għall-kwotazzjonijiet, taħt il-valur ta' €10,000. Ir-regolamenti jeżiġu li kuntratti ta' valur ogħla minn dan l-ammont għandhom jingħataw wara sejħiet għall-offerti, iżda jagħtu lok biex kuntratti li jeċċedu dan l-ammont xorta jingħataw b'direct order jekk tinkiseb approvazzjoni ċentrali għal dan il-għan. Ir-regolamenti jispeċifikaw f'liema ċirkostanzi tista' tingħata din l-approvazzjoni.

19. Bħala regola ġenerali, għalhekk, is-sempliċi fatt li kuntratt jingħata b'direct order fih innifsu ma jirrappreżentax bażi biex jiena nibda investigazzjoni dwar ksur ta' etika jew abbuż ta' poter. Għandu jkun hemm allegazzjonijiet speċifiċi dwar tali ksur jew abbuż in konnessjoni mal-għoti tal-kuntratt biex jiena ninvestigah.

20. F'dan il-każ partikolari, l-allegazzjoni li Danijel Bogdanovic ma kienx kwalifikat għax-xogħol li ġie mqabbad jagħmel permezz tal-kuntratt li ngħata b'direct order tagħti biżżejjed lok għal investigazzjoni min-naħa tiegħi.

21. Jekk allegazzjoni bħal din tirriżulta li hi minnha, l-għoti ta' kuntratt b'direct order jista' jitqies ksur ta' etika jew abbuż ta' poter minkejja li d-direct order tkun ġiet approvata skont ir-regolamenti. L-approvazzjoni in kwistjoni tingħata minn uffiċċju fil-Ministeru għall-Finanzi li mhuwiex awtorità fuq kwistjonijiet etiċi u mhux mistenni li jidħol fihom. Għaldaqstant, jekk direct order partikolari tqajjem kwistjonijiet etiċi, dawn ma jixxejnux minħabba s-sempliċi fatt li dik id-direct order tkun ġiet approvata skont ir-regolamenti.

### L-allegazzjoni li l-Ministru Caruana tat direct orders lil ħu Danijel Bogdanovic

22. L-ilmentatriċi ma ssemmi ebda ċirkostanzi li potenzjalment jirrappreżentaw bażi biex ninvestiga l-allegazzjoni li l-Ministru tat direct orders lil ħu Danijel Bogdanovic. Tgħid biss li dawn setgħu ġew influwenzati mir-

[1] Rapport dwar il-każ K/026 (21 ta' Lulju 2021), paragrafu 6. Ir-rapport huwa aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K026.pdf.

relazzjoni li allegatament kien hemm bejn il-Ministru u Danijel Bogdanovic. L-ilmentatriċi lanqas ma tagħti dettalji dwar dawn id-direct orders, ħlief li kienu jinvolvu xogħlijiet fl-uffiċini f'Għawdex tal-Ministeru għall-Edukazzjoni.[2]

23. Fin-nuqqas ta' dettalji u ta' allegazzjonijiet aktar speċifiċi, kieku kelli ninvestiga dawn id-direct orders kien ikolli nibda billi niġbor informazzjoni dwarhom sempliċiment biex nara jekk hemmx bażi biex ninvestigahom – fi kliem ieħor, niftaħ investigazzjoni li tammonta għal "fishing expedition".

24. Fid-dawl ta' dan, u fid-dawl tad-diskussjoni preċedenti, hija l-opinjoni tiegħi li m'hemmx bażi biex ninvestiga d-direct orders li allegatament ingħata ħu Danijel Bogdanovic. Fi kwalunkwe każ għandu jingħad li fis-sottomissjonijiet tagħha dwar dan il-każ, il-Ministru Caruana ċaħdet li tat direct orders lil ħu Danijel Bogdanovic.[3]

**L-allegazzjoni li l-Ministru Caruana pprovat tkeċċi lil oħt l-Ilmentatriċi mix-xogħol tagħha**

25. L-allegazzjoni li l-Ministru Caruana pprovat tkeċċi lil oħt l-Ilmentatriċi mix-xogħol tagħha tittratta dwar persuna li mhix l-Ilmentatriċi, għad li tiġi minnha. Biex ninvestiga ilment li jallega trattament ħażin ta' persuna privata, inkun irrid nindaga dwar iċ-ċirkostanzi personali ta' dik il-persuna. Għalhekk, fil-fehma tiegħi tali ilment għandu jsir direttament mill-persuna milquta. Fl-assenza ta' ilment minn din il-persuna, ma nħossx li jiena għandi ninvestiga din l-allegazzjoni. Barra minn hekk, dak li stqarret l-Ilmentatriċi dwar din l-allegazzjoni hija vaga wisq biex tagħtini lok nibda investigazzjoni.

**L-iskop tal-investigazzjoni tiegħi**

26. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-investigazzjoni tiegħi se tiffoka fuq it-tliet allegazzjonijiet li ġejjin:

(a) li l-Ministru Caruana tat trattament preferenzjali lis-Sur Bogdanovic fil-forma ta' żieda fil-paga u perkaċċi oħra li huwa ma kienx intitolat għalihom;

---

2 Dokument B/AB/1, linji 552–574.

3 Dokument B/JC/3, paragrafu 15(e).

(b) li l-kelliem tal-Ministru Caruana għamel stqarrija falza meta ċaħad li s-Sur Bogdanovic kien membru tas-segretarjat tal-Ministru; u

(ċ) li l-Ministru Caruana tat kuntratt għal servizz bil-valur ta' €15,000 lil Danijel Bogdanovic b'direct order biex jagħmel xogħol li ma kienx ikkwalifikat għalih.

27. L-investigazzjoni tiegħi tal-**allegazzjonijiet (a) u (ċ)** hija inkwadrata fl-artikolu 22(2) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li jirreferi għat-twettiq ta' "*setgħa diskrezzjonali b'mod li jikkostitwixxi abbuż ta' poter*", kif ukoll fid-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jidher bħala t-tieni skeda tal-Att:

> *5.1 Sens ta' servizz – il-ġid suprem huwa l-ġid komuni u Ministru m'għandux ikun motivat minn sens ta' gwadann personali, familjari, ta' ħbiebu jew persuni qrib tiegħu, iżda biss minn sens ta' servizz lejn il-komunità inġenerali u l-ġid komuni, għax fuq kollox hu qed jamministra beni pubbliċi f'isem il-pubbliku inġenerali*.
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom*.
>
> *5.4 Oġġettività – fil-qadi tad-doveri pubbliċi, inkluż fil-ħatriet għall-karigi, l-għoti ta' kuntratti, jew fil-kuntest ta' kull għoti ta' benefiċċji*.
>
> *8.6 Ebda Ministru m'għandu jieħu sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jolqtu membri tal-familja tiegħu, persuni oħra qrib tiegħu, u ebda Ministru m'għandu jiġi kkundizzjonat b'mod mhux xieraq fid-deċiżjonijiet tiegħu minn konflitt ta' interess finanzjarju jew mod ieħor, tiegħu jew ta' persuni qrib tiegħu* [...].

28. Fil-każ tal-allegazzjoni (ċ), li hija bil-bosta l-aktar waħda serja minn dawk li qed jiġu kkunsidrati f'din l-investigazzjoni, huma potenzjalment relevanti wkoll l-artikoli 124 u 125 tal-Kodiċi Kriminali, li jittrattaw dwar interess privat f'aġġudikazzjonijiet u fl-għoti ta' ordnijiet da parti ta' uffiċjali pubbliċi. Dawn l-artikoli jgħidu hekk:

> ***124.*** *Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, bid-deher jew bil-moħbi jew bil-mezz ta' persuna oħra, jieħu interess privat f'aġġudikazzjoni, appalt,*

*jew amministrazzjoni, sewwa jekk ikollu għal kollox jew f'parti t-triġija jew is-sorveljanza tagħhom, kif ukoll jekk kellu din it-triġija jew sorveljanza fiż-żmien li l-aġġudikazzjoni, l-appalt, jew l-amministrazzjoni nbdew, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur, u l-interdizzjoni perpetwa tal-kariga jew impieg tiegħu pubbliku.*

***125.*** *Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi jieħu interess privat f'affari li dwarha jkun inkarigat jagħti ordnijiet, jagħmel likwidazzjonijiet, ranġamenti jew ħlasijiet ta' kull xorta li jkunu, jeħel, meta jinsab ħati, il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan.*

29. L-investigazzjoni tiegħi tal-**allegazzjoni (b)** hija nkwadrata f'dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari:

*5.7 Onestà – il-Ministri għandhom* [...] *jagħtu informazzjoni sħiħa u korretta lill-Parlament, lill-Kabinett u lill-pubbliku inġenerali*.

*10.3 Kemm-il darba tiġi mgħoddija informazzjoni mhux korretta, din għandha tiġi korretta minnufih*.

**Ir-relevanza tal-allegata relazzjoni bejn il-Ministru Caruana u Danijel Bogdanovic għal dawn l-allegazzjonijiet**

30. L-allegazzjonijiet (a) u (ċ) jammontaw għal akkuża li Danijel Bogdanovic ibbenefika minn favoritiżmu da parti tal-Ministru Justyne Caruana a skapitu tal-interess pubbliku. Akkuża bħal din tiddependi fuq xi forma ta' relazzjoni personali bejn il-persuna li tagħti trattament favorevoli u l-persuna li tibbenefika minnu. Jekk ma jkunx hemm relazzjoni ta' dan it-tip, imqar indiretta, dak li jidher bħala trattament favorevoli jkun, fl-agħar ipoteżi, jista' jitqies żball. F'dan il-każ l-artikoli 5.1, 5.4 u 8.6 tal-Kodiċi ta' Etika jaqgħu u jibqa' jgħodd biss l-artikolu 5.3 dwar id-diliġenza.

31. F'dan il-kuntest, ta' min wieħed jinnota li sew il-Ministru Caruana u sew Danijel Bogdanovic ċaħdu li qegħdin f'relazzjoni intima, iżda t-tnejn qalu li hemm ħbiberija bejniethom li tmur lura s-snin. Meta xehed quddiemi s-Sur Bogdanovic qal: "*Ara, fil-perjodu meta ngħatajt dak il … dak il-, dak l-inkarigu* [hawn qed jirreferi għad-direct order ta' €15,000], *u meta ġejt offrut biex nifforma parti mill- … mit-team ta' Justyne Caruana, jiena ma kelli l-ebda relazzjoni magħha, ħlief ta' ħbiberija u ta' rispett li dejjem kien hemm*". Mitlub

jikkjarifika għalfejn kien qed jorbot ix-xhieda tiegħu mal-perjodu li semma', qal biss "*Ma kellix, ma kelli l-ebda relazzjoni mal-Ministru Caruana*."[4]

32. Min-naħa tagħha l-Ministru Caruana xehdet li kienet ilha taf lis-Sur Bogdanovic għal ħafna snin, u kienet ħadmet miegħu f'xi okkażjonijiet fil-passat (per eżempju fuq programm ta' inklużjoni fil-klabb tal-futbol Xewkija Tigers). Xehdet ukoll li fiż-żmien li ma baqgħetx ministru bejn Jannar u Novembru 2020, hi u s-Sur Bogdanovic kienu jikkommunikaw, jitkellmu u jiltaqgħu, flimkien ma' nies oħra, fuq l-istrateġija politika tagħha. Iżda meta staqsejtha jekk kellhiex relazzjoni mas-Sur Bogdanovic hija wieġbet: "*Ma kellix. Ma kellix. Ma kellix. Issa, ħbiberija, għandi kemm trid*."[5]

33. Fil-fehma tiegħi, din il-ħbiberija bejn il-Ministru u s-Sur Bogdanovic hija biżżejjed biex jiskatta dak maħsub fl-artikoli 5.1, 5.4 u 8.6 tal-Kodiċi ta' Etika jekk jirriżulta li l-allegazzjonijiet (a) u (ċ) huma minnhom. Għandha tkun biżżejjed anki għall-finijiet tal-artikoli 124 u 125 tal-Kodiċi Kriminali. Hemm każistika li tindika li dawn iż-żewġ artikoli japplikaw jekk uffiċjal pubbliku jkun qed jaqdi l-interessi privati ta' persuna oħra a skapitu tal-interess pubbliku, u ma jkunx hemm għalfejn jitressqu provi dwar in-natura preċiża tar-relazzjoni ta' bejniethom.[6]

34. Għal dawn ir-raġunijiet, dak li xehdu l-Ministru Caruana u s-Sur Bogdanovic dwar il-ħbiberija ta' bejniethom huwa suffiċjenti għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni u m'għandix għalfejn nidħol fil-kwistjoni dwar jekk ir-relazzjoni ta' bejniethom tmurx oltre minn ħbiberija kif allegat mill-Ilmentatriċi. Għalhekk ma tlabtx mingħand l-Ilmentatriċi l-evidenza li hija allegat li għandha dwar dan.

## PROĊEDURA TAL-INVESTIGAZZJONI

### Evidenza miġbura

35. Bħala parti mill-investigazzjoni tiegħi, jiena ġbart xhieda taħt ġurament u dokumentazzjoni kif indikat hawn taħt:

---

4 Dokument B/DB/1, paġni 13 u 14.

5 Dokument B/JC/1, paġni 1 u 8.

6 Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Imħallef Michael Mallia) tat-13 ta' Novembru 2013 fil-każ Pulizija (Spt. Anġelo Gafà) vs Philip Azzopardi u Anthony Mifsud.

36. Is-Sinjura **Alison Bogdanovic**, l-eks mara ta' Danijel Bogdanovic (l-Ilmentatriċi), tat xhieda bil-fomm fis-7 t'April 2021. Fis-7 t'April l-Ilmentatriċi ipprovdietni ukoll bid-dokumenti segwenti:

- business card tal-Ministeru għall-Edukazzjoni b'isem is-Sur Bogdanovic u t-titolu ta' Secretariat Officer;
- ritratt ta' security tag tal-Ministeru għall-Edukazzjoni li juri l-isem "*Danierl Bongdanovic*" [sic] bil-kelma "*Secretariat*" taħtu;
- screenshot tad-direttorju tal-email tal-gvern li juri lil Danijel Bogdanovic bħala Secretariat Officer fil-Ministeru għall-Edukazzjoni;
- il-kuntratt tal-impjieg ta' Danijel Bogdanovic mal-Community Work Scheme Enterprise Foundation; u
- erba' payslips tas-Sur Bogdanovic għall-perjodu minn Settembru sa Diċembru 2020.

37. **Dr Francis Fabri**, s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, ipprovdieli informazzjoni bil-miktub fit-13 t'April 2021 b'risposta għal ittra mingħandi. Ta xhieda fl-14 t'April, il-21 ta' Lulju u s-16 ta' Settembru 2021. Permezz ta' email datata l-5 ta' Mejju, ipprovdieli ukoll dokumenti li jinkludu s-segwenti:

- korrispondenza dwar it-trasferiment tas-Sur Bogdanovic mill-Ministeru għal Għawdex għal mal-Ministeru għall-Edukazzjoni f' Diċembru 2020;
- email mingħand Dr Paul Debattista, konsulent tal-Ministru Caruana, fejn Dr Debattista jispjega illi l-Ministru trid tagħmel evalwazzjoni tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport (NSS);
- it-terms of reference għall-eżerċizzju tal-evalwazzjoni tal-NSS, li jispjegaw il-kwalifiċi neċessarji u l-kriterji għall-għażla tal-individwu;
- kopja tas-CV tas-Sur Bogdanovic;
- korrispondenza bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u d-Direct Orders Office fil-Ministeru tal-Finanzi dwar l-għoti b'direct order tal-kuntratt għall-istudju dwar l-NSS;
- scan tal-istess kuntratt iffirmat minn Dr Fabri u s-Sur Bogdanovic;
- korrispondenza dwar pagament ta' €5,900 li saret lis-Sur Bogdanovic taħt l-istess kuntratt; u

- scan ta' rapport bit-titlu *Assessment, Review and Recommendations for National Sports School: A Proposal to Minister for Education*, li jindika isem is-Sur Bogdanovic bħala l-awtur tar-rapport u li hu datat 23 ta' Marzu 2021.

38. Permezz ta' email datata 2 t'Awwissu 2021 Dr Fabri pprovdieli kopja ta' ittra li permezz tagħha s-Sur Bogdanovic ġie informat bit-terminazzjoni tal-kuntratt tiegħu, kif ukoll il-korrispondenza oriġinali li biha r-rapport kien intbagħat lilu mingħand Dr Debattista.

39. **Dr Paul Debattista**, konsulent tal-Ministru Justyne Caruana, ta xhieda fl-4 t'Awwissu 2021.

40. Is-**Sur Kenneth Cutajar**, Kap Eżekuttiv tal-kumpanija District Operations Ltd, ta xhieda fil-5 t'Awwissu 2021. Ipprovdieli kopji tal-payslips tas-Sur Bogdanovic għall-perjodu minn Diċembru 2020 sa Ġunju 2021 u bagħatli kopja tal-performance report tas-Sur Bogdanovic għas-sena 2020.

41. Is-**Sur John Borg**, Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex, ta xhieda fit-12 t'Awwissu 2021.

42. Is-**Sur Johnny Camilleri**, Head of Customer Care fis-segretarjat tal-Ministru Caruana, ta xhieda fit-12 t'Awwissu 2021.

43. Is-**Sur Danijel Bogdanovic** ta xhieda fit-23 t'Awwissu 2021. Fit-30 t'Awwissu ipprovdieli USB drive li fuqu kien hemm żewġ abbozzi differenti tar-rapport dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

44. L-**Onor. Dr Justyne Caruana**, Ministru għall-Edukazzjoni, tat xhieda fis-26 t'Awwissu 2021. Għamlet sottomissjonijiet bil-miktub fit-22 t'Ottubru 2021.

45. Is-**Sur Joseph Caruana Curran**, President tal-Aquatic Sports Association ta' Malta, ta xhieda fl-1 ta' Settembru 2021. Ipprovdieli screenshots ta' messaġġi skambjati bejnu u Dr Debattista.

46. Is-**Sur Bjorn Vassallo**, President tal-Malta Football Association, ta xhieda fis-16 ta' Settembru 2021.

47. Is-**Sur Glenn Micallef**, Kap tas-Segretarjat tal-Prim Ministru, ta xhieda fis-27 ta' Settembru 2021. Ipprovdieni b'kopja ta' talba għal security clearance tas-Sur Bogdanovic bħala membru tas-segretarjat tal-Ministru Caruana.

48. Tlabt informazzjoni mingħand **Dr Joyce Cassar**, Segretarju Permanenti, People and Standards Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, dwar l-ingaġġ tas-Sur Bogdanovic bħala persuna ta' fiduċja tal-Ministru Caruana. Dr Cassar wieġbet fil-qosor fis-7 ta' Settembru 2021 u f'iktar dettall fid-9 ta' Settembru 2021.

49. Tlabt informazzjoni mingħand is-**Sa Paulanne Mamo**, Accountant General, Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, dwar pagamenti li nħarġu lis-Sur Bogdanovic għas-servizzi tiegħu. Hija wieġbet permezz ta' ittra datata 9 ta' Settembru 2021.

50. Ir-rapport dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport, kif fornut lili minn Dr Francis Fabri, kien fil-forma ta' scan, ċioè dokument f'format li ma kienx oriġinali u li allura ma kellux dettalji elettroniċi tal-awtur. Minħabba f'hekk, u wara li smajt ix-xhieda ta' Dr Paul Debattista u Danijel Bogdanovic, bqajt b'dubji serji dwar kemm is-Sur Bogdanovic kien verament l-awtur ta' dan ir-rapport.

**Ġbir ta' evidenza mingħand il-Malta Information Technology Agency**

51. Għaldaqstant, iddeċidejt li nitlob aċċess għall-mailbox tal-kont tal-email tal-gvern tas-Sur Bogdanovic. Jiena kkorrispondejt mal-**Malta Information Technology Agency (MITA)** u tlabt l-emails kollha mibgħuta u rċevuti minn Danijel Bogdanovic mill-1 ta' Diċembru 2020 u l-mail server logs li jappartjenu għall-kont tal-email tiegħu mill-istess data. Din l-informazzjoni ġiet fornuta lili.

52. Mill-kontenut tal-mailbox tas-Sur Bogdanovic jiena ddeċidejt nittratta bħala evidenza dak kollu li b'xi mod dirett jew indirett seta' jitqies konness mal-każ. Tajt aċċess għal dawn l-emails, flimkien max-xhieda u l-evidenza miġbura qabel, lill-Ministru Caruana għall-finijiet tal-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Madankollu, mhux dawn l-emails kollha huma relevanti għall-investigazzjoni tiegħi, u għaldaqstant l-emails li qed nippreżenta bħala evidenza ma' dan ir-rapport huma dawk li attwalment nirreferi għalihom fir-rapport. Din tirrappreżenta għażla pjuttost aktar ristretta minn dik murija lill-Ministru Caruana. Madankollu qgħadt attent li nagħmel analiżi bilanċjata tal-fatti u dan hu rifless fl-għażla tal-emails.

**Preżentazzjoni tal-evidenza**

53. In vista tal-volum ta' evidenza li nġabret għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, kif ukoll tan-natura privata jew sensittiva ta' xi dokumenti li

jiffurmaw parti minn din l-evidenza, jiena qed niddipartixxi mill-prattika li adottajt f'investigazzjonijiet preċedenti, fejn inkorporajt l-evidenza bħala anness mar-rapport dwar l-investigazzjoni. F'dan il-każ l-evidenza ġiet maqsuma fi tliet kategoriji:

- **Kategorija A:** dokumenti annessi ma' dan ir-rapport. Din il-kategorija tinkludi biss l-ilmenti li wassluni biex ninvestiga dan il-każ, u riproduzzjoni tal-artiklu li deher fil-gazzetta *MaltaToday*, li jirreferi għalih il-Prof. Cassola.
- **Kategorija B:** dokumenti li qed jiġu pprovduti separatament u li huma miġbura f'żewġ volumi. Din il-kategorija tinkludi traskrizzjonijiet u sommarji ta' xhieda bil-fomm, stqarrijiet bil-miktub, u dokumenti oħra pprovduti mix-xhieda. Hija r-rakkomandazzjoni tiegħi li meta dan ir-rapport jiġi ppubblikat, iż-żewġ volumi ta' dokumenti fil-kategorija B jiġu ppubblikati miegħu.
- **Kategorija Ċ:** din il-kategorija tinkludi fost oħrajn l-emails li nqis li huma rilevanti għall-każ u li ttieħdu mill-mailbox ta' Danijel Bogdanovic; dokument ipprovdut mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru li huwa relatat mal-ingaġġ tas-Sur Bogdanovic bħala membru tas-segretarjat tal-Ministru Caruana; u dokumentazzjoni oħra li hija ta' natura privata u għandha biss rabta inċidentali mal-każ. Jiena jidhirli li l-evidenza f'din il-kategorija m'għandhiex tiġi ppubblikata, iżda lest nagħmilha aċċessibbli lill-membri tal-Kumitat għall-Istandards b'mod kunfidenzjali fuq talba tagħhom.

54. Il-kategorija ta' kull dokument hija indikata mis-suffiss "A", "B" jew "C" fin-numru ta' riferenza tad-dokument. Elenku tad-dokumenti kollha f'kull kategorija huwa ppreżentat ma' dan ir-rapport bħala l-ewwel anness, qabel id-dokumenti attwali fil-kategorija A.

55. Għall-bidu l-uffiċċju tiegħi beda jipprepara traskrizzjonijiet sħaħ tax-xhieda verbali, iżda in vista tal-ħin u riżorsi li dan kien jirrikjedi, iddeċidejt li għandhom isiru sommarji tax-xhieda sussegwenti. Madankollu, is-sommarji huma dettaljati u jippreżentaw l-aktar xhieda importanti kelma b'kelma sabiex il-qarrej iserraħ moħħu mill-fedeltà tagħhom. Il-Ministru Caruana ġiet informata li r-reġistrazzjonijiet tax-xhieda huma disponibbli fil-każ li jkollha bżonn tirreferi għalihom, u huma disponibbli wkoll għall-membri tal-Kumitat għall-Istandards.

56. Meta xehdet l-Ilmentatriċi, għamlet allegazzjonijiet ta' natura purament personali li m'għandhom ebda rilevanza għall-investigazzjoni tiegħi u ma nħossx li għandi nxandarhom. Dawn l-allegazzjonijiet tħallew barra mit-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha kif ippreżentata fl-ewwel volum tal-evidenza fil-kategorija B. Dan hu indikat fit-traskrizzjoni. Din hija r-raġuni għalfejn id-data tal-aħħar reviżjoni tat-traskrizzjoni in kwistjoni kif ippreżentata mal-evidenza hija wara l-1 ta' Ottubru, ċioè d-data meta l-provi ġew murija lill-Ministru Caruana.

57. Il-Ministru Caruana ġiet murija l-verżjoni mhux redatta tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ilmentatriċi għall-finijiet tal-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Fis-sottomissjoni finali tagħha l-Ministru Caruana rrispondiet għal din ix-xhieda, u hija u tagħmel dan irreferiet għal allegazzjoni li tħalliet barra mill-verżjoni redatta tat-traskrizzjoni. Għaldaqstant saret redazzjoni anki fis-sottomissjoni tal-Ministru. Din ir-redazzjoni tinvolvi biss tliet kelmiet u ma tnaqqas xejn mis-sostanza tas-sottomissjoni, kif għandu jkun ovvju għall-qarrej mad-daqqa t'għajn.

**IL-KUNTEST**

58. Importanti li tiġi stabbilita sekwenza ċara tal-avvenimenti ewlenin li huma relatati ma' dan il-każ. Dawn jistgħu jiġu elenkati kif ġej:

| | |
|---|---|
| 2017 | Danijel Bogdanovic jidħol fi skema tax-xogħol f'Għawdex taħt il-Ministru Anton Refalo. |
| 2 ta' Jannar 2018 | Danijel Bogdanovic jidħol fil-Community Work Scheme (li inkorporat diversi skemi tax-xogħol li kien hemm f'Għawdex) bħala Sports Educator assenjat mal-Ministeru għal Għawdex. |
| 23 ta' Novembru 2020 | L-Onor. Justyne Caruana tinħatar bħala Ministru għall-Edukazzjoni. |
| 4 ta' Diċembru 2020 | Jinfetaħ kont tal-email tal-gvern għal Danijel Bogdanovic, li jiġi reġistrat fid-direttorju tal-email tal-gvern bħala Secretariat Officer fil-Ministeru għall-Edukazzjoni. |
| 7 ta' Diċembru 2020 | Issir talba mill-Ministeru għal Għawdex lil District Operations Ltd. biex Danijel Bogdanovic jiġi ttrasferit |

| | |
|---|---|
| | formalment għal mal-Ministeru għall-Edukazzjoni (dejjem bħala impjegat fil-Community Work Scheme). |
| 16 ta' Diċembru 2020 | Id-Direct Orders Office fil-Ministeru għall-Finanzi japprova talba mingħand il-Ministeru għall-Edukazzjoni biex Danijel Bogdanovic jingħata direct order sabiex jikkoordina xogħlijiet fl-iskejjel. |
| 10 ta' Jannar 2021 | Il-Ministeru għall-Edukazzjoni jiċħad allegazzjoni tal-ġurnal *MaltaToday* li Danijel Bogdanovic huwa membru tas-segretarjat tal-Ministru Caruana. |
| 15 ta' Jannar 2021 | Id-Direct Orders Office jirtira l-approvazzjoni għad-direct order dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet fl-iskejjel fuq it-talba tal-Ministeru għall-Edukazzjoni stess. Fl-istess jum il-ministeru jitlob l-approvazzjoni għal direct order oħra, biex Danijel Bogdanovic jagħmel studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Din it-talba tiġi approvata dakinhar stess. |
| 26 ta' Frar 2021 | Jiġi ffirmat kuntratt għal servizz biex Danijel Bogdanovic jagħmel studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Il-kuntratt huwa validu b'mod retroattiv mill-21 ta' Jannar 2021 u jaħseb biex is-Sur Bogdanovic jitħallas €15,000 għal tliet xhur xogħol. |
| 8 ta' Marzu 2021 | Tiġi ppreparata ittra biex tistieden lil Danijel Bogdanovic jiffirma kuntratt ta' impieg bħala Customer Care Officer fis-segretarjat tal-Ministru Caruana. Madankollu s-Sur Bogdanovic ma jiffirmax il-kuntratt. |
| 10 ta' Marzu 2021 | Il-Ministeru għall-Edukazzjoni joħroġ pagament ta' €5,900 lil Danijel Bogdanovic għax-xogħol li għamel f'Jannar u Frar bħala parti mill-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. |
| 22 ta' Marzu 2021 | Il-*MaltaToday* tippubblika rapport li jallega li l-Onor. Caruana tat kuntratt ta' €5,000 fix-xahar lil Danijel Bogdanovic. |
| 23 ta' Marzu 2021 | Jitlesta abbozz ta' rapport dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport b'isem Danijel Bogdanovic bħala l-awtur. |

| | |
|---|---|
| 23 ta' Marzu 2021 | Il-Ministeru tal-Edukazzjoni jittermina l-kuntratt għal servizz għall-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport b'mod immedjat. |

**SOMMARJU TAL-EVIDENZA**

59. Kif indikat f'din is-sekwenza, Danijel Bogdanovic kellu żewġ inkarigi differenti mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, u kien hemm il-ħsieb li jingħata żewġ inkarigi oħra għalkemm dawn ma mmaterjalizzawx. L-erba' inkarigi huma:

(a) **Impieg fil-Community Work Scheme**, li beda fit-2 ta' Jannar 2018. Fl-ewwel tliet snin ta' dan l-impieg is-Sur Bogdanovic kien assenjat mal-Ministeru għal Għawdex iżda f'Diċembru tal-2020 ġie trasferit għal mal-Ministeru għall-Edukazzjoni.

(b) **Impieg bħala persuna ta' fiduċja fis-segretarjat tal-Ministru Justyne Caruana**. Fit-8 ta' Marzu 2021 il-kuntratt ta' ingaġġ f'din il-kariga ġie ppreparat għall-firma tas-Sur Bogdanovic iżda jidher li hu ma ffirmahx. Għaldaqstant il-ħatra ma ġietx fis-seħħ formalment, u naturalment lanqas ma tħallas bħala tali.

(ċ) **Kuntratt għal servizz biex jikkoordina xogħlijiet fl-iskejjel**. Dan il-kuntratt ġie propost biex jingħata lis-Sur Bogdanovic f'Diċembru 2020, iżda l-proposta ġiet irtirata mingħajr ma ngħatat raġuni. Minflok dan il-kuntratt is-Sur Bogdanovic ingħata dak li jissemma' taħt.

(d) **Kuntratt għal servizz biex jagħmel studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport**. Dan il-kuntratt ġie ffirmat fis-26 ta' Frar 2021 għalkemm kellu effett retroattiv mill-21 ta' Jannar 2021. Il-kuntratt kien validu għal tliet xhur iżda ġie terminat fit-23 ta' Marzu 2021, jiġifieri xahar kmieni.

60. L-evidenza miġbura in konnessjoni ma' kull inkarigu hija ppreżentata fit-taqsimiet li ġejjin ta' dan ir-rapport.

**L-IMPIEG TA' DANIJEL BOGDANOVIC FIL-COMMUNITY WORK SCHEME**

**L-ingaġġ ta' Danijel Bogdanovic bħala impjegat fl-iskema**

61. John Borg, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex, xehed quddiemi li matul iż-żmien, kien hemm diversi skemi f'Għawdex għal dawk in-

nies li ma setgħux isibu xogħol. Is-Sur Borg qal li Danijel Bogdanovic daħal fi skema minnhom fl-2017, liema skema kienet saret bi qbil bejn l-Employment and Training Corporation (ETC – illum Jobsplus) u l-Ministeru għal Għawdex. Bħala parti mill-proċess l-ETC kienet tagħżel kandidati, tintervistahom u tibgħathom f'post tax-xogħol skont il-ħiliet tagħhom. Fl-2018 l-iskemi eżistenti ġo Għawdex, inkluż l-iskema li taħtha daħal is-Sur Bogdanovic, ġew inkorporati fl-iskema nazzjonali kurrenti, imsemmija l-Community Work Scheme.[7]

62. Xehed ukoll Kenneth Cutajar, il-Kap Eżekuttiv tal-kumpanija District Operations Ltd. Din il-kumpanija hija fdata bl-amministrazzjoni tal-Community Work Scheme. Is-Sur Cutajar qal li huwa l-kompitu tal-Jobsplus li tidentifika l-individwi li għandhom jidħlu f'din l-iskema u tgħaddi l-ismijiet tagħhom lill-kumpanija. Il-kumpanija timpjegahom mal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation (l-entità li uffiċjalment tħaddem l-impjegati fl-iskema) u ssibilhom post tax-xogħol fejn jaħdmu. Il-kriterji għad-dħul fl-iskema huma stabbiliti mill-Jobsplus u l-kumpanija ma tidħolx fihom. Il-pagi tal-ħaddiema fl-iskema jitħallsu mill-kumpanija iżda tiġbor l-ispejjeż lura mingħand il-Jobsplus.

63. Is-Sur Cutajar qal li hemm ukoll kategorija ta' ħaddiema li ddaħħlu fl-iskema mill-Jobsplus fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex. Dawn il-ħaddiema jitħallsu l-paga tagħhom bl-istess arranġament tal-bqija, iżda l-Ministeru għal Għawdex jirrifondi l-paga tagħhom lill-Jobsplus.

64. Is-Sur Cutajar qal li Danijel Bogdanovic daħal fil-Community Work Scheme fit-2 ta' Jannar 2018 fuq rakkomandazzjoni mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sur Bogdanovic kien assenjat mal-Ministeru għal Għawdex bħala Sports Educator, u dan il-ministeru kien jirrifondi l-paga tiegħu lill-Jobsplus. Dan l-arranġament baqa' fis-seħħ sa meta s-Sur Bogdanovic ġie trasferit għal mal-Ministeru għall-Edukazzjoni fl-2020. Is-Sur Cutajar qal ukoll li Danijel Bogdanovic għadu jaħdem mal-Ministeru għall-Edukazzjoni bħala parti mill-iskema, u dan il-ministeru qed jirrifondi l-paga tiegħu lill-Jobsplus.[8]

65. Il-kuntratt tas-Sur Bogdanovic bħala impjegat fil-Community Work Scheme beda jgħodd fit-2 ta' Jannar 2018 u huwa validu għal żmien indefinit.[9]

---

[7] Dokument B/JB/1, paġna 1.

[8] Dokument B/KC/1, paġna 1.

[9] Il-kuntratt huwa riprodott bħala d-dokument C/AB/1.

**It-trasferiment tas-Sur Bogdanovic għal mal-Ministeru għall-Edukazzjoni**

66. Is-Sur John Borg xehed li wara li l-Onor. Justyne Caruana laħqet Ministru għall-Edukazzjoni f'Novembru tal-2020, huwa sar jaf li s-Sur Bogdanovic ma baqax jirrapporta għax-xogħol fil-Ministeru għal Għawdex. Irriżultalu li s-Sur Bogdanovic kien qed jidher fid-direttorju tal-email tal-gvern bħala Secretariat Officer fis-segretarjat tal-Ministru Caruana.[10] Għalhekk is-Sur Borg kellem is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Dr Francis Fabri, bil-għan li jiġi formalizzat it-trasferiment tas-Sur Bogdanovic mill-Ministeru għal Għawdex għal mal-Ministeru għall-Edukazzjoni. Is-Sur Borg informa lill-Community Work Scheme li s-Sur Bogdanovic ġie trasferit għal mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, u min-naħa tal-iskema tqiegħed fuq il-paylist ta' dan il-ministeru.[11]

67. Skambju ta' emails li ntbagħtu bejn is-7 u d-9 ta' Diċembru 2020, u li ġew fornuti lili minn Dr Fabri, huma konsistenti max-xhieda tas-Sur Borg.[12]

**Id-dmirijiet ta' Danijel Bogdanovic bħala impjegat tal-Community Work Scheme fil-Ministeru għall-Edukazzjoni**

68. L-aħħar email fl-imsemmi skambju ta' messaġġi hija ta' Dr Fabri. F'dan il-messaġġ, datat 9 ta' Diċembru 2020, Dr Fabri qal "*Is-Sur Bogdanovic ser ikun qed jassisti f'moniteraġġ ta' xogħlijiet fl-iskejjel tal-Istat*."[13]

69. Meta xehed quddiemi fl-14 ta' April 2021, Dr Fabri kien konsistenti ma' din l-email fid-deskrizzjoni li huwa tani tad-dmirijiet tas-Sur Bogdanovic. Dr Fabri qal li l-kompitu tas-Sur Bogdanovic kien li "*jara l-ħtiġijiet li jitilgħu mill-iskejjel*" biex "*il-ħtiġijiet tal-iskejjel jidħlu fil-programmi ta' xogħlijiet*".[14] Dr Fabri qal li s-Sur Bogdanovic kien assenjat biex jaqdi dan l-irwol ta' koordinazzjoni ta' xogħlijiet primarjament fl-iskejjel ta' Għawdex.

70. Madankollu, Dr Fabri ma tanix risposta meta tlabtu jgħidli min kien is-superjur tas-Sur Bogdanovic. Dr Fabri qal biss li hemm struttura li tieħu ħsieb

---

10 Ara d-dokument B/Misc/1.

11 Dokument B/JB/1, paġni 1–2.

12 Dawn l-emails jinsabu fid-dokument B/FF/5.

13 Email tad-9 ta' Diċembru 2020 fil-bidu tad-dokument B/FF/5.

14 Dokument B/FF/3, linji 139–142.

ix-xogħlijiet fl-iskejjel. Semma' l-precincts officers fil-kulleġġi, assistent direttur li jikkoordina x-xogħlijiet fuq livell nazzjonali, u l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada li tieħu ħsieb dawn ix-xogħlijiet. Mistoqsi għal darb'oħra biex jgħid min kien is-superjur tas-Sur Bogdanovic, Dr Fabri reġa' irrefera għall-"*istruttura*" iżda baqa' ma tanix isem.[15]

71. Meta Dr Fabri xehed quddiemi għat-tieni darba fil-21 ta' Lulju 2021, reġa' qal li Danijel Bogdanovic kien qed jikkoordina l-manutenzjoni tal-iskejjel. Dr Fabri qal:

> *Bħalissa, sakemm qegħdin nitkellmu, jekk tidħol fl-iskejjel kollha tal-istat, tarahom maqlugħin, min ikaħħal, min ibajjad, min jaqla' t-twieqi, min ħaġa min oħra. Jiġifieri dan ikun xogħol illi ġie ippreparat matul ix-xhur li għaddew, hemmhekk ikollna ħafna nies jaħdmu fuqhom. Hu inkarigat, ma oħrajn jiġifieri, mhux waħdu, inkarigat biex hu jieħu ħsieb l-iskejjel f'Għawdex, għalhekk jikkoordina mal-FTS* [il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada].[16]

72. Is-Sur Johnny Camilleri, Kap tal-Customer Care Unit fis-segretarjat tal-Ministru Justyne Caruana, ta xhieda għal kollox differenti dwar ix-xogħol li jagħmel Danijel Bogdanovic bħala impjegat tal-Community Work Scheme. Qal li s-Sur Bogdanovic huwa assenjat fl-uffiċċju ġo Għawdex tal-Ministeru għall-Edukazzjoni. Minn dan l-uffiċċju jopera l-Customer Care Unit tas-segretarjat kif ukoll taqsimiet oħra tal-ministeru, jiġifieri l-uffiċċju tal-Ministeru għall-Edukazzjoni f'Għawdex mhuwiex qiegħed esklussivament għall-użu tas-segretarjat tal-Ministru Caruana. Is-Sur Camilleri qal li s-Sur Bogdanovic mhux assenjat mas-segretarjat iżda jkun preżenti kuljum u "*jagħti daqqa t'id lilna ukoll*". Qal li s-Sur Bogdanovic "*jgħin lilna, jgħinna fil-karti, photocopies, in-nies min jidħol, temperaturi …*". Is-Sur Camilleri ta x-xhieda tiegħu fit-12 ta' Awwissu 2021, iżda qal li s-Sur Bogdanovic kien ilu jaħdem fl-uffiċċju tal-ministeru f'Għawdex minn mindu dan fetaħ f'Jannar jew Frar tal-2021.[17]

73. Meta xehed għat-tielet darba fis-16 ta' Settembru 2021, Dr Francis Fabri ma baqax jinsisti fuq il-verżjoni tiegħu dwar id-dmirijiet tas-Sur Bogdanovic. Qal biss li ma setax ikun jaf x'xogħol qed jagħmel kull impjegat fil-ministeru:

---

15 Dokument B/FF/3, linji 248–253 u 262.

16 Dokument B/FF/13, linji 301–306.

17 Dokument B/JCam/1, paġni 1–2.

"*Aħna għalina Danijel Bogdanovic huwa isem u kunjom*."[18] Dan, flimkien mal-fatt li fix-xhieda preċedenti tiegħu Dr Fabri baqa' vag u ma tax dettalji dwar dak li hu ddeskriva bħala x-xogħol tas-Sur Bogdanovic, jirrendi x-xhieda tiegħu mhix attendibbli.

74. Barra minn hekk, is-Sur Bogdanovic stess ta verżjoni li tixbaħ dik ta' Johnny Camilleri meta ġie mistoqsi dwar ix-xogħol tiegħu bħala ħaddiem tal-Community Work Scheme assenjat mal-Ministeru għall-Edukazzjoni f'Għawdex. Huwa qal "*meta jkun hemm il-bżonn photocopies, niġbor il-photocopies, nagħmel il-photocopies, inwassal 'il dak imur jagħmel il-… jiġbor x'imkien, għandu laqgħa, kollox kont nagħmel*". Is-Sur Bogdanovic qal ukoll:

> *hemm ċerti nies mill-uffiċċju per eżempju għandhom meeting Ministeru għal Għawdex, hemmhekk parking ma tistax issib, allura jitfagħni, ah jien inwasslu. Nistennieh, ma ġara … jiena dak dak. Ikun hemm event fuq l-iskejjel, meta jkun hemm eżempju press conferences ta' … tal-Ministru u hemm bżonn inġorru xi affarijiet u hekk, jiena nwassal n-nies, niġbor in-nies, inwassal l-affarijiet, u affarijiet hekk nagħmel* [...].[19]

**L-allegazzjoni li l-Ministru tat żieda fil-paga lis-Sur Bogdanovic**

75. L-ilmentatriċi allegat li s-Sur Bogdanovic ingħata żieda fil-paga ta' madwar €500 fix-xahar. Bħala evidenza ta' dan hija ppreżentatni bil-payslips tas-Sur Bogdanovic bħala impjegat tal-Community Work Scheme għal kull xahar minn Settembru sa Diċembru 2020.[20] Il-payslip ta' Diċembru 2020 tinkludi l-ammont ta' €450 bħala "*allowance*".

76. Mill-banda l-oħra Kenneth Cutajar, il-Kap Eżekuttiv ta' District Operations Ltd, xehed li s-Sur Bogdanovic m'għandu ebda perkaċċi bħala parti mill-Community Work Scheme. Is-Sur Cutajar qal li hemm każi fejn l-entità fejn jaħdmu ħaddiema partikolari tirrakkomanda li jingħataw paga ogħla biex tirrifletti r-risponsabbiltajiet tagħhom, iżda dan ma seħħx fil-każ tas-Sur Bogdanovic.

---

[18] Dokument B/FF/15, paġna 1.

[19] Dokument B/DB/1, paġna 13.

[20] Dokument C/AB/2.

77. Is-Sur Cutajar qal li l-impjegati kollha fl-iskema huma eliġibbli għal performance bonus ta' €450. Din titħallas lill-impjegat mill-kumpanija, bħall-paga normali, iżda l-kumpanija tieħu rifużjoni tal-bonus mhux mingħand il-Jobsplus, kif isir bil-paga normali, iżda direttament mingħand l-entità fejn qed jaħdem l-impjegat. Il-ħlas tal-bonus jiddependi fuq performance appraisal li ssir mill-entità. Min iġib tal-anqas sebgħin punt fl-appraisal jieħu s-somma sħiħa ta' €450, mentri min iġib inqas punti jitħallas somma inqas skont il-kriterji tal-bonus.

78. Is-Sur Cutajar ippreżentali kopji tal-aktar tmien payslips riċenti tas-Sur Bogdanovic, jiġifieri minn Diċembru tal-2020 sa Lulju tal-2021.[21] Dawn jikkonfermaw li l-pagament ta' €450 li sar f'Diċembru tal-2020 kien ta' darba u ma sarux pagamenti simili fix-xhur ta' wara.

79. Is-Sur Cutajar ipprovdieli wkoll kopja tal-performance appraisal tas-Sur Bogdanovic għas-sena 2020.[22] Din saret fit-28 ta' Ottubru 2020 mill-uffiċjal risponsabbli għall-Gozo Sports Complex, u s-Sur Bogdanovic ingħata 88 punt. F'dan il-perjodu s-Sur Bogdanovic kien għadu assenjat mal-Ministeru għal Għawdex.

## IL-PROĊESS BIEX DANIJEL BOGDANOVIC JIĠI NGAĠĠAT FIS-SEGRETARJAT TAL-MINISTRU CARUANA

80. Kif diġà għedt f'dan ir-rapport, kmieni f'Diċembru 2020 Danijel Bogdanovic beda jirrapporta għax-xogħol mal-Ministeru għall-Edukazzjoni flok mal-Ministeru għal Għawdex, u ġie inkluż fid-direttorju tal-email tal-gvern bħala Secretariat Officer. B'riżultat ta' dan is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex ħa passi biex jiġi formalizzat it-trasferiment tas-Sur Bogdanovic għal mal-Ministeru għall-Edukazzjoni.

81. Meta xehdet quddiemi l-Ilmentatriċi, hija wrietni business card tal-Ministeru għall-Edukazzjoni bl-isem ta' "*Daniel Bogdanovic*" u t-titolu ta' "*Coordinating Officer*".[23] Urietni wkoll ritratt ta' security tag tal-istess

[21] Dokumenti C/KC/1a sa C/KC/1h.

[22] Dokument C/KC/3.

[23] Dokument B/AB/2.

ministeru (it-tip li tintlibes b'ċinga madwar l-għonq) bl-isem ta' "*Danierl Bongdanovic*" [sic] u l-kelma "*Secretariat*".[24]

82. Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Dr Francis Fabri, xehed li għalkemm is-Sur Bogdanovic kien fil-lista ta' persuni li l-Ministru Justyne Caruana xtaqet tingaġġa fis-segretarjat tagħha, il-proċess biex jiġi ingaġġat ma wasalx għall-konklużjoni tiegħu u s-Sur Bogdanovic baqa' fil-Community Work Scheme. Dr Fabri qal li kieku s-Sur Bogdanovic ġie ngaġġat bħala membru tas-segretarjat, kien ikollu jirreżenja minn din l-iskema u jservi taħt kuntratt tas-segretarjat, iżda dan ma seħħx u "*kuntratt effettiv, m'hemmx*".[25]

83. Dr Fabri qal li huwa la kien jaf bil-business card u lanqas bis-security tag tas-Sur Bogdanovic. Fir-rigward tal-kont tal-email, qal li s-Sur Bogdanovic seta' ġie reġistrat fid-direttorju bħala Secretariat Officer b'antiċipazzjoni għaliex kien inbeda l-proċess biex huwa jiġi ingaġġat fis-segretarjat tal-Ministru Caruana. Dr Fabri qal ukoll li huwa ħa ħsieb biex il-kont tal-email tas-Sur Bogdanovic jitneħħa.

84. Mid-dokumentazzjoni fornuta lili mill-Malta Information Technology Agency jirriżulta li l-kont uffiċjali tal-email ta' Danijel Bogdanovic infetaħ fl-4 ta' Diċembru 2020 taħt id-display name "*Bogdanovic Daniel at MFED*".[26] "MFED" hija t-tqassira uffiċjali ta' "Ministry for Education". Għalhekk hija konklużjoni raġonevoli li s-Sur Bogdanovic beda jidher bħala Secretariat Officer fid-direttorju tal-email tal-gvern minn din id-data 'l quddiem. Il-kont tal-email tas-Sur Bogdanovic ingħalaq fit-30 ta' Marzu 2021.[27]

85. Jirriżulta wkoll li fl-10 ta' Diċembru 2020 saret talba mill-uffiċċju taċ-Chief Information Officer fil-Ministeru għall-Edukazzjoni biex is-Sur Bogdanovic jingħata laptop. F'din it-talba, id-dipartiment tas-Sur Bogdanovic ġie mniżżel bħala "*Secretariat*".[28]

---

24 Dokument B/AB/3.

25 Dokument B/FF/13, linja 233.

26 Dokument C/E/1.

27 Dokument C/M/3, paġna 4.

28 Dokument C/E/2.

86. Fid-29 ta' Diċembru 2020 Dr Paul Debattista, konsulent tal-Ministru Justyne Caruana, kiteb lil Glenn Micallef, il-kap tas-segretarjat tal-Prim Ministru. Dr Debattista qal "*Following your approval of Daniel Bogdanovic, from your end on 2nd December, we would like to have him in the Secretariat as Customer Care* [sic] *on Scale 6*." Is-Sur Micallef wieġbu dakinhar stess u qallu li jista' jmexxi.

87. Hawnhekk tajjeb li nagħmel kjarifika dwar it-titoli ta' uffiċjali fis-segretarjati. L-ingaġġ ta' persuni fis-segretarjati huwa regolat mill-kapitolu 7 ta' dokument tal-gvern intitolat *Manual on Resourcing Policies and Procedures*. Dan il-manwal jistabbilixxi struttura komuni għas-segretarjati tal-ministri li tinkludi l-pożizzjonijiet ta' Secretariat Officer fl-iskala ta' salarju 10, Coordinating Officer fl-iskala ta' salarju 7, u Customer Care Officer fl-iskala ta' salarju 6.[29] Fl-istruttura tal-pagi tal-gvern, aktar ma jkun żgħir in-numru tal-iskala aktar ikun għoli s-salarju, jiġifieri minn dawn it-tliet pożizzjonijiet l-ogħla waħda hija dik ta' Customer Care Officer.

88. Investigazzjoni preċedenti tiegħi tindika li t-titolu ta' Secretariat Officer għandu ħabta jintuża bħala titolu ġeneriku ta' membri ta' segretarjati għall-finijiet tad-direttorju tal-email tal-gvern.[30] Għalhekk il-fatt li Danijel Bogdanovic ġie reġistrat fid-direttorju b'dan it-titolu mhux bilfors ifisser li kien se jingħata din il-pożizzjoni partikolari. Anzi, il-business card tindika li għall-bidu kien hemm il-ħsieb li s-Sur Bogdanovic jingħata l-pożizzjoni ta' Coordinating Officer, iżda aktar tard jidher li dan il-ħsieb inbidel u s-Sur Bogdanovic kien se jingħata l-pożizzjoni ta' Customer Care Officer.

**Kuntratt tas-segretarjat approvat u offrut, iżda mhux iffirmat**

89. Fil-5 ta' Marzu 2021, Danijel Bogdanovic bagħat scan ta' ċertifikat tal-kondotta tiegħu lil Dr Paul Debattista, li fil-pront għaddieh lill-amministrazzjoni tal-ministeru. B'riżultat ta' dan, fit-8 ta' Marzu 2021 Dr Debattista rċieva abbozz ta' ittra mingħand Dr Francis Fabri, is-Segretarju Permanenti tal-

---

29 *Manual on Resourcing Policies and Procedures*, Novembru 2021 (aċċessibbli minn https://publicservice.gov.mt/en/Documents/Public%20Service%20Management%20Code/PSMC%20Manuals/Manual_on_Resourcing_Policies_and_Procedures.pdf), paragrafu 7.7.5.

30 Ara l-paragrafi 9, 14 u 15 tar-rapport tiegħi dwar il-każ K/024 (maħruġ fl-1 ta' Settembru 2020), li huwa aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K024.pdf.

ministeru. L-abbozz kien indirizzat lil Danijel Bogdanovic bil-għan li jinformah li qed jingħata l-pożizzjoni ta' Customer Care Officer fl-iskala ta' salarju 6.[31] Madankollu ma jidhirx li s-Sur Bogdanovic iffirma l-kuntratt.

90. Li kieku s-Sur Bogdanovic iffirma l-kuntratt, kieku l-proċedura kif stabbilita fil-manwal kienet titlob li kopja tal-kuntratt tintbagħat lill-People and Standards Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Is-Sur Bogdanovic kien ukoll jidħol fil-payroll tal-gvern, li hija amministrata mill-istess diviżjoni. Dr Joyce Cassar, is-Segretarju Permanenti risponsabbli għal din id-diviżjoni, stqarret fid-9 ta' Settembru 2021 li s-Sur Bogdanovic "*la jidher u anqas kien jidher fuq il-payroll tal-Gvern mill-1 ta' Diċembru 2020 'l hawn*", u li d-diviżjoni "*qatt ma rċeviet kopja ta' kuntratt tas-Sur Bogdanovic bħala persuna ta' fiduċja kif mitlub f'Kap 7 tal-Manual on Resourcing Policies and Procedures*".[32] Dan jikkonferma li l-kuntratt ma daħalx fis-seħħ.

91. Is-Sur Bogdanovic xehed li malli bdew jidhru "*shows*" fil-gazzetti, iddeċieda li ma riedx jifforma parti mis-segretarjat peress li m'għamel xejn ħażin, u iddeċieda jieqaf minn dak ix-xogħol:

> *jien iddeċidejt, għidtilhom isma', għidtilhom this is not for me. Jiena, jiena bniedem kapaċi ħafna u, u, u, and I'm very, very … very willing to, to, to ... to give a good service, bħalma dejjem tajt lil dan il-pajjiż, għax jiena dan il-pajjiż ksirt saqajja darbtejn għalih, u, u għamilt ħafna sagrifiċċji għal dan il-pajjiż. Qatt ma tlabt xejn lura, jiġifieri, I was always trying to do something for the good. Ovvjament imbagħad iddeċidejt isma, this, this is not for me.*[33]

92. Is-Sur Bogdanovic irrefera wkoll għall-football: "*anke ħabba, ħabba raġunijiet ta' football ukoll, li jiena ma kontx naf xi jfisser taħdem dak it-tip ta, fis-sens, tkun involut fis-segretarjat, tkun involut ma', ma', ma' dat-tip ta' xogħol, u l-volum ta'sigħat li, li, li jirrikjedi*". Mistoqsi kemm għadda żmien minn meta rċieva l-istedina li jaħdem mas-segretarjat sa meta kkommunika d-deċiżjoni tiegħu li jieqaf, is-Sur Bogdanovic qal "*a couple of months, a couple*

---

31 Dokumenti C/E/4 u C/E/4a.

32 Dokument B/PSD/4.

33 Dokument B/DB/1, paġna 3.

*of months probably*” u “*between a month and two, somewhere around that bracket*.” Qal ukoll “*It was not my world, let's put it that way*”.[34]

93. Mill-banda l-oħra, il-Ministru Justyne Caruana xehdet li d-deċiżjoni li s-Sur Bogdanovic ma jkomplix bil-proċess biex isir parti mis-segretarjat ġiet miż-żewġ naħat. Mistoqsija għaliex, il-Ministru spjegat li ħafna mix-xogħol tas-segretarjat tagħha għandu x'jaqsam mal-customer care. Qalet illi l-impenji tas-Sur Bogdanovic ma kinux kompatibbli max-xogħol tas-segretarjat, speċjalment minħabba l-ħinijiet involuti.[35]

**L-irwol ta' Danijel Bogdanovic fis-segretarjat**

94. Għalkemm Danijel Bogdanovic qatt ma ffirma l-kuntratt ta' ingaġġ bħala membru tas-segretarjat tal-Ministru Caruana, jidher li xorta kien qed jiġi stmat bħala membru tas-segretarjat. Per eżempju, fil-11 ta' Marzu 2021 Johnny Camilleri, kap tal-Customer Care Unit fis-segretarjat, bagħat email lil diversi membri tas-segretarjat biex jallokalhom oqsma ta' responsabbiltà. Is-Sur Bogdanovic ma kienx fost dawk li ġew allokati qasam ta' responsabbiltà iżda xorta rċieva kopja tal-email.[36] Fi tliet okkażjonijiet bejn is-17 u d-19 ta' Marzu 2021, Dr Paul Debattista kiteb lill-Ministru Caruana in konnessjoni mad-dibattitu dwar il-budget li kien għaddej fil-Parlament. Dawn l-emails ġew ikkopjati lil xi membri tas-segretarjat tal-Ministru, kif ukoll lis-Sur Bogdanovic. Huwa ġie kkopjat anki f'email dwar l-istess suġġett li ntbagħtet mill-Ministru Caruana stess lil xi membri tas-segretarjat tagħha fit-18 ta' Marzu 2021.[37]

95. Madankollu, jekk is-Sur Bogdanovic kien de facto membru tas-segretarjat, mhux ċar xi rwol kellu bħala tali. Ma jirriżultax mill-emails fornuti lili mill-Malta Information Technology Agency li s-Sur Bogdanovic kellu xi inkarigu partikolari, apparti l-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport (li kien jaqa' taħt kuntratt separat). Huwa sinjifikattiv il-fatt li fl-email tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021, Johnny Camilleri ma alloka l-ebda qasam ta' responsabbiltà lis-Sur Bogdanovic, minkejja li bħala Customer Care Officer prospettiv is-Sur Bogdanovic kien se jaqa' direttament fl-isfera tal-kompetenza tas-Sur Camilleri.

---

34 Dokument B/DB/1, paġna 3.

35 Dokument B/JC/1, paġna 1.

36 Dokument C/E/6.

37 Dokumenti C/E/7 u C/E/8.

96. Meta xehed quddiemi s-Sur Bogdanovic staqsejtu x'kien ser ikun l-irwol tiegħu fis-segretarjat. Qal:

*kollox naħseb, għax I ... I ... I … jiena ma kellix specific, specific erm … task. Jiena kont erm … norganizza eżempju, ejja mmorru event, f'jien naf, ġo skola, u isma' hemm bżonn, hemm bżonn isir, ġorru dawn il-banners, hemm bżonn isir hekk, hemm bżonn isir hekk, hemm bżonn … so I was overseeing everything, coordinating with … with … with others.*[38]

97. Minn banda, din ix-xhieda tindika li s-Sur Bogdanovic tassew kien qed jitqies bħala de facto membru tas-segretarjat, minkejja li ma kellux kuntratt u ma kienx qed jitħallas speċifikament bħala tali. Mill-banda l-oħra, dan huwa xogħol ta' loġistika li jixbaħ ħafna x-xogħol tas-Sur Bogdanovic (kif deskritt minnu u minn Johnny Camilleri) bħala impjegat tal-Community Work Scheme mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, ħlief forsi għall-ħinijiet. Dan jagħtini x'nifhem li fil-prattika ftit kienet issir distinzjoni bejn iż-żewġ rwoli tas-Sur Bogdanovic.

**L-allokazzjoni ta' karozza**

98. Skont il-kapitolu 7 tal-*Manual on Resourcing Policies and Procedures*, fis-segretarjat ta' ministru huma biss il-Kap tas-Segretarjat, is-Segretarju Privat u l-Assistent Segretarju Privat li huma intitolati għal karozza uffiċjali għall-użu tagħhom, għalkemm il-Customer Care Officer u l-Communication Secretary jingħataw l-ammont ta' €4,658.75 kull wieħed bħala car allowance.[39] Mill-bqija, is-segretarjat ta' ministru jista' jkollu wkoll żewġ karozzi għall-użu ġenerali tal-messaġġiera fis-segretarjat. Dwar dawn iż-żewġ karozzi l-manwal jgħid hekk:

*On no account may any vehicle from the Secretariat car pool be used by Secretariat officers for personal use during or outside office hours. Only Secretariat staff entitled to the use of an official car in terms of their Secretariat Agreement are permitted to take their official vehicle home at the end of each day.*[40]

---

38 Dokument B/DB/1, paġna 3.

39 *Manual on Resourcing Policies and Procedures*, kapitolu 7, appendiċi Ċ (paġna 153).

40 *Manual on Resourcing Policies and Procedures*, paragrafu 7.8.14.

99. B'konsistenza ma' din ir-regola, is-Sur Johnny Camilleri xehed li fil-ministeru ħadd m'għandu karozza għall-użu esklussiv tiegħu, però s-segretarjat għandu żewġ karozzi li jiġu wżati mill-istaff għall-bżonnijiet tal-uffiċċju tal-Ministeru għall-Edukazzjoni f'Għawdex. Huwa qal li meta jkun hemm bżonn, is-Sur Bogdanovic jieħu waħda minn dawn il-karozzi biex jagħmel qadjiet għall-ministeru.[41]

100. Is-Sur Bogdanovic xehed li kien juża karozza uffiċjali għall-qadjiet tal-ministeru, iżda kienet karozza tal-uffiċċju u mhux hu biss kien isuqha. Il-karozza kienet tkun ipparkjata ħdejn l-uffiċċju iżda xi drabi kienet tkun ipparkjata quddiem il-garaxx tiegħu għax l-uffiċċju tal-ministeru f'Għawdex għandu żewġ postijiet tal-ipparkjar biss.[42]

101. Madankollu, skambju ta' emails f'Diċembru 2020 jintroduċi nota ta' ambigwità u jista' jiftiehem li sew Johnny Camilleri u sew Danijel Bogdanovic kellhom karozzi għall-użu tagħhom, għalkemm dan ma kienx ikun skont ir-regoli.

102. Fil-21 ta' Diċembru 2020 Dr Paul Debattista, konsulent fis-segretarjat tal-Ministru Caruana, kiteb lid-Direttur Ġenerali (Strateġija u Sapport) fil-Ministeru biex jgħidilha "*Kindly terminate the leasing contract of the present two vehicles being utilised by secretariat personnel as end of December 2020. As from 1st January 2021, we would like to enter into a leasing agreement with another company*. *Steven Gauci* [is-Segretarju Privat tal-Ministru Caruana] *is getting three quotations*." Jumejn wara, fit-23 ta' Diċembru 2020, is-Senior Manager (Transport and Logistics) fl-amministrazzjoni tal-ministeru kiteb lil Dr Debattista biex jistaqsih mingħand min għandhom jinġabru ċ-ċwievet tal-karozzi eżistenti sabiex dawn jiġu ritornati mat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-kiri tagħhom. Dr Debattista wieġeb "*From Johnny Camilleri and Daniel Bogdanovic*".[43]

103. Biss, dan mhux biżżejjed biex nikkonkludi li Danijel Bogdanovic kellu karozza tal-ministeru għall-użu tiegħu.

41 Dokument B/JCam/1, paġna 2.

42 Dokument B/DB/1, paġna 2.

43 Skambju ta' emails fid-Dokument C/E/3.

### L-allokazzjoni ta' mobile

104. L-Ilmentatriċi bbażat l-allegazzjoni tagħha li s-Sur Bogdanovic għandu mobile phone imħallas mill-gvern fuq il-fatt li, skont hi, f'Ottubru tal-2020 bidel il-fornitur tas-servizz tal-mobile tiegħu. L-Ilmentatriċi allegat li f'dak l-istadju "*kien diġà jaf li ħa jkollu xogħol mal-Ministru*".[44] Madankollu għandi nosserva li kien biss fil-21 ta' Novembru 2020 li tħabbret il-ħatra tal-Onor. Justyne Caruana bħala Ministru għall-Edukazzjoni.[45]

105. Il-Ministru Caruana xehdet li la hi u lanqas l-istaff tagħha ma ngħataw mobiles, iżda hi u l-kap tas-segretarjat tagħha biss jingħataw rifużjoni tal-kontijiet tagħhom mill-ministeru:

> *Telephones ħadd ma ngħata, lanqas jien m'għandi telephone, jiena li nagħ … għadni kemm, għadni kemm tajt il-kontijiet, jiġifieri minn Novembru* [tal-2020, meta laħqet ministru] *issa tajthom il-kontijiet. Il- … il- … it-telephone erm, din, li għandna safejn naf jien, jien, ic-chief of staff* [kap tas-segretarjat] *u, u ħadd mis-segretarjat, l-oħrajn m'għandhomx concession tat-telephone".*[46]

106. Ix-xhieda tal-Ministru Caruana fuq dan il-punt mhuwiex konsistenti mal-*Manual on Resourcing Policies and Procedures*, li jelenka lista ta' pożizzjonijiet fis-segretarjat ta' kull ministru li huma intitolati għal "*fully expensed mobile telephone*". Dawn huma l-pożizzjonijiet ta' Kap tas-Segretarjat, Segretarju Privat, Assistent Segretarju Privat, Communication Secretary u Customer Care Officer.[47] Għalhekk mhumiex biss il-ministru u l-kap tas-segretarjat tiegħu li huma intitolati għal mobile imħallas mill-gvern.

107. Madankollu, m'għandix indikazzjoni li Danijel Bogdanovic kellu mobile imħallas mill-gvern jew li l-gvern kien iħallaslu l-kont tal-mobile. Wieħed għandu jiftakar li s-Sur Bogdanovic ma ffirmax il-kuntratt ta' ingaġġ bħala Customer Care Officer u għaldaqstant ma kienx intitolat għal mobile.

---

[44] Dokument B/AB/1, linji 240–244.

[45] Ara l-istqarrija tad-Dipartiment tal-Informazzjoni li hija aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2020/November/21/pr202348.aspx.

[46] Dokument B/JC/1, paġna 2.

[47] *Manual on Resourcing Policies and Procedures*, paragrafu 7.8.13.

**Ordni biex jintemm l-ingaġġ ta' Danijel Bogdanovic fis-segretarjat**

108. Kif għedt aktar kmieni f'dan ir-rapport, fid-29 ta' Diċembru 2020 sar skambju ta' emails fejn Glenn Micallef, il-kap tas-segretarjat tal-Prim Ministru, awtorizza l-ingaġġ ta' Danijel Bogdanovic bħala Customer Care Officer fis-segretarjat tal-Ministru Justyne Caruana. Fit-23 ta' Marzu 2021 is-Sur Micallef kompla fuq l-istess skambju billi kiteb lil Dr Paul Debattista u lil Steve Mifsud, il-kap tas-segretarjat tal-Ministru Caruana, u qalilhom "*The contract referred to below is to be terminated with immediate effect*."[48]

109. Billi ridt nelimina kwalsiasi ambigwità dwar liema kuntratt kien qed jirreferi għalih Glenn Micallef fl-email tiegħu tat-23 ta' Marzu 2021, tlabtu jixhed quddiemi. Huwa kkonferma li kien qed jirreferi għall-kuntratt ta' ingaġġ ta' Danijel Bogdanovic bħala membru tas-segretarjat tal-Ministru Caruana, mhux il-kuntratt għal servizz għal studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

110. Is-Sur Micallef qal li l-irwol tiegħu bħala kap tas-segretarjat tal-Prim Ministru skont il-manwal tal-proċeduri tal-Kabinett hu li japprova kull ingaġġ li jsir f'segretarjat ta' ministru. Malli feġġet fil-midja l-istorja dwar is-Sur Bogdanovic, is-Sur Micallef tħadded mal-Prim Ministru u ta ordni biex jintemm l-ingaġġ tas-Sur Bogdanovic bħala membru tas-segretarjat tal-Ministru Caruana li kien ġie oriġinarjament awtorizzat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fit-2 ta' Diċembru 2020. Is-Sur Micallef qal iżda li "*Jiena ġejt infurmat mill-ministeru* [tal-edukazzjoni] *li dak* [il-kuntratt ta' ingaġġ fis-segretarjat] *qatt ma ġie ffirmat u qatt ma daħal fis-seħħ*."[49]

111. Is-Sur Micallef stqarr li hu m'għandu l-ebda rwol fl-għoti ta' kuntratti għal servizzi. Għalhekk ma kienx involut fit-terminazzjoni tal-kuntratt dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport u ma jafx jekk sarux xi komunikazzjonijiet dwar dan.

**IL-PROPOSTA BIEX DANIJEL BOGDANOVIC JINGĦATA KUNTRATT BIEX JIKKOORDINA XOGĦLIJIET FL-ISKEJJEL**

112. Minn skambju ta' korrispondenza bejn il-Ministeru għall-Finanzi u l-Ministeru għall-Edukazzjoni, jidher li fid-9 ta' Diċembru 2020 il-Ministeru għall-Edukazzjoni talab approvazzjoni biex Danijel Bogdanovic jingħata kuntratt

48 Dokument C/E/9.

49 Dokument C/GM/1, paġna 1.

b'direct order sabiex jipprovdi "*support services on school maintenance projects*". Dan il-kuntratt kien maħsub li jinvolvi żjarat fl-iskejjel biex jiġi identifikat il-bżonn ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni; koordinazzjoni tax-xogħlijiet mal-precincts officer risponsabbli għal kull skola; u insegwiment tal-progress fix-xogħlijiet.[50]

113. Dan il-kuntratt kien maħsub biex jgħodd għal tnax-il xahar u kien se jinvolvi ħlas ta' €12.50 fis-siegħa għal massimu ta' 30 siegħa fil-ġimgħa, li jammonta għal €19,500 fuq medda ta' sena.

114. Fis-16 ta' Diċembru 2020 id-Direct Orders Office tal-Ministeru għall-Finanzi ħareġ l-approvazzjoni tiegħu biex dan il-kuntratt jingħata b'direct order. Madankollu, l-istess uffiċċju irtira l-approvazzjoni tiegħu wara biss xahar, fil-15 ta' Jannar 2021, fuq talba tal-Ministeru għall-Edukazzjoni stess.

115. Mhux magħruf għalfejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni l-ewwel talab approvazzjoni għal din id-direct order imbagħad ix-xahar ta' wara talab li tiġi rtirata l-approvazzjoni. Nista' nosserva li fil-15 ta' Jannar 2021, jiġifieri propju fl-istess jum meta l-approvazzjoni tħassret, il-Ministeru għall-Edukazzjoni talab approvazzjoni biex jagħti kuntratt ieħor b'direct order lis-Sur Bogdanovic: dak dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. L-approvazzjoni ngħatat dakinhar stess.[51] Dan il-kuntratt kien jinvolvi ħlas ta' €15,000 fuq perjodu ta' tliet xhur mingħajr ma jispeċifika n-numru ta' sigħat li kellhom jinħadmu. Għalhekk jista' jitqies aktar favorevoli għas-Sur Bogdanovic meta mqabbel mal-kuntratt għall-koordinazzjoni tax-xogħlijiet fl-iskejjel, li kien jaħseb għall-ħlas ta' €1,625 fix-xahar marbutin ma' 30 siegħa xogħol fil-ġimgħa.

## IL-KUNTRATT GĦALL-ISTUDJU DWAR L-ISKOLA NAZZJONALI TAL-ISPORT

### Kif oriġinat il-proposta li jsir studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport

116. Dr Paul Debattista, konsulent tal-Ministru Justyne Caruana, xehed li hekk kif l-Onor. Caruana assumiet il-kariga ta' Ministru għall-Edukazzjoni, hija rċeviet diversi kummenti u ilmenti, "*anki through il-Customer Care*", dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. B'riżultat ta' dan il-Ministru qalet lil Dr Debattista li kien meħtieġ studju biex wieħed jara x'hemm bżonn jinbidel fil-mod ta' kif din

---

[50] Dokument C/E/10.

[51] Dokument B/FF/7.

l-iskola kienet qed titmexxa wara disa' snin minn mindu twaqqfet. Talbitu jipprepara terms of reference għal tali studju.[52]

117. Id-dikjarazzjoni ta' Dr Debattista li saru ilmenti dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport permezz tal-"*Customer Care*" ma ssibx sostenn minn Johnny Camilleri, il-kap tal-Customer Care Unit fis-segretarjat tal-Ministru Caruana. Is-Sur Camilleri xehed li hu qatt ma rċieva kummenti jew ilmenti dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport, u l-istaff tiegħu qatt ma qalulu li kien hemm xi problema fl-iskola.[53]

118. Il-Ministru Justyne Caruana xehdet li minn mindu fetħet l-Iskola Nazzjonali tal-Isport dejjem kienet "*hot potato*", u kien hemm "*insinwazzjonijiet* [...] *li jafhom kulħadd, kif tidħol, kif ma tidħolx, min jintgħażel, kif, eċċetera*." Proprju lejlet li kellhom jiftħu l-applikazzjonijiet għad-dħul tal-istudenti fl-iskola, daħlulha xi rapporti anonimi dwar l-istess materja. Il-Ministru qalet li kellha wkoll laqgħat mal-Malta Football Association (MFA), u din indikat li ma xtaqitx tibqa' tagħti kontribut fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Il-Ministru qalet "*Immaġina, il-bulk tal-, tal-NSS* [National Sports School] *li huwa football, toħroġli mill-MFA hemmhekk, għadni dieħla bħala Ministru tal-Edukazzjoni, tista' timmaġina, x'... x'daqqa kont ser nieħu*." Dan wassalha biex tikkonkludi li kien hemm bżonn studju dwar l-iskola "*biex jagħtuni snapshot, ħalli almenu nifhem x'hemm*".[54]

119. Din ix-xhieda hija korroborata minn dik ta' Bjorn Vassallo, President tal-MFA, li xehed li huwa ltaqa' mal-Ministru Justyne Caruana "*għal darba darbtejn*" dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Skont is-Sur Vassallo, il-pożizzjoni tal-MFA kienet li l-iskola kellha tagħżel it-tfal skont it-talent tagħhom fl-isport, mhux l-abbiltà akkademika. Huwa kien qal lill-Ministru Caruana li jekk ma jsirx dan l-MFA kienet lesta ttemm l-involviment tagħha fl-iskola. L-MFA kienet responsabbli għall-kurrikulu tal-football u kienet anki tibgħat il-coaches tagħha biex jagħtu taħriġ fl-iskola, bi ħlas minn fondi pubbliċi, iżda l-MFA kienet qegħda twaqqaf fondazzjoni bil-għan li din tassumi l-irwol tat-trawwim ta' players żgħar. Infatti, sussegwentement il-coaches tal-MFA ma baqgħux involuti fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport u din l-iskola qabbdet coaches hi stess.[55]

---

52 Dokument B/PD/1, paġna 1.

53 Dokument B/JCam/1, paġna 2.

54 Dokument B/JC/1, paġni 3–4.

55 Dokument B/BV/1, paġna 1.

**Kif ġie magħżul Danijel Bogdanovic biex jagħmel l-istudju**

120. Meta xehed quddiemi Dr Francis Fabri, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, jiena staqsejtu min identifika lis-Sur Bogdanovic biex jagħmel l-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport, u b'mod partikolari jekk kinitx il-Ministru Caruana li pproponietu, kif kien ġie rapportat fil-midja. Dr Fabri qal: "*Jien li nista' ngħid huwa li aħna* [jiġifieri hu u l-uffiċjali li jaħdmu taħtu] *pproċessajna t-talba, kif konna mistennija li nagħmlu*". Qal ukoll "*Ifhimni nippreferi, ma nħossnix komdu nwieġeb għall-Ministru. Nippreferi jekk tkun il-Ministru li twieġeb*".[56] Irripetejt l-istess domanda bosta drabi iżda Dr Fabri baqa' evażiv.[57]

121. Dr Paul Debattista, konsulent mal-Ministru Justyne Caruana, ta risposta aktar diretta għall-istess domanda. Dr Debattista xehed li huwa ta parir lill-Ministru li studju bħal dan kellu jsir minn persuna estraneja għall-ministeru sabiex tkun aktar oġġettiva. Ippreżentalha terms of reference għall-istudju, kriterji għall-għażla tal-persuna li kellha tagħmel l-istudju, u stima dwar kemm kellha titħallas din il-persuna.

122. Dr Debattista qal li l-Ministru aċċettat it-terms of reference u l-kriterji, u kienet hi li pproponiet l-isem ta' Danijel Bogdanovic. Dr Debattista qal: "*Jien qatt, fl-aħħar ħamsa u għoxrin sena li ħdimt ma', ma' ministri, qatt ma tajt ismijiet. Nagħti x'għandu jkollu il-kriterji, l-eliġibilità tal-individwu, imma ma nidħolx jiena. Hi semmietli isem, ta' Danijel Bogdanovic*."[58]

123. Dr Debattista qal li kien jaf min hu s-Sur Bogdanovic għalkemm ma kienx jafu personalment, u deherlu li s-Sur Bogdanovic kien jaqa' fil-parametri ta' eliġibilità li huwa kien fassal. Għalhekk huwa avviċina l-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti biex dan imexxi l-proċeduri ħalli s-Sur Bogdanovic jitqabbad jagħmel l-istudju.

124. Dr Debattista qal ukoll li l-presidenti tal-Aquatic Sports Association u tal-Malta Football Association ġew ikkonsultati dwar l-għażla tiegħu, u huma indikaw li fil-fehma tagħhom l-għażla kienet waħda tajba.

---

56 Dokument B/FF/3, linji 403, 410–411.

57 Dokument B/FF/3, linji 404–406, 418–424, 425–427, 650–654, u 744–750.

58 Dokument B/PD/1, paġna 1.

125. Min-naħa tagħha l-Ministru Caruana xehdet li l-ewwel ħsieb tagħha kien li tqabbad ditta ta' konsulenza biex tagħmel l-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Iżda l-Ministru tkellmet ma' Bjorn Vassallo, il-President tal-MFA, u ma' Joe Caruana Curran, il-President tal-Aquatic Sports Association, u t-tnejn tawha parir differenti:

> *Qaluli to catch a thief you need a thief, qaluli jiġifieri inutli tqabbad xi ditta, qaluli trid 'il xi ħadd illi, illi, he's on the ground, jaf l-affarijiet, is-settur eċċetera. U qaluli inti taf 'il xi ħadd? Għidtilhom heqq, indikawli u … nara hu. U taf int, kelma ġġib lill-oħra u speċi jiena, 'l Danijel Bogdanovic nafu. Tkellimna, semmejnieh, u speċi, eħe, he is the right person to do it. Però jien ma qgħadtx fuq dak is-suġġeriment biss, jiġifieri jekk xi ħadd jaħseb li jiena, the name cropped up u jiena just qgħadt fuq dak il-parir, mhux dak il-każ.*

126. Bħala kjarifika l-Ministru qalet li apparti s-Sur Bogdanovic issemmew diversi persuni li kienu jilagħbu l-football mat-tim nazzjonali ta' Malta. Kompliet tgħid:

> *Li għamilna imbagħad, through, through, through Paul Debattista għax jiena ilni nafu snin, u malli bdejt fil-ministeru jiena konsulent ilu għandi. Għamilna eżerċizzju kumparattiv. L-ewwelnett fuq l-esperjenza, però, erm, kriterju importanti illi ġibduli l-attenzjoni fuqu kienet illi ma jrid … dik il-persuna ma jrid ikollha x'taqsam xejn jew qatt ma kellha x'taqsam xejn mal-NSS. A totally, erm, a total outsider mill-… mis-sistema tal-NSS. U, u, fil-fatt sar rapport, sar rapport, erm … u l-għażla saret hekk."*

127. Il-Ministru kkonfermat li dan ir-rapport kien dwar min kellu jintgħażel biex jagħmel l-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Qalet li r-rapport kien "*a totally objective exercise*."[59]

128. Staqsejt lill-Ministru jekk talbitx lil Dr Debattista biex ifassal terms of reference u kriterji tal-għażla, u jekk kinitx hi li tatu isem is-Sur Bogdanovic. Il-Ministru wieġbet:

> *Iva, mela mela mela mela le. Ħa mmorru, mela. L-isem kien għandna, tajjeb? Però jiena ma striħajtx biss fuq isem. Ridt nagħmel evalwazzjoni biex nara jekk dan l-isem huwiex the right one, sewwa? U dik saret.*

---

59 Dokument B/JC/1, paġna 4.

*Imbagħad ovvjament saru t-terms of reference tal-… tal-… tal-... ta' li ridt jiena, u, u kien hemm, issa bħala kuntratti eċċetera u hekk ma dħaltx fiha jien imma I wouldn't know. Però l-isem, l-isem, ma ġejtx bih jien waħdi. There were expert people who were indicating that he might be the right person, imma imbagħad, sar eżerċizzju biex naraw jekk hemmx persuni oħra li jistgħu jikkwalifikaw. U l-unika persuna li ma kellu x'jaqsam xejn mal-NSS, u bl-esperjenza barra u x'naf jien, dak ġie ikkonfermat minn dan l-eżerċizzju li sar li mind you, I didn't do it, I'm not competent to do it."*[60]

129. Ma nistax noqgħod fuq din ix-xhieda għal numru ta' raġunijiet.

130. L-ewwel nett, huwa diffiċli ħafna għalija li naċċetta l-istqarrija ta' Dr Debattista li ma kienx jaf lil Danijel Bogdanovic personalment meta semmietlu ismu l-Ministru. Dr Debattista addirittura jgħid li ltaqa' mas-Sur Bogdanovic għall-ewwel darba meta beda jitkellem miegħu in konnessjoni mal-kuntratt dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport, u li qatt ma kien rah qabel fis-segretarjat tal-Ministru.[61] Iżda kif diġà ntwera f'dan ir-rapport, sew Dr Debattista u sew is-Sur Bogdanovic kienu qed iservu fis-segretarjat – de jure fil-każ ta' Dr Debattista u de facto fil-każ tas-Sur Bogdanovic. Kien Dr Debattista li f'Diċembru tal-2020 informa lill-amministrazzjoni tal-ministeru li s-Sur Bogdanovic kellu ċ-ċwievet ta' waħda mill-karozzi tal-kera li s-segretarjat xtaq jirritorna, u kien hu wkoll li fl-istess xahar talab l-approvazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex is-Sur Bogdanovic jinħatar bħala Customer Care Officer.[62]

131. Għandi nosserva wkoll li l-Ministru Caruana ma qablitx ma' Dr Paul Debattista fis-sekwenza tal-avvenimenti li wasslu għall-għażla tas-Sur Bogdanovic. Skont Dr Debattista, il-Ministru talbitu jipprepara terms of reference u kriterji tal-għażla; hu għamilhom; u imbagħad il-Ministru pproponiet isem is-Sur Bogdanovic. Skont il-verżjoni tal-Ministru, l-ewwel ġie propost isem is-Sur Bogdanovic, imbagħad saru t-terms of reference u evalwazzjoni biex jiġi determinat jekk is-Sur Bogdanovic kienx l-aħjar persuna biex tagħmel l-istudju.

132. Waqt li l-Ministru kienet qed tixhed, jiena ġbidtilha l-attenzjoni għal din id-diverġenza. Hija rrispondiet:

---

60 Dokument B/JC/1, paġni 4–5.

61 Dokument B/PD/1, paġna 4.

62 Dokumenti C/E/3 u C/E/9.

*Ara, bħala segwenza ejja ngħidu ma kinitx daqshekk, waħda wara l-oħra, ejja ngħidu li kien qed isir kollox f'daqqa. Erm, jiġifieri, mhux biex immeri lil Dr Debattista jew għandi r-raġuni, imma kien qed isir kollox fl-istess, fl-istess, qisu fl-istess ħinijiet. Però iċ-ċirkostanzi kienu dawn, jiġifieri, mhijiex kwistjoni li tajt kuntratt lil xi ħadd li naf. Dik jien ma naċċetahiex. I'm sorry. Qatt ma imxejt hekk. U qatt mhu ser nimxi hekk. Jien qatt ma ħallatt ħaġa ma' oħra.*[63]

133. Barra minn hekk, sew Dr Debattista u sew il-Ministru Caruana qalu li Joe Caruana Curran u Bjorn Vassallo ġew ikkonsultati dwar l-għażla tas-Sur Bogdanovic, iżda dawn it-tnejn xehdu quddiemi li ma ġewx ikkonsultati.

134. Joe Caruana Curran, il-President tal-Aquatic Sports Association ta' Malta, xehed li huwa kellu laqgħa mal-Ministru Justyne Caruana dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport nhar it-Tnejn 22 ta' Marzu 2021. Huwa ġie mistieden għal-laqgħa minn Dr Paul Debattista, li kien preżenti flimkien ma' Danijel Bogdanovic u l-Ministru. Is-Sur Caruana Curran qal waqt il-laqgħa ġie informat li kien qed isir studju dwar kif setgħet tiġi ameljorata l-Iskola Nazzjonali tal-Isport, u ġie mitlub jgħid x'jaħseb hu f'dan ir-rigward. Waqt il-laqgħa huwa ta xi ideat, u suppost kellu jibgħat noti bil-miktub lis-Sur Bogdanovic biex jiġu kkunsidrati bħala parti mir-rapport li kien qed jitlesta. Biss, is-Sur Caruana Curran ma bagħat xejn għax lejlet il-laqgħa kienet faqqħet l-istorja tal-*MaltaToday* u l-għada ħarġet l-aħbar li l-kuntratt tas-Sur Bogdanovic ġie tterminat.

135. Rigward l-għoti tal-inkarigu lis-Sur Bogdanovic biex jagħmel studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport, is-Sur Caruana Curran qal: "*Ma ġejtx ikkonsultat jekk huwiex il-persuna idejali. Ġejt informat, ġejt informat, li kien se jagħmlu hu għax huwa persuna kompetenti*." Ġie informat b'dan waqt il-laqgħa stess, jiġifieri meta l-istudju diġà kien fi stadju avvanzat, u mhux qabel.[64]

136. Bjorn Vassallo, il-President tal-Malta Football Association, xehed li l-MFA ma kellha ebda involviment fl-għażla tas-Sur Bogdanovic biex jagħmel l-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Is-Sur Vassallo qal li kien hemm żewġ laqgħat dwar l-iskola bejn l-MFA u l-ministeru, waħda f'Jannar jew Frar 2021 u l-oħra fil-bidu ta' Marzu. F'din il-laqgħa l-MFA intalbet tikteb dak kollu li kien

---

63 Dokument B/JC/1, paġna 8.

64 Dokument B/JCC/1, paġna 2.

ġie diskuss f'rapport għaliex kien qed isir audit tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Is-Sur Vassallo qal li l-MFA bagħtet rapport ta' erba' paġni fit-23 ta' Marzu 2021.

137. F'dak l-istadju s-Sur Vassallo ma kienx jaf min qiegħed jagħmel dan l-audit, iżda qal: "*Tlabt illi, emm, ikun xi ħadd illi jkun ovvjament b'meritokrazija, li jkun ġej mid-dinja tagħna, li jista' jifhem ċertu aspetti u forsi mhux il-kumpanija illi tiġi hemmhekk biex at the end of the day, emm, tagħmel rapport u r-rapport ikun mhux fid-dettall u aktar fil-prinċipju*."[65]

138. Finalment, il-Ministru ntalbet tgħid min kienu l-esperti li ddiskutiet l-għażla tas-Sur Bogdanovic magħhom, apparti Joe Caruana Curran u Bjorn Vassallo, iżda ma tatx isimhom. Qalet biss li tkellmet ma' "*nies oħrajn jiġifieri nies oħrajn, nipprova ... imma nies involuti fl-isports jiġifieri jiena miniex, jekk tgħidli sports qisek qed tgħidli, jien naf, xi ħaġa aljena, I'm not into it. Imma … inti tħabbat l-ideat*."[66]

**Danijel Bogdanovic kien ikkwalifikat biex jagħmel l-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport?**

139. Fit-12 ta' Jannar 2021 Dr Paul Debattista, il-konsulent tal-Ministru Caruana, kiteb lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u talbu jagħmel l-arranġamenti neċessarji biex Danijel Bogdanovic jiġi mqabbad jagħmel studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Fl-email tiegħu Dr Debattista qal "*We have identified an expert in this field to carry out this assignment*" – riferenza għas-Sur Bogdanovic.[67]

140. Mal-email tiegħu Dr Debattista hemeż dokument li kien fih terms of reference bl-Ingliż u stqarrija bil-Malti dwar il-kriterji li wasslu għall-identifikazzjoni tas-Sur Bogdanovic biex jagħmel l-istudju.[68] Din l-istqarrija tgħid fost affarijiet oħra li:

> *Il-maġġoranza tal-individwi li tkellmu dwar il-ħtieġa ta' riforma f'din l-iskola, saħqu li* [...] *hemm bżonn li l-awditjar isir minn individwu estraneju*

---

65 Dokument B/BV/1, paġna 2.

66 Dokument B/JC/1, paġna 6.

67 Dokument B/FF/6.

68 It-terms of reference u l-kriterji tal-għażla huma reġistrati separatament għall-finijiet ta' dan ir-rapport bħala d-dokumenti B/FF/6a u B/FF/6b.

*għall-iskola u li b'xi mod għandu x'jaqsam, b'mod dirett jew indirett, fl-amministrazzjoni ta' xi entità edukattiva.*

*Mhux biss. Iżda, l-Għaqdiet Sportivi li kien hemm laqgħat magħhom, saħqu, li l-persuna li għandha tagħmel dan l-awditjar, għandu jkun sportiv u jkollu esperjenza fejn hu jkun ipprattika l-isport, b'mod professjonali, billi jkun ipparteċipa f'kampjonati barra l-pajjiż u kien jifforma parti minn klabb professjonali.*

*Gie nnotat ukoll, li peress li madwar sittin fil-mija tal-istudenti li jattendu din l-iskola, huma atleti li jipprattikaw l-isport tal-futbol, idejalment, il-persuna għandha tkun ex-plejer tal-futbol.*

*Issemma' wkoll, li l-individwu, irid ikollu wkoll, kwalifiki fil-kowċing.*

141. Id-dokument ikompli jgħid li hemm biss erba' footballers li lagħbu barra minn Malta fuq bażi professjonali għal tal-anqas ħames staġuni. Jekk jiżdied ir-rekwiżit ta' ċertifikat internazzjonali tal-coaching, l-għażla taqa' fuq żewġ persuni biss. Id-dokument iqis li minn dawn it-tnejn Danijel Bogdanovic huwa l-aktar idoneju għaliex lagħab f'erba' pajjiżi Ewropej, inkluż l-Italja u l-Ingilterra, filwaqt li l-ieħor lagħab f'żewġ pajjiżi biss, kif ukoll għax is-Sur Bogdanovic ħadem ma SportMalta billi mexxa l-programm Sports on the Move u Skola Sport ġewwa Għawdex. Id-dokument ma jgħidx min huma l-players l-oħrajn li ġew ikkunsidrati "*minħabba protezzjoni tad-data*".

142. Id-dokument jikkonkludi billi jgħid:

*Wieħed irid isemmi wkoll li meta l-isem ta' Daniel Bogdanovic ġie ikkomunikat ma' xi Għaqdiet Sportivi li seta' kien l-individwu li jmexxi dan l-awditjar, ir-rispons kien wieħed pożittiv u ta' approvazzjoni.*

*Fuq dawn il-punti msemmija hawn fuq ta' meritokrazija, u ma kien hemm l-ebda kriterju ieħor, ġie identifikat li Daniel Bogdanovic tkun il-persuna li tagħmel dan l-awditjar.*[69]

143. Dr Debattista xehed li hu pprepara dan id-dokument bħala parti mill-proċess ta' approvazzjoni ta' direct order. Biss, il-proċess biex tiġi akkwistata l-approvazzjoni tmexxa mill-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti.

---

[69] Dokument B/FF/6b.

144. Tlabt lil Dr Debattista jispjega għalfejn ma ġietx imqabbda persuna akkademikament aktar ikkwalifikata mis-Sur Bogdanovic biex tagħmel l-istjudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Dr Debattista ġibed paragun bejn din l-iskola u l-Iskola tal-Arti, u qal li fiż-żewġ każi ma ġietx imqabbda persuna bi kwalifiki akkademiċi għolja (per eżempju dottorat) biex tagħmel studju "*għaliex il-background tiegħu hu purament akkademiku u jsir żball kbir jekk dawn iż-żewġ branki jitmexxew b'mod akkademiku meta tal-anqas sittin fil-mija tal-ħin assolutament mhuwiex akkademiku.*"[70] Bħala eżempju Dr Debattista qal li fil-każ tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport, persuna akkademika mhix se tiffoka fuq in-nutrition tal-istudenti.

145. Dr Debattista xehed li meta isem is-Sur Bogdanovic ġie propost lilu, ir-reazzjoni immedjata tiegħu kienet li s-Sur Bogdanovic kien prima facie jikkwalifika skont il-kriterji mfassla minnu, iżda imbagħad huwa talab curriculum vitae mingħand is-Sur Bogdanovic u għamel evalwazzjoni aktar dettaljata. Mis-CV Dr Debattista ra li apparti l-esperjenza li s-Sur Bogdanovic kellu barra minn Malta, li kulħadd kien jaf biha, huwa kien qed jikkwalifika bħala coach tal-football. Is-Sur Bogdanovic diġà kellu l-liċenzji Ċ u B tal-coaching, u kien qiegħed jagħmel il-kors tal-liċenzja A. Dr Debattista talab ukoll mingħand is-Sur Bogdanovic il-kurrikulu tal-korsijiet tal-liċenzji Ċ u B, u ra li dawn jiffokaw fuq it-taħriġ taż-żgħażagħ, inkluż ir-relazzjonijiet bejn il-coach u l-ġenituri tagħhom.

146. Din l-evidenza ma taqbilx ma' evidenza oħra miġbura minni fil-kors tal-investigazzjoni tiegħi.

147. Fit-12 ta' Jannar 2021, Dr Debattista bagħat email b'abbozz ta' CV ta' Danijel Bogdanovic lil Danijel Bogdanovic stess.[71] Fl-email Dr Debattista ma qalx għalfejn għamel dan: qal biss "*Attached is the CV*". Iżda bagħatha propju dakinhar li kiteb lis-Segretarju Permanenti biex jgħidlu li espert fil-qasam kien ġie identifikat, jiġifieri meta Dr Debattista suppost diġà kien għamel analiżi tas-CV tas-Sur Bogdanovic. Jidher li flok talab CV mingħand is-Sur Bogdanovic kif xehed li għamel, Dr Debattista kitibhielu hu jew tal-anqas għenu jippreparaha.

148. Fid-dokument bil-kriterji tal-għażla li pprepara Dr Debattista, jingħad li min jintgħażel biex jagħmel l-istudju għandu jkun involut "*b'mod dirett jew*

70 Dokument B/PD/1, paġna 2.

71 Dokumenti C/NSS/1 u C/NSS/1a.

*indirett, fl-amministrazzjoni ta' xi entità edukattiva.*" Għandi nifhem li s-Sur Bogdanovic ġie meqjus li jissodisfa dan ir-rekwiżit għaliex, skont id-dokument, ħadem ma' SportMalta billi mexxa l-programm Sports on the Move u Skola Sport ġewwa Għawdex.[72] Dan iżda ma jissemmiex fis-CV tas-Sur Bogdanovic. Il-verżjoni bikrija tas-CV li Dr Paul Debattista bagħat lis-Sur Bogdanovic tgħid biss li s-Sur Bogdanovic serva bħala "*Coordinator of events at the Gozo Sports Complex*".[73] Verżjoni aktar dettaljata tas-CV tas-Sur Bogdanovic, li ġiet fornuta lili mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, ma ssemmi xejn dwar dan.[74] Għaldaqstant, jekk l-evalwazzjoni tal-kwalifiċi u l-esperjenza tas-Sur Bogdanovic saret a bażi tas-CV tiegħu kif jgħid Dr Debattista, mhux ċar minn fejn ġiet din l-informazzjoni.

149. Barra minn hekk, id-dokument ippreparat minn Dr Debattista jgħid li l-kriterji li fuqhom ġie identifikat is-Sur Bogdanovic ġew imfassla b'konsultazzjoni ma' diversi individwi u għaqdiet sportivi. La Dr Debattista u la l-Ministru Caruana ma qalu min huma dawn l-individwi u għaqdiet, ħlief għal Joe Caruana Curran (Aquatic Sports Assocation) u Bjorn Formosa (Malta Football Association). Id-dokument jgħid ukoll li isem is-Sur Bogdanovic "*ġie ikkomunikat ma' xi Għaqdiet Sportivi*", u li "*ir-rispons kien wieħed pożittiv u ta' approvazzjoni*". Dan jikkorrispondi ma' dak li xehdu Dr Debattista u l-Ministru dwar Joe Caruana Curran u Bjorn Formosa, iżda kif ingħad diġà f'dan ir-rapport, dawn it-tnejn qalu li ma ġewx ikkonsultati dwar l-għażla tas-Sur Bogdanovic biex jagħmel l-istudju.

150. Finalment, is-Sur Caruana Curran ma kienx kuntent bl-għażla tas-Sur Bogdanovic. Xehed li kien jaf lis-Sur Bogdanovic personalment għax dan kien player mat-tim ta' Valletta FC meta s-Sur Caruana Curran kien il-president tal-istess klabb. Mistoqsi jekk, fil-fehma tiegħu, is-Sur Bogdanovic kienx kompetenti jikteb rapporti bħal dak dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport, is-Sur Caruana Curran qal: "*Mhix deċiżjoni tiegħi min jiġi mqabbad jagħmel rapporti bħal dawn, però naħseb li hemm ħafna iktar nies kompetenti fil-pajjiż illi jistgħu jagħmlu rapporti bħal dawn ukoll.*"[75]

---

72 Dokument B/FF/6b, paġna 2.

73 Dokument C/NSS/1a.

74 Dokument C/FF/1.

75 Dokument B/JCC/1, paġna 1.

151. Mill-banda l-oħra Bjorn Vassallo qabel mal-għażla tas-Sur Bogdanovic, għalkemm lanqas hu ma kien ġie konsultat dwar dan. Is-Sur Vassallo qal: "*Jekk issaqsini malli ħareġ isem Danijel Bogdanovic jekk jien kontx kuntent, hawn Malta ma tantx hawn fiex titfixkel fil-football, jiġifieri professjonisti ma tantx kien hawn. Danny kien wieħed minnhom. Jiġifieri persważ bl-esperjenza li kellu li meta npoġġu fuq mejda u qed nitkellmu u qed nagħmlu rapport, programm, analiżi, emm, kapaċi jagħmilha aktar minn kwalunkwe persuna li mhux fil-, fil-football*."[76]

**L-approvazzjoni biex il-kuntratt jingħata b'direct order**

152. Meta staqsejt lil Dr Francis Fabri, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, kif ġie identifikat is-Sur Bogdanovic biex jagħmel l-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport, ir-risposta tiegħu kienet li "*il-contract for service segwa l-proċeduri stabbiliti kif tixtri servizz*".[77] Qal li l-Iskola tal-Isport tiftaħ f'Settembru bħall-iskejjel kollha, iżda l-proċess tal-għażla tal-istudenti jibda fil-bidu tas-sena. Għaldaqstant kien hemm "*time window*" li "*ikollna nagħtu ħafna ħafna kasha din*".[78] Dr Fabri qal li l-kuntratt ingħata skont ir-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku u ġie awtorizzat mill-Ministeru għall-Finanzi.

153. Diġà osservajt f'dan ir-rapport li approvazzjoni biex tingħata direct order ma teżonerax dik id-direct order minn nuqqasijiet ta' etika, jekk ikun hemm tali nuqqasijiet. Jiena qed ninvestiga jekk id-direct order għall-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport kinitx skont l-etika, mhux jekk kinitx skont ir-regolamenti dwar l-akkwist. Għaldaqstant ir-risposta ta' Dr Fabri mhix relevanti għalija.

154. Madankollu, ġaladarba rajt il-korrispondenza relevanti nħoss li għandi nikkummenta dwar l-approvazzjoni ta' din id-direct order. L-approvazzjoni kif fornuta lili minn Dr Fabri ngħatat bl-email mid-Direct Orders Office tal-Ministeru għall-Finanzi fil-15 ta' Jannar 2021.[79] Din l-email tgħid "*Approval is being granted*", iżda fl-istess waqt l-approvazzjoni hija "*Subject to submission of copy of contract for service above indicating time frame of contract*." Tgħid ukoll li "*A formal approval follows*" – għandi nifhem bħala ittra bil-posta.

[76] Dokument B/BV/1, paġni 1–2.

[77] Dokument B/FF/3, linja 358.

[78] Dokument B/FF/3, linji 370–372.

[79] Dokument B/FF/7.

155. Mill-korrispondenza fornuta lili mill-Malta Information Technology Agency, jirriżulta li aktar tard qamu domandi dwar il-valur tal-kuntratt għaliex id-Direct Orders Office deherlu li €5,000 fix-xahar kien ammont eċċessiv. Dan l-uffiċċju ddeċieda li għandu jistaqsi l-Ministeru għall-Edukazzjoni jekk hux kuntent iħallas dan l-ammont, u għandu jibgħat l-approvazzjoni formali biss jekk jirċievi risposta affermattiva. Fl-24 ta' Marzu 2021, l-uffiċċju kiteb lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Finanzi biex javżah b'dawn l-iżviluppi u jgħidlu "*The formal approval has not been mailed to them as we are still waiting for their response*."[80] Dan kien l-għada li ġie terminat il-kuntratt tas-Sur Bogdanovic, jiġifieri l-kuntratt baqa' qatt ma ngħata approvazzjoni formali sakemm dam fis-seħħ.

156. Mela minn banda d-Direct Orders Office approva l-għoti tal-kuntratt lis-Sur Bogdanovic permezz ta' email, iżda mill-banda l-oħra baqa' ma bagħatx ittra biex jikkonferma din l-approvazzjoni. Min-naħa tiegħu Dr Fabri jsostni li email titqies bħala dokument uffiċjali, u għaldaqstant l-approvazzjoni kienet valida.[81] Dr Fabri ma qalli xejn dwar id-domandi li qamu wara, u hawnhekk inħoss li naqas għax tani stampa parzjali biss tal-fatti. Iżda fl-istess ħin ma nagħtihx tort li huwa konfuż dwar l-approvazzjoni tad-direct order, għaliex il-proċess ta' approvazzjoni f'żewġ stadji separati joħloq ambigwità bla bżonn.

157. Ma jagħmilx sens li d-Direct Orders Office jagħti permess biex tingħata direct order qabel ma joħroġ l-approvazzjoni finali tiegħu għal dik id-direct order, kif ġara f'dan il-każ, għax imbagħad l-approvazzjoni finali ssir irrelevanti u l-uffiċċju jkun qed jirrendi ruħu ineffettiv. Jekk id-Direct Orders Office ma jkunx sodisfatt bl-informazzjoni li tkun ġiet mgħoddija lilu, m'għandux joħroġ approvazzjoni (lanqas b'mod preliminari) sakemm l-affarijiet jiġu ċċarati għas-sodisfazzjon tiegħu. Imbagħad għandu joħroġ l-approvazzjoni tiegħu darba u b'mod definittiv.

**Il-preparazzjoni tal-abbozz tar-rapport dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport**

158. L-eżitu tal-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport kien rapport ta' 81 paġna intitolat *Assessment, Review and Recommendations for National Sports*

[80] Dokument C/E/10.

[81] Dokument B/FF/15, paġna 2.

*School: A Proposal to Minister for Education*. Ir-rapport huwa datat 23 ta' Marzu 2021 u jinkludi isem Danijel Bogdanovic bħala l-awtur.[82]

159. Dan ir-rapport huwa deskritt sew minn Dr Francis Fabri, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, u sew minn Dr Paul Debattista, il-konsulent tal-Ministru Justyne Caruana, bħala abbozz mhux komplut.[83] Madankollu r-rapport għandu xeħta ta' dokument komplut b'kopertina, werrej, sommarju eżekuttiv u rakkomandazzjonijiet. Ir-rapport għandu t-tieni anness nieqes: dan kellu jkun fih proposti tal-Aquatic Sports Association, li kif xehed Joe Caruana Curran ma ġewx ippreżentati. Barra minn hekk ir-rapport ma fih xejn ovvju li jindika li mhux komplut, ħlief li jidher pjuttost superfiċjali u ftit jgħid dwar l-għażla tat-tfal – l-aspett li ġie identifikat mill-Ministru Caruana fix-xhieda tagħha bħala l-aktar wieħed problematiku.

160. Ir-rapport ġie fornut lili minn Dr Fabri bħala dokument elettroniku skannjat fil-portable document format (PDF). Il-fatt li r-rapport kien skannjat huwa importanti. Dokument elettroniku jista' jinqaleb għal PDF b'żewġ modi: billi jiġi konvertit direttament mis-software li nħoloq fih (per eżempju minn Microsoft Word); jew billi jiġi stampat fuq il-karta imbagħad skannjat. Dokument li jinkiteb b'software bħal Word awtomatikament jirreġistra u jżomm dettalji bħall-identità ta' min oriġina d-dokument u min għamel l-aktar emendi riċenti fih. Jekk id-dokument jinqaleb għal PDF mis-software dawn id-dettalji jinżammu, mentri jekk dokument jiġi stampat u skannjat dawn id-dettalji naturalment jintilfu. Għalhekk il-fatt li r-rapport ġie ppreżentat lili f'kuntest ta' investigazzjoni bħala PDF skannjat laqatni bħala suspettuż.

161. Dr Fabri xehed li rċieva r-rapport f'dak il-format mingħand Dr Paul Debattista. Bħala prova ta' dan, fuq talba tiegħi Dr Fabri bagħatli l-email li permezz tagħha Dr Debattista kien għaddielu r-rapport. Din l-email hija datata 24 ta' Marzu 2021.[84] B'hekk stajt nikkonferma li r-rapport kif mgħoddi lili minn Dr Fabri huwa identiku għal dak mgħoddi lilu minn Dr Debattista.

162. Meta xehed quddiemi Dr Debattista staqsejtu jekk irċeviex ir-rapport mingħand Danijel Bogdanovic bħala hard copy jew bl-email. Dr Debattista qal: "*Le, bagħatuli, bagħatuli* [...] *hard copy. Hard copy bagħatuli. Imbagħad*

---

82 Ir-rapport huwa riprodott bħala d-Dokument B/FF/12.

83 Dokument B/FF/13, linja 631; Dokument B/PD/1, paġna 3.

84 L-email in kwistjoni hija riprodotta bħala d-Dokument B/FF/14a.

*skannjajtu jiena u għaddejtu lill-, lill-, l-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti*.” Mistoqsi x’kien li s-Sur Bogdanovic għadda r-rapport fil-forma ta’ hard copy, Dr Debattista qal: “*Għax safejn naf jien dak kien diġà tteħidlu l-laptop tiegħu. Ma nafx. Għaddihuli hard copy*.”[85] Dr Debattista qal li bħala impjegat fil-Community Work Scheme, is-Sur Bogdanovic kellu laptop tal-ministeru.

163. Hawnhekk għandi nosserva, bħala parenteżi, li aktar tard irriżultali li s-Sur Bogdanovic ingħata laptop mhux bħala impjegat fil-Community Work Scheme iżda bħala de facto membru tas-segretarjat tal-Ministru Caruana. Dan joħroġ minn email tal-uffiċċju taċ-Chief Information Officer fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, li diġà rriferejt għaliha.[86] Barra minn hekk, Dr Fabri xehed li hu stess ta ordni biex lis-Sur Bogdanovic jitneħħielu l-kont tal-email u jitteħidlu l-laptop.[87] Meta s-Sur Bogdanovic ma baqax involut fis-segretarjat huwa baqa’ impjegat fil-Community Work Scheme. Għalhekk kieku ngħata dawn il-faċilitajiet fil-kapaċità tiegħu bħala tali, ma kienx ikun hemm għalfejn jiġu rtirati. Ix-xhieda ta’ Dr Debattista donnha kienet intiża biex taħbi l-fatt li għal ċertu żmien is-Sur Bogdanovic kien meqjus bħala parti mis-segretarjat tal-Ministru Caruana.

164. Dr Debattista qal li hu ma ngħatax ir-rapport direttament mingħand is-Sur Bogdanovic iżda permezz ta’ individwi Għawdxin li jaħdmu Malta. Madankollu Dr Debattista qal li ma jiftakarx min għaddielu r-rapport. Din ix-xhieda m’għamlet xejn biex ixxejjinli s-suspetti li kienu qamuli dwar ir-rapport.

165. Staqsejt lil Dr Paul Debattista jekk ġietx imqabbda xi persuna mill-ministeru biex tgħin fil-preparazzjoni tar-rapport. Dr Debattista qal li dan ma kienx il-każ. Huwa ma kienx jaf jekk min-naħa tiegħu is-Sur Bogdanovic kienx qabbad lil xi ħadd biex jgħinu.

166. Is-Sur Bogdanovic ukoll insista miegħi li r-rapport kien xogħolu. Mistoqsi jekk xi ħadd mill-ministeru għenux b’xi mod fil-preparazzjoni tar-rapport, qal “*no, absolutely not, jiena, jiena ara kull ma, kull ma kien jiġri kont nagħmel ir-rapport jien, kont, is-studji ovvjament, l-unika affarijiet li kien hemm, Dr Paul Debattista, erm, kien jiġi miegħi fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport, meta konna*

[85] Dokument B/PD/1, paġna 3.

[86] Email datata 10 ta’ Diċembru 2020 fejn qed jintalab laptop għas-Sur Bogdanovic bħala membru tas-segretarjat, riprodotta bħala d-Dokument C/E/2.

[87] Dokument B/FF/15, paġna 1.

*nagħmlu l-interviews one on one fis-sens face to face, ma' student għax kont, kont għażilt li nagħmel dat-tip ta' xogħol, I wanted their feedback u what they want from, from, from, from the school, what is their aim, x'iridu minnu dan …*"[88]

167. Dwar ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport, is-Sur Bogdanovic stqarr "*dawk ir-rakkomandazzjonijiet kollha dawk they're all mine, jiġifieri jiena, qatt ma tkellimt ma ħadd u qatt ma staqsejt lil ħadd isma x'taħseb hekk, hekk u hekk, these were all from my own experience u mill-affarijiet li rajt barra minn hawn* [...]".[89]

168. Mistoqsi jekk kienx hu li għamel ir-riċerka għar-rapport, is-Sur Bogdanovic qal: "*ir-research għamiltu jien, erm, u imbagħad ovvjament kien hemm, kien hemm, kont nirrapporta ma' Dr Paul Debattista u kont ninfurmah, ngħidlu isma', illum mort hemm, illum għamilt hekk, u kien hemm drabi li hu ġie miegħi bħalma għidtlek, fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport biex niltaqgħu mat-teachers*".[90]

169. Tlabt ir-reazzjoni tas-Sur Bogdanovic dwar il-possibbiltà li hu ma kitibx ir-rapport, jew li ħafna mix-xogħol ma ġiex magħmul minnu. Is-Sur Bogdanovic qal: "*jiena ma nafx x'nista', x'nista' ngħidlek x'jikkonvinċik imma jiena naf x'għamilt u r-rapport għamiltu jien, is-sigħat għamilthom jien u, u, u mhux sigħat, sigħat qed nitkellmu three working hours, jiena ġieli kont nibqa' sal-erbgħa ta' filgħodu, naħseb u nara u x'nista' nagħmel u, u, u nara, u nara kif jaħdmu barra u, u, u nikkuntattja nies minn barra, ġo universitajiet barra*".[91]

170. Mistoqsi dwar il-graphs li jidhru fir-rapport, is-Sur Bogdanovic qal li għamilhom hu a bażi ta' statistika fornuta lilu mill-kap tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport.[92]

171. Minkejja dan kollu, meta ġie mistoqsi dwar il-kontenut tar-rapport is-Sur Bogdanovic ma kien konvinċenti xejn fir-risposti tiegħu.

---

88 Dokument B/DB/1, paġna 9.

89 Dokument B/DB/1, paġna 6.

90 Dokument B/DB/1, paġna 9.

91 Dokument B/DB/1, paġna 12.

92 Dokument B/DB/1, paġna 8.

172. Is-Sur Bogdanovic qal li fir-rapport huwa rrakkomanda li t-tfal li jipprattikaw l-għawm jagħmlu l-lezzjonijiet akkademiċi tagħhom fil-Pixxina Nazzjonali, biex jevitaw ġiri bejn l-iskola u l-pixxina billi l-iskola m'għandhiex pixxina tagħha. Iżda dan jissemma' fir-rapport mhux bħala rakkomandazzjoni oriġinali tal-awtur, imma bħala proposta tal-Aquatic Sports Association.[93]

173. Mistoqsi dwar ir-rakkomandazzjoni fir-rapport li jkun hemm campus, is-Sur Bogdanovic reġa' rrefera għall-proposta li t-tfal li jipprattikaw l-għawm ikunu bbażati fil-Pixxina Nazzjonali.[94] Ir-rakkomandazzjoni dwar campus fil-fatt tgħid li għandu jinbena campus kompletament ġdid għall-Iskola Nazzjonali tal-Isport, u ma ssemmi xejn dwar it-tqassim ta' tfal ġo faċilitajiet oħra.[95]

174. Ir-rapport jikkwota fit-tul u kelma b'kelma minn artiklu li deher fil-ġurnal *The Malta Independent* fl-2012, meta l-iskola kienet għadha kemm fetħet. Ir-rapport ma jindikax li qed jikkwota direttament mill-artiklu, u b'hekk jidher li qed jitkellem dwar il-passat qisu għad irid iseħħ: per eżempju, "*The students will have 28 lessons per week in academic subjects and 12 lessons linked to sport*", u "*The students will also have regular visits by a sports psychologist and a nutritionist*".[96] Mistoqsi dwar dan, is-Sur Bogdanovic għall-ewwel qal li ma jiftakarx, imbagħad qal li l-artiklu kien dwar "*in-nuqqas ta', ta' suċċess li għandna*". Ftit wara qal li l-artiklu kien dwar "*in-numri ta' kemm, kemm, kemm ħarġu successful athletes u affarijiet hekk kien hemm, bħalissa qed niftakar*". Meta reġa' ġie emfasizzat li dan l-artiklu inkiteb meta l-Iskola Nazzjonali tal-Isport kienet għadha fil-bidu, is-Sur Bogdanovic qal "*infatti jiena anke jiena rajtha daqsxejn … erm … eżaġerata, imma I used it bħala, bħala, bħala, eżempju għax ovvjament illum il-ġurnata jekk tara il-… il-… ir-rifless ta' dak ir-rapport, u llum, ma tantx imxejna 'l quddiem ħa ngħiduha kif inhi*."[97]

175. Minkejja l-insistenza tas-Sur Bogdanovic li hu għamel ir-riċerka għar-rapport, ma seta' jiftakar xejn dwar dokumenti miktubin minn Radtke, l-

---

93 Dokument B/FF/12, paġna 26.

94 Dokument B/DB/1, paġna 5.

95 Dokument B/FF/12, paġni 70–71.

96 Dokument B/FF/12, paġna 18.

97 Dokument B/DB/1, paġni 6–7.

OFSTED u Lavallee.[98] Ir-rapport jirreferi għal kull wieħed minn dawn id-dokumenti.

176. Ikkonfrontat bil-fatt li ma setax jirrispondi dawn il-mistoqsijiet, is-Sur Bogdanovic qal: *"ara jien, ismijiet, jekk tgħidli isma', dak, dak u dak, ma nafx, imma inti jekk titfa' karti quddiemi, I will, I will explain to you exactly what, what we're talking about. Imma ismijiet jiena, it-titoli ta' dawn l-affarijiet, ma … miniex ... ma nif ... ma tantx għandi memorja tajba fuq hekk"*.[99]

177. Barra minn dan, it-terms of reference tal-istudju jgħidu li għandu jsir paragun ma' skejjel tal-isport f'pajjiżi oħra, b'mod partikolari l-Ingilterra, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, u "*ideally in Cyprus*".[100] Is-Sur Bogdanovic stqarr li l-inklużjoni ta' Ċipru fit-terms of reference kienet idea tiegħu peress li dan huwa pajjiż żgħir bħal Malta iżda għamel avvanz konsiderevoli fil-kwalità tal-faċilitajiet sportivi tiegħu. Mistoqsi jekk jafx kemm drabi Ċipru jissemma' fir-rapport, is-Sur Bogdanovic qal: "*naf li ktibt Ċipru, naf li semmejtu Ċipru, naf li semmejtu*", għalkemm imbagħad ġie fid-dubju u qal "*issa ktibtux fir-rapport jew le ma nistax niftakar, dak kollox kien bl-għaġġla*".[101] Fil-fatt Ċipru ma jissemma' xejn u imkien fir-rapport.

178. Mistoqsi jekk jafx kif għamel il-paġna ta' quddiem tar-rapport, is-Sur Bogdanovic qal "*u żgur li naf kif nagħmel dawn l-affarijiet, mhux kif tiddawnlowdja google, u, u edit to Word u, u … mhux you just go on Word, you can go on Word, you can go on on on Powerpoint, you can go on many things and do those things*." Mistoqsi jekk dan kienx il-metodu li uża, is-Sur Bogdanovic wieġeb: "*Naħseb Word kien, ma nistax niftakar eżatt imma…kont dawnlowdjajt ċerti pages u …*"[102] Fil-fatt, il-paġna ta' quddiem hija aċċessibbli minn sit fuq l-Internet[103] bħala disinn li jista' jiġi emendat online biss, imbagħad jitniżżel bħala ritratt (PNG jew JPEG), video (MP4 jew GIF), jew inkella PDF. Il-paġna ta' quddiem ma tistax tiġi editjata f'Microsoft Word.

98 Dokument B/DB/1, paġna 7.

99 Dokument B/DB/1, paġni 8–9.

100 Dokument B/FF/6a, punt 5 (paġna 1).

101 Dokument B/DB/1, paġni 10–11.

102 Dokument B/DB/1, paġna 11.

103 Ara https://www.canva.com/templates/EADao61dcMM-black-simple-sports-event-poster/.

179. Is-Sur Bogdanovic xehed li ta r-rapport lil Dr Paul Debattista bħala kopja stampata, u ma żammx kopja elettronika. Mistoqsi għalfejn m'għandux kopja elettronika, s-Sur Bogdanovic irrisponda: "*Jiena old school. I prefer to, to see everything in front of me*". Spjega li "*kont nikteb kollox fuq il-laptop u kont nitfa' fuq il-USB. Jien hekk naħdem, jiena hekk ... I put everything on the USB and then the USB, ipprintjajt kollox*".[104] Qal li ma jafx jekk kienx għadu għandu l-USB stick, iżda kkommetta ruħu li jfittxu u jekk isibu jibgħatuli.

180. Fit-30 ta' Awwissu 2021, is-Sur Bogdanovic kitibli u qalli "*please find the USB I mentioned*."[105] Ma' din l-ittra bagħatli USB stick li fuqha kien hemm żewġ verżjonijiet bikrija tar-rapport. Wieħed minn dawn ġie ssejvjat fuq il-USB stick fl-10 ta' Marzu 2021, u hu rich text format. L-ieħor ġie ssejvjat fl-20 ta' Marzu 2021 u huwa dokument fil-Microsoft Word.[106]

181. Jiena informat li dokument rich text format ma jkunx fih dettalji li jindikaw min oriġina d-dokument u min issejvjah l-aħħar. Dokument fil-Word jiġġenera dawn id-dettalji awtomatikament, anki jekk id-dokument ikun oriġinarjament rich text format u jiġi ssejvjat fil-Word. Biss, id-dettalji tal-awtur u l-aħħar persuna li ssejvjat id-dokument huma neqsin minn din il-verżjoni. Dan seta' ġara biss għax id-dettalji konxjament tneħħew mid-dokument. Naturalment, dan kompla tefa' dubji fuq id-dikjarazzjoni ta' Danijel Bogdanovic li hu kiteb ir-rapport.

182. Għal din ir-raġuni, fil-31 ta' Awwissu 2021 ktibt lis-Sur Tony Sultana, Executive Chairman tal-Malta Information Technology Agency (MITA), u ħarriktu biex jipprovdili dan li ġej:

- l-emails kollha mibgħuta u riċevuti minn Danijel Bogdanovic permezz tal-kont uffiċjali tal-email tiegħu mill-1 ta' Diċembru 2020 sakemm ingħalaq il-kont in kwistjoni; jew, jekk jirriżulta li dawn l-emails m'għadhomx aċċessibbli, l-emails kollha li ġew skambjati bejn Danijel Bogdanovic u Dr Paul Debattista u li jinsabu fil-kont tal-email ta' Dr Debattista;
- il-mail server logs li jappartjenu għall-kont tal-email tas-Sur Bogdanovic mill-1 ta' Diċembru 2020 'il quddiem; u

---

[104] Dokument B/DB/1, paġna 10.

[105] Dokument B/DB/2.

[106] Ara d-dokumenti B/DB/3 u B/DB/4.

- il-mail server logs li jappartjenu għall-kont tal-email ta' Dr Debattista, fir-rigward ta' emails skambjati bejnu u bejn is-Sur Bogdanovic.[107]

183. Fit-3 ta' Settembru 2021 il-MITA pprovdietli CD li kienet tinkludi l-kontenut tal-mailbox tal-kont uffiċjali tal-email ta' Danijel Bogdanovic, hekk kif miżmuma fis-sistema tal-backup tal-MITA, billi l-kont ingħalaq fit-30 ta' Marzu 2021. Is-CD kienet tinkludi wkoll audit logs u message tracking logs għall-istess mailbox.

184. L-emails fil-mailbox ta' Danijel Bogdanovic jindikaw li r-rapport huwa kważi kollu x-xogħol ta' Dr Paul Debattista, mhux tas-Sur Bogdanovic. Hawn taħt jidher rendikont fil-qosor tal-kontribut ta' Dr Debattista, b'riferenza għat-tqassim tar-rapport:

- Kapitolu 1 – sommarju eżekuttiv: x'aktarx inkiteb minn Dr Debattista.[108]
- Kapitolu 2 – brief u metodoloġija: mhux ċar min kitbu, iżda kważi nofs dan il-kapitolu jikkonsisti f'riproduzzjoni tat-terms of reference li kienu nkitbu minn Dr Debattista.
- Kapitolu 3 – introduzzjoni: inkiteb minn Dr Debattista.[109]
- Kapitolu 4 – laqgħat ma' stakeholders u l-eżitu: il-biċċa l-kbira nkiteb minn Dr Debattista u l-bqija mhux ċar min kitbu, ħlief għat-taqsima 4.5 kif indikat taħt.[110]
- Kapitolu 5 – ġbir ta' data u analiżi: ir-riċerka għal dan il-kapitolu saret a bażi ta' spreadsheets u kwestjonarji ppreparati minn Dr Debattista,[111] li wkoll ipprepara l-grafika li tidher f'dan il-kapitolu[112] u kiteb il-parti l-kbira tat-test.[113]
- Kapitolu 6 – rakkomandazzjonijiet: inkiteb minn Dr Debattista.[114]

---

107 Dokument C/M/1.

108 Dokument C/NSS/40.

109 Dokumenti C/NSS/32 u C/NSS/36.

110 Dokumenti C/NSS/21, C/NSS/22, C/NSS/35 u C/NSS/41a.

111 Dokumenti C/NSS/2 u C/NSS/3.

112 Dokumenti C/NSS/26, C/NSS/27, C/NSS/30, CNSS/37 u C/NSS/38.

113 Dokumenti C/NSS/28, C/NSS/29, C/NSS/31 u C/NSS/42.

114 Dokument C/NSS/39.

185. L-evidenza disponibbli ma tinkludi ebda sinjal ta' kontribut għar-rapport min-naħa tas-Sur Bogdanovic ħlief dan li ġej:

- bagħat il-questionnaires imfassla minn Dr Debattista lill-istudenti tal-iskola;[115]
- bagħat sensiela ta' talbiet għal informazzjoni lill-kap tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport, ħafna drabi fuq struzzjonijiet ta' Dr Debattista;[116]
- bagħat xi materjal lil Dr Debattista, li qallu li nesa' jdaħħal il-graphs:[117] m'għandix indikazzjoni x'kien dan il-materjal għax il-mailbox ma tinkludix l-email oriġinali tas-Sur Bogdanovic, iżda x'aktarx li kien parti mill-kapitolu 5, li l-biċċa l-kbira minnu nkiteb minn Dr Debattista;
- x'aktarx li t-taqsima 4.5 tar-rapport (laqgħat ma' assoċjazzjonijiet tal-isport) hija xogħol is-Sur Bogdanovic, għax hemm skambju fejn Dr Debattista qallu jippreparaha u hu qal li kien se jagħmilha;[118]
- x'aktarx ukoll li d-data ppreżentata fit-taqsimiet 5.5 u 5.6 tar-rapport inġabret mis-Sur Bogdanovic, għal darb'oħra fuq struzzjonijiet ta' Dr Debattista.[119]

186. Il-kontribut tas-Sur Bogdanovic fl-aħjar ipotesi jammonta għal proporzjoni żgħira biss tar-rapport.

187. Barra minn dan, hemm istanzi fejn Dr Debattista jitlob kontribut mis-Sur Bogdanovic iżda jibqa' ma jirċevihx:

- Dr Debattista jibgħat materjal lil Danijel Bogdanovic dwar skola tal-isport barra minn Malta u jgħidlu jfittex aktar materjal simili. Iżda r-riċerka kollha dwar prattiċi u żviluppi barra minn Malta, li tidher fil-kapitolu 3, issir minn Dr Debattista.[120]

---

115 Dokumenti C/NSS/4, C/NSS/5, C/NSS/6, C/NSS/7, C/NSS/8 u C/NSS/9.

116 Dokumenti C/NSS/9, C/NSS/10, C/NSS/11, C/NSS/12, C/NSS/13, C/NSS/18 u C/NSS/19.

117 Dokumenti C/NSS/33 u C/NSS/34.

118 Dokument C/NSS/41b.

119 Dokument C/NSS/31.

120 Dokumenti C/NSS/20, C/NSS/23, C/NSS/24 u C/NSS/25.

- Dr Debattista jibda jikteb abbozz tal-istess kapitolu u jistieden lis-Sur Bogdanovic iżid miegħu, iżda jkun Dr Debattista stess li jagħmel dan.[121]
- Dr Debattista jibgħat abbozz tal-kapitolu 6 (rakkomandazzjonijiet – l-aktar parti importanti tar-rapport) u jitlob il-veduti tas-Sur Bogdanovic dwaru. Dan jgħid biss "Yes ħabib, excellent thanks".[122]

188. Fl-aħħar nett, huwa Dr Debattista li jassumi r-risponsabbiltà li jiffinalizza r-rapport, u f'dan l-istadju s-Sur Bogdanovic ma jagħti ebda kontribut.[123]

189. Dawn l-emails għandhom jiġu interpretati b'ċertu kawtela għaliex jidher li hemm xi korrispondenza mibgħuta mis-Sur Bogdanovic nieqsa mill-mailbox tiegħu. Iżda li kieku s-Sur Bogdanovic ta kontribut ta' sustanza fir-rapport, żgur li dan b'xi mod kien jiġi rifless fl-emails, imqar fil-ktajjen ta' skambji taħt it-tweġibiet ta' Dr Debattista.

190. Din l-evidenza, flimkien mal-fatt li fix-xhieda verbali tiegħu is-Sur Bogdanovic ma kienx kapaċi jwieġeb domandi dwar ir-rapport, ma tħalli ebda dubju li l-awtur prinċipali tar-rapport dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport huwa Dr Debattista, mhux is-Sur Bogdanovic. Dan isolvi l-misteru tal-preżentazzjoni tar-rapport bħala PDF skannjat u tal-abbozz fil-Microsoft Word bid-dettalji tal-awtur neqsin.

191. Finalment, għandi nosserva li l-Ministru Justyne Caruana kienet ikkopjata fil-biċċa l-kbira tal-emails li permezz tagħhom Dr Paul Debattista bagħat siltiet tar-rapport ippreparati minnu lil Danijel Bogdanovic. Għaldaqstant il-Ministru kienet taf x'kien għaddej, u qrathom jew ma qrathomx, ma kien qed isir xejn minn wara daharha.

**Il-ħlas li sar lil Danijel Bogdanovic skont il-kuntratt**

192. Dr Debattista xehed li s-Sur Bogdanovic tħallas pagament wieħed ta' €5,000 taħt il-kuntratt. "*Pagament wieħed sar, u jien approvajtu. Għaliex? Għaliex, emm, bħal kull studju ieħor li jsir fil-ministeru, kemm jekk ikun, emm, minn xi fund-out jew anki internal, anki sempliċiment strateġiji, dawk kollha jiġu għandi. Jiena narahom, nivvettjahom, ngħaddi l-kummenti, insaqsi*

[121] Dokumenti C/NSS/32 u C/NSS/36.

[122] Dokument C/NSS/39.

[123] Dokumenti C/NSS/40, C/NSS/44, C/NSS/45.

*fuqhom, u allura anki dan kellu jiġi għandi u nara jekk hux qiegħed fil-, skont it-terms of reference. U allura meta wasal għall-pagament, jiena, emm, approvajt li, li jitħallas five thousand euros, u dak kien, emm, jien dak l-uniku wieħed li iffirmajt*."[124]

193. Il-kuntratt tas-Sur Bogdanovic ma kien isemmi xejn dwar ħlas parzjali qabel il-konklużjoni tal-istudju, iżda t-terms of reference ippreparati minn Dr Debattista kienu jaħsbu għall-ħlas ta' €7,000 fl-aħħar ta' Frar 2021.[125] Mistoqsi għalfejn is-Sur Bogdanovic tħallas inqas, Dr Debattista qal li hu kien ra x-xogħol li kien sar sa dak l-istadju u deherlu li kellu jitħallas €5,000, u għalhekk talab lis-Sur Bogdanovic jibgħat invoice għal dan l-ammont. Dr Debattista qal: "*jiena kien ikolli meetings regolari miegħu, jiġifieri, jiġifieri, bħal kull, eh, assignment ieħor li qed jagħmlu nies oħra, ikolli meetings regolari magħhom, jiġifieri mhux li tajtek assignment, qgħadt nistenna hemmhekk, wara xi xahrejn ġibtli r-rapport, u għedtlek hawnhekk – jiġifieri jien, kif naħdem jien huwa li jekk hemm assignment, regolarment isir meeting ħalli jekk hemm xi affarijiet li wieħed irid jirranġa, jagħmilhom mallewwel mhux fl-aħħar tal-, tal-perjodu*."[126]

194. Dan il-pagament ġie approvat minn Dr Debattista fid-19 ta' Frar 2021, qabel ma l-kuntratt għall-istudju tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport ġie ffirmat, iżda kien biss fl-10 ta' Marzu 2021 li l-ministeru mexxa l-pagament mad-Dipartiment tat-Teżor.[127] L-ammont kien ta' €5,900 bl-inklużjoni tal-VAT.

195. Għandi nosserva li anki hawn Dr Debattista ma qalx il-verità kollha. Jirriżulta mid-dokumentazzjoni pprovduta mill-MITA li Dr Debattista ma talabx invoice mingħand is-Sur Bogdanovic, iżda bagħathielu hu biex is-Sur Bogdanovic kemm jistampaha, jiffirmaha u jibgħatha lura.[128]

196. Inoltre, jirriżulta li sussegwentement Dr Debattista approva pagament ieħor lis-Sur Bogdanovic, għas-somma ta €8,000, li telgħet għal €9,440 bl-inklużjoni tal-VAT. Anki hawn Dr Debattista pprepara l-invoice hu għall-firma tas-Sur Bogdanovic. Dr Debattista għadda l-invoice iffirmata lill-

124 Dokument B/PD/1, paġni 2–3.

125 Dokument B/FF/6a, paġna 2.

126 Dokument B/PD/1, paġna 3.

127 Dokumenti B/FF/9, B/FF/10 u C/E/5.

128 Dokumenti C/NSS/14 sa C/NSS/17.

amministrazzjoni tal-ministeru biex titħallas fil-25 ta' Marzu 2021, wara li l-kuntratt għall-istudji dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport ġie terminat.[129]

197. Li kieku dan il-pagament sar, is-Sur Bogdanovic kien jitħallas it-total, inkluż l-ewwel pagament, ta' €13,000 (apparti VAT) – €2,000 biss inqas mill-ammont kollu dovut taħt il-kuntratt, u dan minkejja li l-kuntratt ġie terminat xahar kmieni. Barra minn hekk, l-invoice għal dan it-tieni pagament tqajjem dubji gravi għaliex tgħid li tirrappreżenta ħlas għal dawn l-attivitajiet:

> *Looked into the organisation structure of the National Sports School.*
>
> *Compared the academic and sports curriculum and eligibility criteria of the school with those of similar schools in other countries.*
>
> *Carried out a number of focus groups with National Sports Associations.*
>
> *Drew up recommendations on what is needed to improve the School and achieve the aims it was set up for.*
>
> *Presented a first preliminary draft of the report.*[130]

198. Ma jirriżultalix li s-Sur Bogdanovic ta xi kontribut sinjifikanti għat-tieni, ir-raba' u l-ħames attivitajiet f'dan l-elenku.

199. Fortunatament jidher li din l-invoice ma tħallsitx. Fuq talba tiegħi Paulanne Mamo, Accountant General, għarrfitni li l-uniku pagament maħruġ lil Danijel Bogdanovic mit-Teżor (id-dipartiment tal-gvern li jipproċessa pagamenti għal xogħlijiet u servizzi kuntrattati mill-gvern) mill-1 ta' Diċembru 2020 'l hawn kien dak ta' €5,900,[131] jiġifieri l-ewwel invoice biss tħallset.

**It-terminazzjoni tal-kuntratt**

200. Fit-23 ta' Marzu 2021 Maria Galea, Direttur Ġenerali (Strateġija u Sapport) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, bagħtet email lill-kap tas-segretarjat tal-Ministru Caruana u lil Dr Paul Debattista biex tgħidilhom li l-kuntratt għall-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport kien qed jiġi terminat skont kif

[129] Dokumenti C/NSS/46 u C/NSS/47.

[130] Dokument C/NSS/47b.

[131] Dokument B/AcG/1.

tipprovdi l-klawżola 5 tal-istess kuntratt. Qalet ukoll li x-xogħol li kien laħaq sar kellu jintbagħat lilha.

201. Aktar tard fl-istess ġurnata Ms Galea reġgħet kitbitilhom biex titlobhom jinformaw lis-Sur Bogdanovic, u biex tgħidilhom li ittra ta' terminazzjoni kienet se tintbagħat lilu l-għada bil-posta reġistrata. L-ittra lis-Sur Bogdanovic fil-fatt inħarġet bid-data ta' dakinhar stess.[132]

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Il-Ministru Caruana tat trattament preferenzjali lil Danijel Bogdanovic?**

202. Ma nistax nilqa' l-ilment speċifiku li l-Ministru Caruana tat trattament preferenzjali lil Danijel Bogdanovic billi żiditlu l-paga u tatu karozza u mobile phone imħallsa mill-gvern.

203. Dik li l-Ilmentatriċi ħasbet li kienet żieda fil-paga fil-fatt kienet performance bonus ta' darba fis-sena li l-impjegati kollha fil-Community Work Scheme huma eliġibbli għaliha.

204. Teżisti ambigwità fl-evidenza li jiena ġbart dwar l-għoti ta' mobile phone u karozza, iżda m'għandix bażi biex nikkonkludi li s-Sur Bogdanovic ingħata mobile jew karozza. Għaldaqstant l-investigazzjoni tiegħi dwar dawn irriżultat inkonklussiva.

205. Mandankollu, Danijel Bodanovic ingħata forom oħra ta' trattament preferenzjali.

206. L-ewwel nett, hemm iż-żewġ kuntratti li ġew proposti biex jingħataw lis-Sur Bogdanovic. Il-Ministeru għall-Edukazzjoni l-ewwel ippropona li jagħtih kuntratt biex jikkoordina x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fl-iskejjel, imbagħad minflok dan tah ieħor biex jagħmel studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. It-tieni kuntratt kien għal tliet xhur, mentri l-ewwel wieħed kien għal sena, iżda t-tieni kuntratt jista' jitqies aktar favorevoli sew fir-rigward tal-ammont ta' ħlas fix-xahar u sew għax ma jispeċifikax in-numru ta' sigħat ta' xogħol, għall-kuntrarju tal-ewwel kuntratt li kien jibbaża l-ħlas propost minnu fuq 30 siegħa xogħol fix-xahar. Il-fatt li ż-żewġ kuntratti kienu dwar oqsma differenti għal

[132] L-email tinsab fid-Dokument C/NSS/43 u l-ittra fid-Dokument B/FF/14b.

kollox minn xulxin, iżda t-tnejn kienu intenzjonati għas-Sur Bogdanovic, jindika li kienu maħsubin mill-ministeru primarjament bħala mekkaniżmi biex iżidulu d-dħul permezz ta' fondi pubbliċi.

207. Barra minn hekk, is-Sur Bogdanovic baqa' jitħallas il-paga tiegħu bħala impjegat tal-Community Work Scheme waqt li kien fis-seħħ il-kuntratt biex jagħmel studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Is-Segretarju Permanenti tal-ministeru, Dr Francis Fabri, iġġustifika dan billi qal li s-Sur Bogdanovic baqa' jagħmel ix-xogħol regolari tiegħu: "*Qed jagħmel ix-xogħol tiegħu, tajjeb? Idur l-iskejjel jew jaħdem man-nies biex itella' x-xogħol ħalli fl-iskejjel isiru x-xogħlijiet* […]".[133] Dr Fabri ġibed paragun ma' persuna li tassumi impieg part-time waqt li tkun qegħda taħdem full-time.[134]

208. Minkejja d-deskrizzjoni falza tax-xogħol regolari tas-Sur Bogdanovic, dan kien ikun argument raġonevoli ħlief għal żewġ affarijiet: li s-Sur Bogdanovic ftit impenja ruħu fl-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport, għaliex il-biċċa l-kbira tax-xogħol fuq dan sar minn Dr Paul Debattista; u li ma kien hemm xejn fil-kuntratt, jew fit-talba għall-approvazzjoni biex jingħata bħala direct order, li jindika li l-kuntratt kien maħsub biex jitwettaq fuq bażi ta' xogħol part-time. Il-ħlas ta' €5,000 fix-xahar għal dan l-istudju diġà kien meqjus bħala ġeneruż iżżejjed mid-Direct Orders Office, aħseb u ara kieku kellu jiġi kkunsidrat bħala kuntratt ta' xogħol part-time.

209. L-impjegati kollha tal-gvern huma obbligati li "*jużaw riżorsi pubbliċi b'mod xieraq, konxenzjuż, effiċjenti u effettiv fl-interess pubbliku*".[135] Fil-fehma tiegħi dan l-obbligu japplika b'mod partikolari għal Dr Fabri bħala Segretarju Permanenti risponsabbli għall-amministrazzjoni ta' ministeru. Il-fatt li s-Segretarju Permanenti jiffirma kuntratti għan-nom tal-ministeru, kif għamel Dr Fabri fil-każ tal-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport, huwa riflessjoni tar-risponsabbiltà tiegħu li jissalvagwardja r-riżorsi li ġew fdati lill-ministeru u jara li jintużaw tajjeb. Fil-fehma tiegħi li seta' jagħmel Dr Fabri biex jaqdi sew l-obbligu tiegħu kien li ma jiffirmax il-kuntratt, mhux li jiffirmah imbagħad iġib argumenti mġebbda biex jipprova jiġġustifikah.

---

133 Dokument B/FF/3, linji 494–495.

134 Dokument B/FF/15, paġna 2.

135 Paragrafu 9(b) tal-Kodiċi ta' Etika għal Impjegati Pubbliċi u Membri ta' Bordijiet, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

210. Finalment, il-ministeru (permezz ta' Dr Paul Debattista, il-konsulent tal-Ministru Caruana) għen lis-Sur Bogdanovic billi ppreparalu hu l-invoices li s-Sur Bogdanovic kellu jissottometti sabiex jitħallas. Is-Sur Bogdanovic kellu biss jistampahom u jiffirmahom. L-acme ta' trattament speċjali huwa li meta s-Sur Bogdanovic m'għamilx ix-xogħol li kien kuntrattat biex jagħmel, il-ministeru (għal darb'oħra permezz ta' Dr Paul Debattista) għamilulu hu. Dan il-Ministru kienet taf bih.

211. Għaldaqstant fil-fehma tiegħi huwa minnu li l-Ministru Justyne Caruana tat trattament preferenzjali lil Danijel Bogdanovic.

**Il-kelliem tal-Ministru għamel stqarrija falza meta ċaħad li Danijel Bogdanovic kien membru tas-segretarjat tagħha?**

212. Kif intwera f'dan ir-rapport, kien hemm proċess għaddej biex Danijel Bogdanovic jiġi ingaġġat bħala membru tas-segretarjat tal-Ministru Justyne Caruana. Waqt li kien għaddej dan il-proċess, is-Sur Bogdanovic kien qed jiġi ttrattat bħala de facto membru tas-segretarjat. Kien reġistrat fid-direttorju tal-email tal-gvern bħala Secretariat Officer u kellu business card u security tag li kienu jindikawh bħala membru tas-segretarjat. Kien ukoll qed jiġi kkopjat f'emails daqs li kieku kien membru tas-segretarjat.

213. Madankollu, is-Sur Bogdanovic qatt ma sar formalment membru tas-segretarjat tal-Ministru Caruana. Meta ġie offrut kuntratt ta' ingaġġ bħala Customer Care Officer fis-segretarjat, huwa ma ffirmahx u ma daħalx fil-payroll tal-gvern (pass neċessarju biex jitħallas paga bħala membru tas-segretarjat).

214. Għaldaqstant l-allegazzjoni li l-kelliem tal-Ministru għamel stqarrija falza meta ċaħad li Danijel Bogdanovic kien membru tas-segretarjat tirriżulta infondata. Jista' raġonevolment jingħad li l-istqarrija kienet qed tostor il-fatt li s-Sur Bogdanovic kien qed jaġixxi bħala membru fis-segretarjat u kien għaddej il-proċess biex huwa jingħata kuntratt bħala tali. Għaldaqstant l-istqarrija waslet fix-xifer tal-qerq. Kien ikun imbarazzanti għall-ministeru kieku s-Sur Bogdanovic sar membru tas-segretarjat wara li l-ministeru ċaħad li kien tali. Madankollu, fil-fehma tiegħi iċ-ċaħda ma qabżitx il-linja għaliex is-Sur Bogdanovic formalment qatt ma ffirma l-kuntratt biex isir membru tas-segretarjat.

**Danijel Bogdanovic kien kwalifikat biex jagħmel studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport?**

215. Huwa faċli li wieħed jistabbilixxi jekk persuna hix kwalifikata biex twettaq kompitu partikolari, jekk dak il-kompitu jikkonsisti f'xogħol li jista' jsir biss minn membru ta' xi professjoni regolata bil-liġi. Jekk il-kompitu mhux ta' dan it-tip, id-deċiżjoni dwar x'inhuma l-kwalifiċi neċessarji għalih tkun waħda suġġettiva għall-aħħar. Wieħed għandu wkoll iżomm f'moħħu l-possibbiltà li persuna tista' tkun żviluppat il-kapaċità li twettaq il-kompitu mingħajr ma jkollha kwalifiċi formali. Għalhekk, fil-prinċipju, miniex niskarta l-possibbiltà li xi ħadd bħal Danijel Bogdanovic tassew jista' jkun kompetenti biex jagħmel studju bħal dak dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

216. Madankollu, meta niġu għall-każ attwali jqumu numru ta' konsiderazzjonijiet li jwassluni biex nikkonkludi li s-Sur Bogdanovic ingħata inkarigu li ma kienx kompetenti jwettqu.

217. L-ewwel nett, il-kriterji ppreparati minn Dr Paul Debattista li a bażi tagħhom intgħażel is-Sur Bogdanovic ma jistgħux jittieħdu bis-serjetà. Studju ta' istituzzjoni bħall-Iskola Nazzjonali tal-Isport jirrikjedi għarfien dettaljat dwar prattiċi u teoriji relevanti li s-soltu jiġi akkwistat bħala parti minn kors ta' studju li jwassal għal kwalifika avvanzata. F'dan il-kuntest għandi nosserva li t-terms of reference tal-istudju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport ikopru mhux biss il-kurrikulu tal-isport iżda anki dak akkademiku, li jista' jeħtieġ kwalifika ta' edukatur għal min ikun qed jagħmel ir-rapport.

218. Nifhem li wieħed iħalli lok biex jiġi kkunsidrat min għandu l-kapaċità u l-esperjenza biex jagħmel il-kompitu għalkemm m'għandux kwalifiċi formali, iżda l-kriterji tal-għażla mat-terms of reference effettivament jeskludu lil min huwa kkwalifikat. Jeskludu anki lil min għandu esperjenza fit-tmexxija ta' skejjel simili, sakemm ma jkunx ukoll eks player tal-football li lagħab barra minn Malta għal ħames staġuni. Il-kriterji huma libsa li ġiet imfassla fuq Danijel Bogdanovic. Dan jinkixef mid-dikjarazzjoni ta' Dr Paul Debattista, bħala parti mill-kriterji tal-għażla miktubin minnu, li "*meta l-isem ta' Daniel Bogdanovic ġie ikkomunikat ma' xi Għaqdiet Sportivi* [...] *ir-rispons kien wieħed pożittiv u ta' approvazzjoni*".[136] Intwera f'dan ir-rapport li dan ma kienx minnu. Din id-dikjarazzjoni kienet intiża biex tipprova tingħata sembjanza ta' kredibilità lil

136 Dokument B/FF/6b, paġna 2.

dokument li jipprova jiġġustifika l-għażla tas-Sur Bogdanovic biex jagħmel biċċa xogħol meta manifestament ma kienx ikkwalifikat għaliha.

219. Fix-xhieda tiegħu Dr Debattista qal li ma ġietx imqabbda persuna bi kwalifiki akkademiċi għolja biex tagħmel l-istudju għaliex l-Iskola Nazzjonali tal-Isport m'għandhiex titmexxa "*b'mod akkademiku*", u għaliex tali persuna mhix se tħares lejn aspetti bħan-nutrition tal-istudenti. Hawnhekk Dr Debattista qed jipprova jiġġustifika l-għażla tas-Sur Bogdanovic billi jinjora l-possibbiltà li setgħet tinstab persuna ikkwalifikata propju fl-amministrazzjoni tat-taħriġ sportiv.

220. Qabel ma jingħata kuntratt ta' €15,000 għall-kitba ta' rapport, għandu jiġi żgurat li l-persuna li se tingħata l-kuntratt hija kompetenti biex tikteb ir-rapport. Dan jgħodd anki jekk il-persuni għandha kwalifiċi formali, aħseb u ara jekk m'għandhiex. Tali persuna għandha tintalab turi track record f'dak it-tip ta' xogħol, jew b'xi mod ieħor iġġib provi li hija kompetenti biex tagħmlu. Dan l-aspett kruċjali tħalla barra mill-kriterji tal-għażla.

221. Għal dan il-għan wieħed jista' jħares ukoll lejn ix-xogħol kurrenti tal-persuna. Għaliex għalkemm huwa possibbli li persuna tkun kapaċi tagħmel kompitu li normalment jirrekjedi kwalifiċi għolja mingħajr ma tkun kwalifikata, huwa improbabbli għall-aħħar li tali persuna tkun qed tagħmel biss xogħol ta' sewqan u photocopies bħas-Sur Bogdanovic. Fit-terminoloġija tal-amministrazzjoni pubblika Maltija, dan jissejjaħ xogħol ta' messaġġier. Huwa xogħol importanti għal kull uffiċċju, iżda jiżgarra l-fatt li persuna li normalment tagħmel dan ix-xogħol fil-ministeru ġiet imqabbda tagħmel studju biex tfassal riforma immedjata tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

222. Il-kuntrast bejn ix-xogħol li kien qed jagħmel is-Sur Bogdanovic bħala impjegat tal-Community Work Scheme u x-xogħol maħsub fil-kuntratt dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport messu xegħel il-bozoz ħomor għal Dr Francis Fabri, is-Segretarju Permanenti tal-ministeru, meta ġie avviċinat biex jagħmel l-arranġamenti sabiex dan il-kuntratt jingħata b'direct order lis-Sur Bogdanovic. Forsi din kienet ir-raġuni għalfejn Dr Fabri ta verżjoni qarrieqa dwar id-dmirjiet tas-Sur Bogdanovic bħala impjegat tal-Community Work Scheme.

223. Barra minn dan, hekk kif irriżulta li s-Sur Bogdanovic ma kienx kapaċi jagħmel ix-xogħol li kien kuntrattat li jagħmel, il-ministeru messu waqqaf il-kuntratt, mhux qabbad lil ħaddieħor jagħmilulu bil-moħbi. Mhux talli ma ġarax hekk imma talli Dr Paul Debattista, bil-konoxxenza tal-Ministru Justyne

Caruana, ipprepara rapport dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport li b'mod falz jindika li nkiteb minn Danijel Bogdanovic. Sew Dr Debattista u sew is-Sur Bogdanovic ma xehdux sewwa quddiemi dwar l-irwoli rispettivi tagħhom fil-kitba ta' dan ir-rapport, fejn it-tnejn li huma qaluli bil-ġurament li ħadd ma għen lis-Sur Bogdanovic.

224. Fis-sottomissjoni finali tagħha, il-Ministru Caruana ddeskriviet l-irwol ta' Dr Debattista fil-kitba tar-rapport b'dan il-mod:

> *30. Illi bħal ma jiġri meta student ikun qed jikteb teżi għal akkwist ta' Masters jew Dottorat, jkun assenjat lilu superviżur biex jiggwidah fil-proċess kollu li tinvolvi l-preżentazzjoni ta' teżi. Ir-rwol tas-superviżur huwa dak li jipprovdi lil min qed jagħmel l-istudju u jikteb ir-rapport, b'dak l-appoġġ u riżors matul il-fażijiet kollha tal-istudju, liema appoġġ jinkludi d-diskussjoni fuq l-għarfien u l-letteratura ta' sfond rilevanti, kif ukoll il-metodoloġija u teknika meħtieġa matul dan l-istudju. Superviżur għandu mhux biss ikun aċċessibbli, iżda jinvolvi ruhu f'diskussjoni u kritika kostruttiva tal-ideat; tal-informazzjoni li tkun qed tinġabar; tar-riżultati tar-riċerka u tar-rakkomandazzjonijiet li sejrin ikunu preżentati fir-rapport finali.* [...]
>
> *32. Illi wieħed irid iżomm f'moħħu, li rapport bħal dan, biex ir-rakkomandazzjonijiet li kienu ser jiġu preżentati, jiġu approvati, kien ser ikun hemm approvazzjoni tal-Kabinett, kif ukoll konsultazzjoni pubblika. Għalhekk, kien hemm bżonn is-superviżjoni ta' persuna li taf il-mekkaniżmu u kif jopera Kabinett. Żgur li kull persuna li ma kinitx esposta għal dan l-ambjent, ma tkunx taf kif rapport għandu jiġi preżentat fil-forma li tiffaċilita lill-membri tal-Kabinett jieħdu deċiżjoni għaġġilija fuq rapport preżentat lilhom. F'dan l-isfond, l-intervent ta' Dr Paul DeBattista f'dan l-istudju, kien isegwi dawn il-binarji u linji gwida ta' superviżur.* [...]
>
> *34. Illi dan pero' ma jneħħi xejn mill-fatt li l-awtur tar-rapport huwa Daniel Bogdanovic u li jista' jiġi kkonfermat li fl-ebda istanza ma ngħatat xi raġuni li xi ħadd jiddubita minn dan il-fatt.*[137]

225. L-evidenza ppreżentata f'dan ir-rapport turi ampjament li l-irwol ta' Dr Debattista fil-kitba tar-rapport dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport mar ferm

[137] Dokument B/JC/3, paġni 6–7.

oltre minn dak ta' superviżur ta' teżi. Is-superviżur ma jiktibx it-teżi hu minflok l-istudent.

226. Il-fatt li r-rapport dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport kien maħsub għall-approvazzjoni tal-Kabinett, jekk dan hu minnu, bl-ebda mod ma jiġġustifika l-kitba tar-rapport minn Dr Debattista minflok is-Sur Bogdanovic. Jekk is-Sur Bogdanovic ma kienx kapaċi jikteb rapport kif riedu l-Kabinett, dan jirrappreżenta raġuni oħra għalfejn il-kuntratt ma kellux jingħata lilu.

227. Fi kwalunkwe każ, il-Manwal ta' Proċeduri tal-Kabinett jispeċifika li meta ministru jkun jixtieq iressaq materja għad-diskussjoni fil-Kabinett, għandu jagħmel dan permezz ta' memorandum lill-Kabinett. Dan ifisser li r-rapport dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport kien ikollu jiġi sottomess lill-Kabinett flimkien ma' memorandum li jagħmel sommarju tar-rapport, u d-diskussjoni ssir primarjament a bażi tal-memorandum. Il-manwal jispeċifika kif għandhom jinkitbu memoranda lill-Kabinett, mentri ma jsemmi xejn dwar kif għandhom jinkitbu rapporti. Għaldaqstant kien ikun hemm bżonn il-kontribut ta' "*persuna li taf il-mekkaniżmu u kif jopera Kabinett*" fl-istadju tal-kitba ta' memorandum lill-Kabinett, mhux tar-rapport innifsu.

228. Meta kuntratt jingħata fuq bażi ta' nepotiżmu jew favoritiżmu, dan ikun ifisser inġustizzja ma min seta' jikkompeti għalih iżda ġie mċaħħad mill-opportunità. Ikun ifisser wkoll ħsara għall-interess pubbliku fis-sens li jista' jkun hemm min iwettaq dak il-kuntratt aħjar jew b'inqas spejjeż ta' fondi pubbliċi. Madankollu, wieħed jistenna li almenu l-kuntratt jitwettaq u x-xogħol kuntrattat isir mill-kuntrattur. Dan il-każ jirrappreżenta livell ogħla ta' favoritiżmu, fejn kuntratt jingħata bil-għan biss li l-individwu favorit jaqla' aktar flus, isir jew ma jsirx ix-xogħol. Dan jista' jitqies fil-kuntest kollu, jiġifieri fejn dan l-individwu qrib tal-ministru kien qed jitħallas biex jikteb rapport b'terms of reference onerużi, fi żmien qasir, filwaqt li kellu x-xogħol tiegħu regolari, kien impenjat bħala player/coach wara l-ħin tax-xogħol, u fl-istess waqt kien qed jagħmel kors biex jottjeni l-liċenzja "A" ta' coach tal-football. Għalhekk dan il-każ jista' jitqies mhux biss li qabeż il-linja tal-etika iżda addirittura jista' jikkostitwixxi ksur tal-liġi kriminali.

229. Loġikament il-proċedura tal-għoti ta' kuntratti mingħajr sejħa għall-offerti jew talba għall-kwotazzjonijiet hija fondamentalment eċċezzjoni għar-regola ġenerali. Għalhekk dejjem għandha tintuża b'kawtela fejn ikun hemm il-ħtieġa li tintuża, u jagħmel sew ministru jekk jiddistanzja ruħu mill-għażla tal-persuna. Ministru għaqli għandu jevita l-eżerċizzju ta' dina s-setgħa

diskrezzjonali partikolarment fejn il-benefiċjarju jkun qarib tiegħu, tkun xi tkun ir-relazzjoni ta' bejniethom.

230. Għalhekk fejn il-benefiċjarju jiġi magħżul mill-ministru stess, huwa persuna qrib tiegħu u manifestament inkompetenti, in-nuqqas tal-ministru konċernat għandu jitqies wieħed abbużiv, u iktar u iktar bħal f'dan il-każ, fejn jirriżulta li x-xogħol previst ikun attwalment sar minn ħaddieħor fil-ministeru stess, minflok mill-benefiċarju, u dan bil-konoxxenza u l-barka tal-ministru.

**KONKLUŻJONIJIET**

231. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, fil-fehma tiegħi il-Ministru Justyne Caruana wettqet setgħa diskrezzjonali b'mod li jikkostitwixxi abbuż ta' poter, kif ipprovdut fl-artikolu 22(2) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, u kisret id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5.1, 5.3, 5.4 u 8.6 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jidher bħala t-tieni skeda tal-Att, billi tat trattament preferenzjali lil Danijel Bogdanovic, u b'mod partikolari billi tatu kuntratt b'direct order li s-Sur Bogdanovic la kien ikkwalifikat u lanqas kien kompetenti biex iwettqu. Mhux biss, iżda sar sforz konċertat biex tinħeba l-inkompetenza tas-Sur Bogdanovic billi x-xogħol tal-kuntratt sar minn Dr Paul Debattista, konsulent tagħha fil-ministeru, minfloku, u billi dan il-fatt ġie mistur fix-xhieda li ngħatat lili.

232. Dan ir-rapport u ż-żewġ volumi bl-evidenza miġbura li jakkumpanjawh qed jiġu sottomessi lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont l-artikolu 22(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat skont l-artikoli 27 u 28 tal-Att.

233. Kemm-il darba l-Kumitat jadotta dan ir-rapport, jista' jiddeċiedi x'miżuri għandu jieħu ai termini tal-artikolu 28 wara li jkun ta l-opportunità lill-Ministru Caruana li tagħmel sottomissjonijiet.

234. Ulterjorment, billi l-artikolu 22(3) tal-Att jagħtini s-setgħa li nagħmel rakkomandazzjonijiet, u l-art. 27(3) jagħti l-kompitu lill-Kumitat li jikkunsidra tali rakkomandazzjonijiet, jiena qed nirrakkomanda lill-Kumitat li:

(a) jirrilaxxa pubblikament dan ir-rapport, u ż-żewġ volumi ta' evidenza fil-Kategorija B li jakkumpanjawh, minnufih fl-interess tat-trasparenza;

(b) jikkunsidra jekk għandux jirreferi r-rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija, kif maħsub fl-artikolu 28(b) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika,

sabiex dan jara jekk għandux jinvestiga l-aġir ta' persuni oħra li jissemmew fir-rapport;

(ċ) jirreferi r-rapport lis-Segretarju Permanenti Ewlieni sabiex jikkonsidra jekk għandux jirrevedi l-Manwal ta' Proċeduri tal-Kabinett kif propost fil-paragrafu 11 ta' dan ir-rapport; u

(d) jirreferi r-rapport lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol sabiex jikkunsidra jekk jistax itejjeb il-proċess ta' approvazzjoni ta' ordnijiet diretti fid-dawl tal-punti mqajma fil-paragrafi 154 sa 157.

235. Skont il-proċedura miftehma mal-Kumitat qed ninforma kontestwalment lill-ilmentaturi u lill-Ministru Justyne Caruana li jiena debitament issottomettejt ir-rapport lill-Kumitat, u dan mingħajr ma ngħaddilhom kopja tiegħu.

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

# LISTA TA' DOKUMENTI MIĠBURA BĦALA EVIDENZA

## KATEGORIJA A

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ilment tas-Sinjura Alison Bogdanovic datat 21 ta' Marzu 2021. | A1 |
| Ilment tal-Prof. Arnold Cassola datat 22 ta' Marzu 2021. | A2 |
| Rapport li deher fil-ġurnal *MaltaToday* fit-22 ta' Marzu 2021, u li jirreferi għalih il-Prof. Cassola fl-ilment tiegħu. | A3 |

## KATEGORIJA B, L-EWWEL VOLUM

### Dokumenti – Is-Sinjura Alison Bogdanovic

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sinjura Alison Bogdanovic. | B/AB/1 |
| Ritratt ta' business card bl-arma, indirizz u sit elettroniku tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, li jindika l-isem "Daniel Bogdanovic" u l-kariga "Coordinating Officer" flimkien man-numru tal-mobile (imħassar għall-privatezza) u email address tiegħu. | B/AB/2 |
| Ritratt ta' security tag tal-Ministeru għall-Edukazzjoni bl-isem "Danierl Bongdanovic" u taħtu l-kelma "Secretariat". | B/AB/3 |
| Ritratt ta' tad-direttorju tal-gvern li juri d-dettalji tal-kont tal-email ta' Daniel Bogdanovic, fejn tidher il-kariga "Secretariat Officer". | B/AB/4 |

### Dokumenti – Dr Francis Fabri

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Email mibgħuta minn Dr Francis Fabri, Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, flimkien ma' ittra bla data, datata t-13 t'April 2021. | B/FF/1 |

| | |
|---|---|
| Ittra minn Dr Francis Fabri lill-Kummissarju għall-Istandards fejn jirrispondi għal numru ta' domandi rigward l-għoti ta' kuntratt għas-servizz lil Danijel Bogdanovic, bla data, li ntbagħtet bħala anness għall-email tat-13 t'April 2021. | B/FF/2 |
| Traskrizzjoni ta' xhieda ta' Dr Francis Fabri datata l-14 t'April 2021. | B/FF/3 |
| Email mibgħuta minn Dr Francis Fabri, bi tmien dokumenti annessi, datata l-5 ta' Mejju 2021. | B/FF/4 |
| Skambju ta' emails bejn is-Sur Kenneth Cutajar, il-Kap Eżekuttiv tal-kumpanija District Operations Ltd, u Dr Francis Fabri li jinkludi screenshot tad-database tal-gvern li juri d-dettalji tal-kont tal-email ta' Daniel Bogdanovic, fejn tidher il-kariga "Secretariat Officer" datati s-7 u d-9 ta' Diċembru 2020. | B/FF/5 |
| Email minn Dr Paul Debattista lil Dr Francis Fabri, b'żewġ dokumenti annessi, datata t-12 ta' Jannar 2021. | B/FF/6 |
| Dokument bit-titlu "An Overview of the modus operandi of the "Skola Nazzjonali tal-isport" mibgħut minn Dr Paul Debattista lil Dr Francis Fabri bl-email tiegħu tat-12 ta' Jannar 2021. | B/FF/6a |
| Dokument bit-titlu "Għaliex inħass il-ħtieġa li jsir evalwazzjoni tal-iSkola Nazzjonali tal-iSport" mibgħut minn Dr Paul Debattista lil Dr Francis Fabri bl-email tiegħu tat-12 ta' Jannar 2021. | B/FF/6b |
| Email mibgħuta mingħand l-uffiċċu tad-Direct Orders fil- Ministeru għall-Finanzi u Impjieg fejn tingħata l-approvazzjoni għall-għoti ta' direct order lil Danijel Bogdanovic, datata l-15 ta' Jannar 2021. | B/FF/7 |
| Kopja tal-kuntratt għas-servizz iffirmat bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u s-Sur Danijel Bogdanovic, datata l-21 ta' Jannar 2021 (iffirmata 26 ta' Frar 2021). | B/FF/8 |
| Nota ta' Danijel Bogdanovic fejn jelenka l-attivitajiet li għamel, approvata u ffirmata minn Dr Paul Debattista, datata d-19 ta' Frar 2021. | B/FF/9 |

| | |
|---|---|
| Fattura maħruġa mis-Sur Danijel Bogdanovic, li tinkludi approvazzjoni biex isir il-pagament iffirmata minn Dr Paul Debattista, datata d-19 ta' Frar 2021. | B/FF/10 |
| Voucher għal pagament maħruġ mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, datat il-5 ta' Marzu 2021. | B/FF/11 |
| Abbozz ta' rapport ta' 81 paġni bit-titlu "Assessment, Review and Recommendations for National Sports School", bl-awtur imniżżel bħala s-Sur Danijel Bogdanovic datat it-23 ta' Marzu 2021. | B/FF/12 |
| Traskrizzjoni tax-xhieda ta' Dr Francis Fabri, datat il-21 ta' Lulju 2021. | B/FF/13 |
| Email mibgħuta minn Dr Francis Fabri fejn jipprovdi kopja tal-ittra registrata li ntbagħtet lis-Sur Bogdanovic bħala notifika tat-terminazzjoni tal-kuntratt tas-servizz. Dr Fabri jagħti iktar informazzjoni dwar il-ħlas tal-paga tas-Sur Bogdanovic taħt il-CWS. Datata it-2 t'Awwissu 2021. | B/FF/14 |
| Annessi: | |
| - Email mingħand Dr Paul Debattista lil Dr Francis Fabri datata fejn Dr Debattista jippreżenta l-abbozz tar-rapport u jispjega illi dan mhuwiex ir-rapport finali kif intenzjonat, pero li hemm biżżejjed informazzjoni biex wieħed jaħdem. Datata l-24 ta Marzu 2021. | B/FF/14a |
| - Ittra mingħand Maria Galea, Direttur Ġenerali fid-Dipartiment għall-iStraġija u s-Sapport fil-Ministeru għall-Edukazzjoni lis-Sur Danijel Bogdanovic fejn tinnotifikah illi l-kuntratt ta' servizz qed jiġi tterminat. Datata t-23 ta' Marzu 2021. | B/FF/14b |
| Sommarju tax-xhieda ta' Dr Francis Fabri, datat is-16 ta' Settembru 2021. | B/FF/15 |

**KATEGORIJA B, IT-TIENI VOLUM**

**Dokumenti – Dr Paul Debattista**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Sommarju tax-xhieda ta' Dr Paul Debattista, datat l-4 t'Awwissu 2021. | B/PD/1 |

**Dokumenti – Is-Sur Kenneth Cutajar**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Sommarju tax-xhieda tas-Sur Kenneth Cutajar, fil-5 t'Awwissu 2021. | B/KC/1 |

**Dokumenti – Is-Sur John Borg**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Sommarju tax-xhieda tas-Sur John Borg, datat it-12 t'Awwissu 2021. | B/JB/1 |

**Dokumenti – Is-Sur Johnny Camilleri**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Sommarju tax-xhieda tas-Sur Johnny Camilleri, datat it-12 t'Awwissu 2021. | B/JCam/1 |

**Dokumenti – Is-Sur Danijel Bogdanovic**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Sommarju tax-xhieda tas-Sur Danijel Bogdanovic, datat it-23 t'Awwissu 2021. | B/DB/1 |
| Ittra mingħand is-Sur Danijel Bogdanovic lill-Kummissarju għall-Istandards, mibgħuta b'USB Drive, datata t-30 t'Awwissu 2021. | B/DB/2 |
| Kopja ta' abbozz tar-rapport mingħajr ifformattjar, bit-titlu "Assessment, Review and Recommendations for National Sports School" kif ipprovdut mis-Sur Bogdanovic fuq USB Drive, datata Marzu 2021. | B/DB/3 |

| | |
|---|---|
| Kopja parzjalment ifformattjata tal-abbozz tar-rapport bit-titlu "Assessment, Review and Recommendations for National Sports School", kif ipprovdut mis-Sur Bogdanovic fuq USB Drive, datata 23 ta' Marzu 2021. | B/DB/4 |

**Dokumenti – L-Onorevoli Dr Justyne Caruana**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Sommarju tax-xhieda tal-Onorevoli Dr Justyne Caruana, datat is-26 t'Awwissu 2021. | B/JC/1 |
| Sommmarju ta' laqgħa mal-Onorevoli Dr Justyne Caruana, datat 1 t'Ottubru 2021 | B/JC/2 |
| Sottomissjonijiet bil-miktub tal-Onorevoli Dr Justyne Caruana datati l-22 t'Ottubru 2021. | B/JC/3 |

**Dokumenti – Is-Sur Joe Caruana Curran**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Sommarju tax-xhieda tas-Sur Joe Caruana Curran, datat l-1 ta' Settembru 2021. | B/JCC/1 |
| Screenshots ta' messaġġi li nbtagħtu bil-whatsapp, bejn Dr Paul Debattista u s-Sur Joe Caruana Curran, ipprovduti mis-Sur Joe Caruana Curran fl-istess seduta u vverifikati mill-Kummissarju għall-Istandards. | B/JCC/2<br>B/JCC/2a |

**Dokumenti – Is-Sur Bjorn Vassallo**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Sommarju tax-xhieda tas-Sur Bjorn Vassallo, datat s-16 ta' Settembru 2021 | B/BV/1 |

**Dokumenti – People and Standards Division**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Itta mill-Kummissarju għall-Istandards lil Dr Joyce Cassar, Segretarju Permanenti (People and Standards Division) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, datata s-6 ta' Settembru 2021. | B/PSD/1 |
| Ittra mingħand Dr Joyce Cassar lill-Kummissarju għall-Istandards, datata s-7 ta' Settembru 2021. | B/PSD/2 |
| Itta mill-Kummissarju għall-Istandards lil Dr Joyce Cassar, Segretarju Permanenti (People and Standards Division) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, datata t-8 ta' Settembru 2021. | B/PSD/3 |
| Ittra mingħand Dr Joyce Cassar lill-Kummissarju għall-Istandards, datata d-9 ta' Settembru 2021. | B/PSD/4 |

**Dokumenti – Accountant General**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra mingħand Ms Paulanne Mamo, Accountant General, lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, datata d-9 ta' Settembru 2021. | B/AcG/1 |

**Dokumenti – Misc.**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Screenshot ċar tad-direttorju tal-Gvern li juri l-kont tal-email u dettalji tas-Sur Bogdanovic, bħala membru tas-Segretarjat tal-Ministru għall-Edukazzjoni. | B/Misc/1 |

**KATEGORIJA Ċ**

**Dokumenti – Is-Sinjura Alison Bogdanovic**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Kuntratt ta' impieg bejn il-Community Workers Scheme Enterprise Foundation u Daniel Bogdanovic, datat it-2 ta' Jannar 2018. | C/AB/1 |
| Kopji tar-riċevuti tal-paga ta' Danijel Bogdanovic taħt il-Community Work Scheme għal kull xahar minn Settembru sa Diċembru 2020. | C/AB/2 sa C/AB/5 |

**Dokumenti – Dr Francis Fabri**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Europass CV tas-Sur Danijel Bogdanovic, flimkien ma' ħames dokumenti annessi u mmarkati bħala Annex A1, A2, B1, B2 u C. | C/FF/1 |

**Dokumenti – Is-Sur Kenneth Cutajar**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Kopji tal-irċevuti tal-paga tas-Sur Bogdanovic li nħarġu mill-Community Work Scheme għall-perjodu Diċembru 2020 sa Lulju 2021. | C/KC/1a sa C/KC/1h |
| Email datata 24 t'Awwissu 2021mingħand is-Sur Kenneth Cutajar lill-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fejn jibgħat kopja tal-performance report tas-Sur Bogdanovic għas-sena 2020,. | C/KC/2 |
| Il-performance report tas-Sur Danijel Bogdanovic bħala impjegat tal-Community Work Scheme, bid-data tat-28 t'Ottubru 2021. | C/KC/3 |

**Dokumenti – Is-Sur Glenn Micallef**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Sommarju tax-xhieda tas-Sur Glenn Micallef, datat is-27 ta' Settembru 2021. | C/GM/1 |

| | |
|---|---|
| Ittra mingħand is-Sur Glenn Micallef lill-Kummissarju għall-Istandards datata s-27 ta' Settembru 2021. | C/GM/2 |
| Memorandum lill-Kap tas-Servizzi tas-Sigurtà mill-Kap tas-Segretarjat tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward talba għal *security clearance,* data l-4 ta' Jannar 2021. | C/GM/3 |

**Dokumenti – MITA**

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lill-Kap Eżekuttiv tal-MITA mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, datata t-31 t'Awwissu 2021. | C/M/1 |
| Email mingħand il-Kap Eżekuttiv tal-MITA lid-Direttur Ġenerali fl-uffiċċu tal-Kummissarju għall-Istandards, datata t-3 ta' Settembru 2021. | C/M/2 |
| Rapport mill-MITA lill-Kummissarju għall-Istandards li jispjega l-informazzjoni pprovduta kif ukoll jispeċifika lil min qed tingħata l-informazzjoni. Datat it-3 ta' Settembru 2021. | C/M/3 |

**Lista ta' emails relatati mar-rapport dwar l-NSS**

| *Suġġett tal-email u dokumenti annessi* | *Data u ħin* | *Dok Nru.* |
|---|---|---|
| Dr Debattista jibgħat kopja tas-CV tas-Sur Bogdanovic lil dan tal-aħħar. | 12 ta' Jannar 2021 15:16 | NSS/1 |
| (Anness: kopja tas-CV ta' Bogdanovic kif mibgħut minn Dr Debattista.) | | NSS/1a |
| Email mingħand Paul Debattista fejn jibgħat ħames spreadsheets mingħajr dettalji kompluti lil Danijel Bogdanovic, biex dawn jintbagħtu lill-istudenti tal-NSS. Dr Debattista jindika li iktar il-quddiem hu ser jipprepara ukoll questionnaires għall-istudenti. | 20 ta' Jannar 2021 16:03 | NSS/2 |
| (Annessi: spreadsheets vojta.) | | NSS/2a sa NSS/2e |

| | | |
|---|---|---|
| Email fejn Paul Debattista jipprovdi 'l Danijel Bogdanovic bi questionnaires ippreparati u vojta, u jagħtih struzzjonijiet fuq kif ser jiġi komplut il-field work għar-rapport fuq l-NSS. F'din l-email, Dr Debattista jindika kif ħa jiġi strutturat ir-rapport, min kienu n-nies li kellhom jiġu intervistati u f'liema stadju setgħu jinkitbu r-rakkomandazzjonijiet. | 20 ta' Jannar 2021 21:1 | NSS/3 |
| (Annessi: questionnaires għall-għalliema tal-NSS, ġenituri u għall-istudenti, vojta.) | | NSS/3a–3c |
| Is-Sur Bogdanovic jibgħat email lill-istudenti tal-Year 7 tal-NSS fejn jispjega l-għan tar-rapport tiegħu u jibgħat kwestjonarju biex jimlewh. | 12 ta' Frar 2021 12:25 | NSS/4 |
| Is-Sur Bogdanovic jibgħat email lill-istudenti tal-Year 8 tal-NSS fejn jispjega l-għan tar-rapport tiegħu u jibgħat kwestjonarju biex jimlewh. | 12 ta' Frar 2021 12:28 | NSS/5 |
| Is-Sur Bogdanovic jibgħat email lill-istudenti tal-Year 9 tal-NSS fejn jispjega l-għan tar-rapport tiegħu u jibgħat kwestjonarju biex jimlewh. | 12 ta' Frar 2021 12:30 | NSS/6 |
| Is-Sur Bogdanovic jibgħat email lill-istudenti tal-Year 10 tal-NSS fejn jispjega l-għan tar-rapport tiegħu u jibgħat kwestjonarju biex jimlewh. | 12 ta' Frar 2021 12:34 | NSS/7 |
| Is-Sur Bogdanovic jibgħat email lill-istudenti tal-Year 11 tal-NSS fejn jispjega l-għan tar-rapport tiegħu u jibgħat kwestjonarju biex jimlewh. | 12 ta' Frar 2021 12:36 | NSS/8 |
| Dr Debattista jagħti struzzjonijiet biex is-Sur Bogdanovic jistaqsi lill-HR [tal-NSS] u lis-Sur Magro għall-informazzjoni li għandu bżonn, inkluż il-proċess ta' reklutaġġ tal-NSS. | 15 ta' Frar 2021 09:39 | NSS/9 |
| Is-Sur Magro jagħti dettalji fil-qosor dwar kif l-istaff tal-NSS jiġu appuntati. | 17 ta' Frar 2021 22:08 | NSS/10 |

| | | |
|---|---|---|
| Dr Debattista jgħid lis-Sur Bogdanovic biex jistaqsi lis-Sur Magro dwar il-kriterji għall-għażla tal-coaches fl-NSS. | 17 ta'Frar 2021 23:13 | NSS/11 |
| Is-Sur Magro jirrispondi għal domanda tas-Sur Bogdanovic dwar il-kriterji biex jintagħżlu l-coaches. | 18 ta' Frar 2021 15:06 | NSS/12 |
| Bogdanovic jistaqsi jekk il-kriterji elenkati mis-Sur Magro japplikaw għal kull kowċ impjegat mal-NSS. Jistaqsi ukoll x'inhu r-rekwiżit minimu biex wieħed ikun kowċ mal-NSS. | 18 ta' Frar 2021 17:27 | NSS/13 |
| Dr Debattista jibgħat kopja ta' ittra mhux iffirmata, li tindika isem is-Sur Bogdanovic, li tispjega x-xogħol li għamel matul il-perjodu 21 ta' Jannar 2021 sad-19 ta' Frar 2021. | 19 ta' Frar 2021 11:08 | NSS/14 |
| (Anness: kopja mhux iffirmata tal-ittra li ntbagħtet mis-Sur Bogdanovic bl-ewwel fattura tiegħu.) | | NSS/14a |
| Dr Debattista jibgħat *scan* tal-istess ittra, issa ffirmata mis-Sur Bogdanovic u approvata minn Dr Debattista, lis-Sur Bogdanovic. | 19 ta' Frar 2021 11:12 | NSS/15 |
| (Anness: pdf tal-ittra finali, iffirmata u approvata.) | | NSS/15a |
| Dr Debattista jibgħat il-fattura tas-Sur Bogdanovic għall-perjodu 21 ta' Jannary sal-20 ta' Frar, fil-format *Word document*. | 19 ta' Frar 2021 12:00 | NSS/16 |
| (Anness: kopja tal-fattura tas-Sur Bogdanovic.) | | NSS/16a |
| Dr Debattista jibgħat *scan* tal-istess fattura, issa ffirmata mis-Sur Bogdanovic, lil dan tal-aħħar. | 19 ta' Frar 2021 12:05 | NSS/17 |
| (Anness: pdf tal-fattura finali, iffirmata.) | | NSS/17a |

| | | |
|---|---|---|
| Dr Debattista jagħti struzzjonijiet lis-Sur Bogdanovic biex jistaqsi s-Sur Magro dwar meta saret l-aħħar spezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fl-NSS. | 22 ta' Frar 2021 23:00 | NSS/18 |
| Bogdanovic jistaqsi meta saret l-aħħar spezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fl-NSS. | 22 ta' Frar 2021 23:14 | NSS/19 |
| Dr Debattista jissuġerixxi lis-Sur Bogdanovic li dan tal-aħħar jagħmel riċerka dwar l-iskejjel tal-isports barra minn Malta biex jara kif jimxu u l-kriterji ta' eliġibbiltà tagħhom. Jibgħat kopja ta' rapport magħmul minn skola nazzjonali tal-isport ta' pajjiż ieħor bħala eżempju ta' kif ir-rapport tas-Sur Bogdanovic jista' jinkiteb. | 24 ta' Frar 2021 13:50 | NSS/20 |
| (Anness: rapport tal-Endeavour Sports High School.) | | NSS/20a |
| Dr Debattista jibgħat sommarju tal-intervisti mal-istudenti li għamlu meta hu u Bogdanovic żjaru l-NSS dakinhar. | 1 ta' Marzu 2021 20:35 | NSS/21 |
| (Anness: sommarju tal-intervisti ippreparat minn Paul Debattista.) | | NSS/21a |
| Dr Debattista jibgħat dokument bil-kummenti li għamlu waqt iż-żjara u jgħid lil Bogdanovic biex jiċċekkja li inkluda kollox. | 1 ta' Marzu 2021 21:33 | NSS/22 |
| (Anness: dokument ippreparat minn Dr Debattista li jinkludi sittax-il punt u osservazzjonijiet.) | | NSS/22a |
| Dr Debattista jibgħat artiklu dwar skejjel tal-isports lil Bogdanovic biex jaqrah. | 2 ta' Marzu 2021 21:58 | NSS/23 |
| (Anness: artiklu mill-International School Parent Magazine.) | | NSS/23a |

| | | |
|---|---|---|
| Dr Debattista jibgħat rapport ippubblikat mill-entità Ingliża Ofsted lil Bogdanovic biex jaqrah. | 2 ta' Marzu 2021 22:09 | NSS/24 |
| (Anness: l-ewwel paġna tar-rapport tal-Ofsted.) | | NSS/24a |
| Dr Debattista jibgħat rapport ippubblikat mill-awturi Radtke u Coalter lil Bogdanovic biex jaqrah. Jgħidlu ukoll li għandu biżżejjed materjal biex jagħmel "*desk work*" u li dan għandu jkun kapitlu wieħed. | 2 ta' Marzu 2021 22:32 | NSS/25 |
| (Anness: l-ewwel paġna tar-rapport Radtke.) | | NSS/25a |
| Dr Debattista jgħid lil Bogdanovic biex ma jaħdimx fuq il-grafiċi peress li ħa jagħmilhom hu. | 3 ta' Marzu 2021 23:08 | NSS/26 |
| (Anness: *powerpoint* b'grafiċi.) | | NSS/26a |
| Dr Debattista jinfurma lil Bogdanovic illi lesta l-grafiċi u li għandhom jiġu inklużi f'kapitlu wieħed b'introduzzjoni li tispjega l-grafiċi. | 4 ta' Marzu 2021 19:17 | NSS/27 |
| (Annessi: analiżi u grafiċi.) | | NSS/27a |
| Dr Debattista jispjega lil Bogdanovic eżatt kif għandu jiġi strutturat il-kapitolu. | 4 ta' Marzu 2021 21:30 | NSS/28 |
| (Anness: analiżi miktub minn Paul Debattista.) | | NSS/28a |
| Dr Debattista jikteb lil Bogdanovic u jgħidlu biex juża ċertu verżjoni tal-analiżi li kiteb għall-ewwel paġna. | 4 ta' Marzu 2021 21:34 | NSS/29 |
| Dr Debattista jinfurma Bogdanovic illi reġa' għamel sett ta' grafiċi. Qal illi ħa jbiddel in-narrattiva biex tirrifletti din l-informazzjoni. | 5 ta' Marzu 2021 23:03 | NSS/30 |
| (Anness: *powerpoint* bi grafiċi.) | | NSS/30a |
| Dr Debattista jibgħat abbozz tal-kapitolu u indika liema paragrafi għandhom bżonn iktar informazzjoni. Qal lis-Sur Bogdanovic biex | 6 ta' Marzu 21:42 | NSS/31 |

| | | |
|---|---|---|
| jikkuntattja ex-studenti tal-NSS biex jiġbor informazzjoni. Qal li japprezza jekk dan jista' jsir sa' dik il-ġimgħa, kif ukoll jekk is-Sur Bogdanovic seta' jiġbor iktar informazzjoni dwar informazzjoni dwar l-istaff tal-NSS. | | |
| (Anness: abbozz ta' parti mill-kapitlu miktub minn Paul Debattista; grafiċi.) | | NSS/31a, NSS/31b |
| Dr Debattista jibgħat abbozz ta' introduzzjoni lil Bogdanovic u jgħidlu biex jikkunsidraha u forsi jespandi aktar fuqha. | 7 ta' Marzu 2021 08:21 | NSS/32 |
| (Anness: abbozz tal-introduzzjoni.) | | NSS/32a |
| Risposta minn Paul Debattista lil Bogdanovic wara dan l-aħħar bagħatlu email u staqsieh x'jaħseb sa issa. Debattista ifakkar lil Bogdanovic biex jinkludi grafiċi. | 8 ta' Marzu 2021 12:43 | NSS/33 |
| (Anness: *Powerpoint* ta' grafiċi) | | NSS/33a |
| Bogdanovic jgħid illi l-graffiċi qegħdin fil-format *Powerpoint.* | 8 ta' Marzu 2021 12:49 | NSS/34 |
| Dr Debattista jindika lil Bogdanovic rapport li kien għamel riferenza għalih u bagħat dokument miktub minnu. | 8 ta' Marzu 2021 13:09 | NSS/35 |
| (Anness: sommarju tal-intervisti mal-istudenti ippreparat minn Paul Debattista.) | | NSS/35a |
| Dr Debattista jinforma lis-Sur Bogdanovic illi għamel xi bidliet fis-segwenza tal-kapitoli, u li hu jikkunsidra ili l-kapitolu tal-introduzzjoni huwa ffinalizzat. Qal ukoll illi f'Kapitolu 7 żied xi ismijiet ta' footballers li lagħbu barra minn Malta. | 11 ta' Marzu 2021 22:51 | NSS/36 |
| (Anness: abbozz tar-rapport datat 11 ta' Marzu, fejn l-awtur jidher bħala Danijel Bogdanovic.) | | NSS/36a |

| | | |
|---|---|---|
| Dr Debattista jibgħat iktar grafiċi lil Bogdanovic.<br><br>(Anness, *Powerpoint* bi grafiċi ta' data fuq l-istudenti tal-NSS.) | 16 ta' Marzu 2021 22:07 | NSS/37<br><br>NSS/37a |
| Dr Debattista jibgħat iktar grafiċi emendati lil Bogdanovic peress li sab żball fl-anness surreferit. | 17 ta' Marzu 2021 09:57 | NSS/38 |
| Bogdanovic jirringrazzja lil Dr Debattista wara li dan l-aħħar bagħatlu verżjoni emmendat tal-abboz fejn inkluda kapitolu dedikat għar-rakommandazzjonijiet, u inkluda għaxra, b'rakkommandazzjoni waħda li kellha tiġi inkluża wara l-laqgħa mal-MFA, ASA u Assoċjazzjoni tal-Atletika | 18 ta' Marzu 2021 08:26 | NSS/39 |
| Dr Debattista jibgħat abbozz tar-rapport emmendat fejn żied is-sommarju eżekuttiv u spjega illi arranġa l-paġni biex il-kapitoli dejjem jibdew fuq ċerti paġni.<br><br>(Anness, abbozz tar-rapport datat 18 ta' Marzu bl-inizjali PD fit-tmiem tal-filename.) | 18 ta' Marzu 2021 23:09 | NSS/40<br><br>NSS/40a |
| Debattista jikteb b'risposta għal email li bagħat Bogdanovic, li fl-opinjoni tiegħu xi 90% tar-rapport hu lest. L-email chain li hemm taħt din ir-risposta jikkonstiti fis-segwenti:<br><br>- Email mingħand Paul Debattista fid-19 ta' Marzu (dakinhar stess) fid-9:05 lil Bogdanovic u l-Ministru. Debattista jgħid li min naħa tiegħu ikkonkluda l-kitba tar-rapport. Jispjega illi hemm bżonn min-naħa ta' Bogdanovic tal-inklużjoni tal-intervisti, sommarji tal-laqgħat, ritratti tal-iskola, introduzzjoni dwar l-amministrazzjoni (li Debattista jgħid diġà ta lil Bogdanovic miktub bl-idejn), u biex jiċċekkja għall-iżbalji ortografiċi. Debattista jistaqsi għal | 19 ta' Marzu 2021 19:07 | NSS/41<br><br>NSS/41a |

| | | |
|---|---|---|
| kwalunkwe kummenti minn Bogdanovic u mill-Ministru. | | |
| - Bogdanovic jirrispondi fid-19 ta' Marzu fis-19:05 fejn jgħid illi jaħseb illi 80% tar-rapport huwa lest, kemm idaħħal kollox wara l-laqgħa li għandhom ma' Joe Caruana Curran. | | NSS/41b |
| Debattista jikteb lil Bogdanovic u jgħidlu li kompla jirfina t-timetable u jissuġġerixxi illi juru dak l-attachment. | 20 ta' Marzu 2021 07:06 | NSS/42 |
| (Anness, excel spreadsheet ta' abbozz ta' timetable.) | | NSS/42a |
| Dr Debattista jifforwardja lil Bogdanovic skambju ta' emails li rċieva mingħand id-Direttur Ġenerali (Strategy and Support) tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, fejn ġie infurmat illi l-kuntratt għas-servizz tas-Sur Bogdanovic qed jiġi tterminat immedjatament, u x-xogħol li tlesta kellu jiġi sottomess sal-24 ta' Marzu. | 23 ta' Marzu 2021 20:54 | NSS/43 |
| Dr Debattista jifforwardja email li bagħat lill-Ministru Caruana lil Bogdanovic. F'dan l-email Debattista jibgħat l-abbozz tar-rapport lil Ministru. Jispjega illi fejn hemm paġni vojta, ħa idaħħal graffiċi, ftit minnhom li għandu bżonn isib fuq il-laptop tiegħu u ftit minnhom li ħa jippreparahom. Jirreferi ukoll għal paġna u qal illi kien ta paġna miktuba bl-idejn lil Bogdanovic. Debattista qal li jekk Bogdanovic isib il-paġna jew jekk qegħda fl-uffiċċu tal-Ministru ħa jittajpjaha hu. Jekk le, l-għada ħa jifformula [ir-rapport]. | 23 ta' Marzu 2021 23:40 | NSS/44 |
| Dr Debattista jibgħat email lil Bogdanovic fejn jindika li dan huwa l-abbozz tar-rapport li ġie ippreżentat. (Din il-verżjoni tar-rapport tidher li hija l-istess scan li hija inkluża fil-kategorija ta' | 24 ta' Marzu 2021 15:19 | NSS/45 |

| | | |
|---|---|---|
| evidenza B u għalhekk mhix qed tiġi annessa mill-ġdid.) | | |
| Dr Debattista jibgħat żewġ dokumenti lil Bogdanovic għall-firma tiegħu. | 24 ta' Marzu 2021 00:18 | NSS/46 |
| (Annessi: ittra fejn Bogdanovic jiddeskrivi x-xogħol li għamel fuq ir-rapport fil-perjodu 20 ta' Frar sa 23 ta' Marzu 2021, u fattura għall-ammont ta' €9,440, it-tnejn li huma mhux iffirmati.) | | NSS/46a, NSS/46b |
| Dr Debattista jifforwardja lil Bogdanovic email li bagħat lill-amministrazzjoni tal-ministeru bħala talba għall-ħlas tal-aħħar fattura. | 25 ta' Marzu 2021 11:38 | NSS/47 |
| (Annessi: scans tal-ittra u fattura surreferiti tas-Sur Bogdanovic issa iffirmati minnu u approvati minn Dr Debattista.) | | NSS/47a, NSS/47b |

**Lista' ta' emails rilevanti oħra**

| *Suġġett tal-email u dokumenti annessi* | *Data u ħin* | *Dok Nru.* |
|---|---|---|
| Ir-reġistrazzjoni tal-kont tal-email tal-gvern ta' Daniel Bogdanovic. | 4 ta' Diċembru 2020 10:50 | E/1 |
| Talba għal laptop ġdid għal Daniel Bogdanovic. | 10 ta' Diċembru 2020 10:23 | E/2 |
| Risposta għal diversi emails preċedenti dwar il-kiri ta' karozzi għall-użu tas-segretarjat. | 24 ta' Diċembru 2020 11:55 | E/3 |
| Dr Debattista jibgħat ittra lil Bogdanovic, liema ittra mingħand Dr Francis Fabri tikkonferma illi Bogdanovic ġie approvat għal kariga ta' Customer Care Officer fis-segretarjat. | 8 ta' Marzu 2021 fl-10:48 | E/4 |

| | | |
|---|---|---|
| (Annessa: ittra bl-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti għall-kariga tas-Sur Bogdanovic fis-segretarjat.) | | E/4a |
| L-uffiċjal tikkonferma illi l-ħlas għall-fattura nru. 001 fl-ammont ta' €5,900 sar u ntbagħat lit-Teżor għall-ipproċessar. | 10 ta' Marzu 2021 fl-14:33 | E/5 |
| Camilleri jibgħat lista ta' membri tas-segretarjat kif ukoll ix-xogħol tagħhom. (Isem is-Sur Bogdanovic ma jidhirx fil-lista pero huwa kkupjat fl-email.) | 11 ta' Marzu 2021 fid-21:55 | E/6 |
| Debattista jibgħat email rigward seduta parlamentari li irċieva hu mingħand uffiċjal tal-Parlament ta' Malta. | 17 ta' Marzu 2021 fis-19:11 | E/7 |
| Email rigward l-intervent tal-Ministru fid-dibattitu tal-Budget | 19 ta' Marzu 2021 22:03 | E/8 |
| Debattista jibgħat korrispondenza li rċieva mill-Uffiċju tal-Prim Ministru. Din il-korrispondenza tikkonsist f'email li ntbagħtet mill-Kap tas-Segretarjat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru lil Dr Debattista fejn ordna t-terminazzjoni immedjat tal-kuntratt tas-segretarjat tas-Sur Bogdanovic | 23 ta' Marzu 2021 15:39 | E/9 |
| Tonna jirrispondi għal email li rċieva rigward l-ewwel direct order li ngħata lil Bogdanovic fejn jgħid illi l-approvazzjoni formali għad-direct order ma ngħatatx għaliex l-MFED ma rrispondewx għad-domandi tal-MFIN | 24 ta' Marzu 2021 08:03 | E/10 |
| Debattista jibgħat żewġ dokumenti għall-firma ta' Bogdanovic, konsistenti f'talba għall-ħlas għall perjodu bejn Frar u Marzu u fattura għall-ammont ta' €9,440. | 24 ta' Marzu 2021 00:18 | E/11 |

| | | |
|---|---|---|
| (Annessi: deskrizzjoni tax-xogħol li għamel is-Sur Bogdanovic bejn l-20 ta’ Frar u t-23 ta’ Marzu, u fattura.) | | E/11a, E/11b |
| Debattista jibgħat kopja tal-abbozz lil Bogdanovic u jgħidlu li dan kien l-abbozz tar-rapport li ġie ppreżentat. | 24 ta’ Marzu 2021 15:19 | E/12 |
| Debattista jifforwardja email li bagħat lill-istaff tal-finanzi fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, lill-Ministru u lil Bogdanovic. L-email inkludiet kopja tal-aħħar fattura tas-Sur Bogdanovic għax-xogħol li għamel fuq ir-rapport tal-NSS. L-istess email sserviet bħala talba għall-pagament tal-ammont imsemmi f’dik il-fattura. | 25 ta’ Marzu 2021 11:38 | E/13 |
| (Anness: kopja tal-fattura u l-ittra.) | | E/13a,E/13b |

**DOKUMENT A1**

Email datata 21 ta' Marzu 2021 mingħand is-Sinjura Alison Bogdanovic

Lil
Kummissarju ghall-Istandards

Ghaziz Kummissarju,

Jien Alison Bogdanovic li noqghod 3, Orchidea Court, Triq ta' Kordina, Ghajnsielem, Ghawdex u ghandi l-karta tal-identita' numru 16483G.

Qed nibatlek sabiex tinvestiga abbuz u ksur tal-kodici tal-etika li sar mill-Ministru Justyne Caruana.

Il-Ministru bdiet relazzjoni mal-ex ragel tieghi Daniel Bogdanovic, minn wara dahri, diversi xhur ilu. Dan meta ahna konna ghandna mizzewgin u nghixu flimkien.

Il-Ministru abbuzat mill-pozizzjoni taghha ghaliex malli regghet saret Ministrue f'Dicembru li ghadda lir-ragel tieghi tatu posizzjoni fis-segretarjat privat taghha bhala Secretariat Officer.

Sa dak iz-zmien huwa kien jahdem fl-iskema tal-Haddiema tal-Komunita'. Skema ghal dawk li kienu jirregistraw ghax-xoghol.

Ftit wara ziditlu wkoll il-paga b'madwar 500 ewro fix-xahar.

Issa minn Jannar tatu kuntratt ta' 5,000 ewro fix-xahar.

Barra dan, huwa ghandu karozza tal-Ministeru bil-fuel kollu mhallas u mobile tal-Ministeru wkoll.

Barra minn hekk, tat ukoll direct orders lil huh Goran Bogdanovic mill-Ministeru tal-Edukazzjoni.

Sallum, ir-relazzjoni taghhom ghadha ghaddejja u dawn ikunu flimkien fil-pubbliku u mhux biss izda jorqdu flimkien ukoll. Jien ghandi l-provi dwar dan.

Irrid nghid ukoll li l-Ministru uzat l-posizzjoni taghha biex tipprova tkecci lill-ohti mix-xoghol. Lesta li niltaqa' mieghek u naghtik id-dettalji kollha.

Jien ghandi numru ta' dokumenti, filmati u dettalji li lesta nghaddilek jekk tibghat ghalija.

Nirringrazzjak

Alison Bogdanovic

**DOKUMENT A2**

Email datata 22 ta' Marzu 2021 mingħand il-Prof. Arnold Cassola

Ghaziz Dr Hyzler,,

Billi jinghad li Bogdanovic il- boyfriend tal-Ministru, nitolbok tinvestiga l-eticita' ta' dak msemmi hawn taht.

https://www.maltatoday.com.mt/news/national/108478/minister_gifts_footballer_friend_5000amonth_sports_contract nghad li Bogdanovic

Tislijiet,

Arnold Cassola

**DOKUMENT A3**

Riproduzzjoni ta' rapport li deher fil-ġurnal *MaltaToday* fit-22 ta' Marzu 2021

*Dan ir-rapport huwa aċċessibbli wkoll minn [https://www.maltatoday.com.mt/news/national/108478/minister_gifts_footballer_friend_5000amonth_sports_contract#.YV6m1dpBxPY](https://www.maltatoday.com.mt/news/national/108478/minister_gifts_footballer_friend_5000amonth_sports_contract#.YV6m1dpBxPY).*

# Minister gifts footballer friend €5,000-a-month sports contract

## Daniel Bogdanovic, footballer in 2016 police bail inquiry, kicked up from Community Work Scheme to ministry contractor

22 March 2021, 7:30am
by **Matthew Vella**




Daniel Bogdanovic will be paid €5,000 every month to visit various government schools and come up with recommendations and initiatives to improve the national school of sport's ability to produce elite athletes

On 10 January 2021, the education ministry communicated a vehement denial to MaltaToday that former Malta international Daniel Bogdanovic had been engaged as a member of Justyne Caruana's personal secretariat.

The denial, from spokesperson Etienne St John, came on the same Sunday that a print story was published. The story was never published online due to the

ministry's protestations on its content, even in spite of St John's characteristic economy when it comes to answering journalists' questions.

Despite a government business card in Bogdanovic's hands showing him as a "coordinating officer" within the education ministry, as well as a government directory entry showing him to be detailed as a "secretariat officer" to Caruana's ministerial secretariat, St John insisted that 'Bogy' was not a person of trust to the Gozitan minister of education. Instead the former Malta international was just part of the union-run Community Work Scheme.


Bogdanovic Daniel at MFED

BD

Secretariat Officer

General | Organization | Phone/Notes | Member Of | E-mail Addresses

Name

First: Daniel Initials: Last: Bogdanovic

Display: Bogdanovic Daniel at MFED Alias: daniel.bogdanovic

Address: GREAT SIEGE ROAD Title: Secretariat Officer

Company: Ministry for Education

City: Floriana Department: Ministry Secretariat - MFED

State: Office: Ministry Secretariat - MFED

Zip code: FRN 1810 Assistant:

Country/Region: Malta Phone:

Add to Contacts Actions

Justyne Caruana, a former Gozo minister, is herself a personal friend of Bogdanovic, and is today seen with him on social occasions.

The truth is: just 11 days after that ministerial denial, Bogdanovic's trusting friendship with education minister Justyne earned him a lucrative contract. €15,000 for three months' work on the national sports curriculum: no mean feat for someone with no pedagogical qualifications.

In a contract of service running from January 2021 to 20 April 2021, Bogdanovic, a former international footballer who is now the coach of Ghajnsielem FC in Gozo, will be paid €5,000 every month to visit various government schools and come up with recommendations and initiatives to improve the national school of sport's ability to produce elite athletes.


# CONTRACT FOR SERVICE

**Ministry for Education**

1. **Assignment of Duties and Responsibilities**

   An agreement is being entered into with Mr Daniel Bogdanovic, (ID 415999M) of P/H 20, Orchidea Court, Triq Ta' Cordina, Ghajnsielem, Gozo, hereunder referred to as the Contractee, to provide an overview of the Modus Operandi of the "Skola Nazzjonali tal-Isport" as detailed in Annex A within the Ministry for Education.

2. **Effective Date and Duration**

   This Agreement shall be for the period of three months; i.e. from 21st January 2021 to 20th April 2021.

3. **Payment**

   The Contractee shall be paid up to **Euro 15,000.00** (Excluding VAT) for the duration of the contract.

For a former footballer who obtained government employment through the Community Work Scheme in 2019, an intake programme for unemployed workers that is managed by the General Workers Union, it has been a steep climb.

On this fact alone, Caruana's spokesperson Etienne St John lied to MaltaToday when on 10 January he claimed the footballer was still on the CWS books and therefore "not employed by government". CWS salaries are ultimately paid by the government, which is why the scheme serves as a roundabout way for ministers to recommend voters to the GWU for an entry-level government job. In October 2020, Bogdanovic's CWS gross wage was €977. In December, a €540 allowance was added to his net takings. His job description was that of a "sports educator".

Then on 21 January 2021, he got a new contract of service signed off by permanent secretary Frank Fabri: "to provide an overview of the modus operandi of the Skola Nazzjonali tal-iSport", at €5,000 a month to assess the standards of academic and sports curriculum at the school; evaluate students' selection criteria; carry out a survey with past and present students on their school experience; compare academic and sports curricula in the UK, Germany, Italy, Spain and Cyprus with the Maltese; and issue recommendations to the Maltese ministry.

**Bogdanovic Gozo police inquiry**

There was a reason why news of Bogdanovic's position inside the education ministry was first published by MaltaToday: the former footballer's domestic violence arrest in 2016 and subsequent police bail was the subject of a government inquiry, launched after the story had been broken by MaltaToday.

The 2016 government inquiry was launched after MaltaToday reported a domestic violence case involving the then-Xewkija footballer. He had been kept overnight on a Saturday in a police cell, but was released from custody ahead of a 3pm Sunday kick-off even though a duty magistrate was expecting him to be arraigned under arrest on Monday morning.

MaltaToday reported that the Gozo police had been requested under pressure of a government official to release Bogdanovic in time for a Sunday match.

A subsequent inquiry had confirmed that Bogdanovic was in fact released from arrest earlier than scheduled; that Assistant Commissioner Carmelo Magri had inquired about the arrest with arresting officer Edel Mary Camilleri; that Magri had himself been previously contacted by the Xewkija Tigers coach Jesmond Zammit– who was then an aide to parliamentary secretary Ian Borg; and that officer Camilleri consented to the release on request of her own superior, Superintendent Antonello Grech.

A conversation between Grech and Camilleri, was described by the inquiry's chairman, former AFM commander Carmel Vassallo, as having "sounded like a warning".

In his inquiry, Vassallo concluded: "It could be that the telephone calls from AC Magri and particularly the conversation [Camilleri] had with her superintendent, brought the inspector to decide on police bail. The lack of sensitivity in this decision is present, without doubt."

"The seriousness of the case and the sensitivity necessary in treating domestic violence demand caution. The Inspector felt that the Superintendent's speech that Sunday morning sounded like a warning… So it made no sense in giving him police bail," Vassallo pointed out, "if such a serious threat as [Bogdanovic] made also necessitated issuing a protection order. In these circumstances, the choice had to be either police bail and a notification to appear in court, or to keep him under arrest as agreed with the magistrate, 37 hours later on Monday morning."

Bogdanovic was later fined €1,000 for misuse of telecommunications equipment in 2017 and had his firearms licence suspended for failing to properly store a handgun and a rifle in the manner required by law.